



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

14265/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0344(COD)

ENV 1092
CLIMA 558
AGRI 600
FORETS 110
ENER 553
TRANS 677
CODEC 1645

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Ottubru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 540 final
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, id-Direttiva 2006/118/KE dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament u d-Direttiva 2008/105/KE dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 540 final.

Mehmuż: COM(2022) 540 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.10.2022
COM(2022) 540 final

2022/0344 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, id-Direttiva 2006/118/KE dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament u d-Direttiva 2008/105/KE dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2022) 540 final} - {SWD(2022) 540 final} - {SWD(2022) 543 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-leġislazzjoni tal-UE dwar l-ilma għandha objettiv ġenerali li ttiproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mill-effetti kkombinati ta' sustanzi niġġiesa tossiċi u/jew persistenti. Din l-inizjattiva tikkonċerna d-Direttiva 2000/60/KE¹ (id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, jew id-WFD) u ż-żewġ direttivi “derivati” tagħha, id-Direttiva 2006/118/KE² (id-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art, jew il-GWD) u d-Direttiva 2008/105/KE³ (id-Direttiva dwar l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali, jew l-EQSD), li flimkien jiffokaw fuq il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art u tal-ilma tal-wiċċ⁴. Dawn jikkomplementaw biċċiet rilevanti oħrajn tal-leġislazzjoni dwar l-ilma, jiġifieri d-Direttiva (UE) 2020/2184 (id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb, jew id-DWD)⁵, id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE⁶ (id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi, jew l-UWWTD), id-Direttiva 2008/56/KE⁷ (id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, jew l-MSFD), id-Direttiva 2006/7/KE⁸ (id-Direttiva dwar l-Ilma għall-Għawm, jew il-BD), id-Direttiva 2007/60/KE⁹ (id-Direttiva dwar l-Għargħar, jew l-FD) u d-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE¹⁰ (id-Direttiva dwar in-Nitrati, jew in-ND).

Il-leġislazzjoni tinkludi listi ta' sustanzi niġġiesa u standards ta' kwalità, u tinkludi rekwiżiti għar-rieżami regolari tagħhom¹¹. L-Artikolu 16(4) tad-WFD jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrieżamina regolarment, f'intervalli ta' mill-anqas kull 4 snin, il-lista ta' sustanzi prijoritarji li joħlqu riskju għall-ambjent akkwatiku, jiġifieri kemm l-ilma tal-wiċċ kif ukoll l-ilma ta' taħt l-art. B'mod speċifiku, għall-ilma tal-wiċċ, l-Artikolu 8 tal-EQSD jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrieżamina l-Anness X tad-WFD (il-lista ta' sustanzi prijoritarji), filwaqt li għall-ilmijiet ta' taħt l-art, l-Artikolu 10 tal-GWD jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrieżamina kull 6 snin l-Annessi I u II tal-GWD innifisha. Din ir-reviżjoni, u l-valutazzjoni tal-impatt, iservu

¹ Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

² Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19).

³ Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84).

⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).

⁵ Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1).

⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40).

⁷ Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

⁸ Id-Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-immaniġġjar tal-kwalità tal-ilma għall-għawm u li tħassar id-Direttiva 76/160/KEE (ĠU L 64, 4.3.2006, p. 37).

⁹ Id-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar (ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27).

¹⁰ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).

¹¹ L-Artikolu 16(4) u 16(7) tad-Direttiva 2000/60/KE (WFD); l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2008/105/KE (EQSD) u l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2006/118/KE (GWD).

wkoll sabiex isir rapportar lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, kif imsemmi fl-Artikolu 8 tal-EQSD.

Il-ħtieġa li jiġu aġġornati l-listi ġiet ikkonfermata fil-kontroll tal-idoneità tal-2019¹², li kkonkluda wkoll li titjib ieħor fil-leġiżlazzjoni jżid l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tagħha. Filwaqt li jitqies l-oġettivi ġenerali tal-politika tal-UE dwar l-ilma, l-oġettivi ġenerali ta' din l-inizjattiva huma li:

- (1) iżżid il-protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE u tal-ekosistemi naturali f'konformità mal-Istrateġija għall-Bijodiversità¹³ u mal-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Zero¹⁴, it-tnejn inkorporati fil-Patt Ekoloġiku Ewropew¹⁵;
- (2) iżżid l-effettività u jitnaqqas il-piż amministrattiv tal-leġiżlazzjoni, sabiex l-UE tkun tista' tirrispondi aktar malajr għar-riskji emerġenti.

L-esponiment kimiku permezz tal-ilma tax-xorb jista' jwassal għal varjetà ta' effetti fuq is-saħħa għal żmien qasir u fit-tul. Is-sustanzi kimiċi jipperikolaw ukoll l-ambjent akkwatiku, u dan jirriżulta f'bidliet fi speċijiet dominanti u fi tnaqqis jew telf tal-bijodiversità. L-istabbiliment u l-kontroll ta' standards ta' kwalità ambjentali (EQS) għas-sustanzi kimiċi fil-korpi tal-ilma jikkomplementaw il-leġiżlazzjoni dwar is-sors u l-perkors, billi jimbottaw għal standards aktar stretti ta' produzzjoni, emissjoni jew użu, fejn meħtieġ, u jnaqqsu l-kostijiet tat-trattament tal-ilma tax-xorb.

L-oġettivi speċifiċi ta' din l-inizjattiva huma li:

1. taġġorna l-listi ta' sustanzi niġġiesa li jaffettwaw l-ilma tal-wiċċ u l-ilma ta' taħt l-art billi żżid u tneħħi s-sustanzi u taġġorna l-istandards ta' kwalità eżistenti;
2. ittejjeb il-monitoraġġ tat-taħlitiet kimiċi sabiex tivvaluta aħjar l-effetti ta' kombinament u tqis il-varjazzjonijiet staġunali fil-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġġiesa;
3. tarmonizza, kull fejn rilevanti, kif is-sustanzi niġġiesa fl-ilma tal-wiċċ u fl-ilma ta' taħt l-art jiġu indirizzati madwar l-UE;
4. tiżgura li l-qafas legali jkun jista' jiġi allinjat aktar malajr mas-sejbiet xjentifiċi sabiex ikun hemm rispons aktar fil-pront għall-kontaminanti ta' tħassib emerġenti;
5. ittejjeb l-aċċess għad-*data*, kif ukoll it-trasparenza u l-użu mill-ġdid tagħha, issaħħaħ il-konformità, tnaqqas il-piż amministrattiv u ttejjeb il-koerenza mal-qafas legali usa' tal-UE li jittratta s-sustanzi kimiċi.

L-għan aħħari tal-inizjattiva huwa li tistabbilixxi standards ġodda għal serje ta' sustanzi kimiċi ta' tħassib sabiex jiġi indirizzat it-tniġġis kimiku fl-ilma, sabiex jiġi ffaċilitat l-infurzar ibbażat fuq qafas legali simplifikat u aktar koerenti, sabiex tiġi żgurata informazzjoni

¹² Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Kontroll tal-idoneità tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, tad-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art, tad-Direttiva dwar l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali u tad-Direttiva dwar l-Għargħar, SWD(2019) 439 final.

¹³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 – Inreġġgħu n-natura lura f'haġġitna, COM(2020) 380 final.

¹⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Pjan ta' Azzjoni tal-UE Lejn Tniġġis Zero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija – Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd, COM(2021) 400 final.

¹⁵ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019) 640 final.

dinamika u aġġornata dwar l-istat tal-ilma, iffaċilitat mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (“EEA”), u sabiex jinholq qafas aktar flessibbli għall-indirizzar tas-sustanzi niġġiesa ta’ tħassib emerġenti. Dan ikun ibbażat fuq involviment wiesa’ tal-partijiet ikkonċernati, kif ukoll appoġġ xjentifiku sod mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (“ECHA”) sabiex jiġu żgurati sinerġiji u koerenza massimi fil-liġijiet tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika**

Il-proposta hija konsistenti bis-sħiħ ma’ leġiżlazzjoni oħra dwar l-ilma. Fir-rigward tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi (UWWTD), li għaliha qiegħda tiġi ppreżentata proposta għal reviżjoni fl-istess ħin ma’ din il-proposta, il-mikrosustanzi niġġiesa huma sfida ewlenija. Il-ħtieġa li dawn jitneħħew fil-faċilitajiet għat-trattament tal-ilma mormi tgħolli l-kost tat-trattament, u t-neħħija mhux dejjem tkun possibbli. Għalhekk, din il-proposta għandha l-għan li tistimula aktar azzjoni upstream billi tnaqqas l-emissjonijiet fis-sors. It-trattament tal-ilma mormi se jkun partikolarment importanti għal xi kategoriji ta’ sustanzi niġġiesa: il-farmaċewtiċi u s-sustanzi fi prodotti tal-kura personali minħabba li dawn jiġu skarikati l-aktar f’ambjent urban.

Billi tevita t-tniġġis tal-ilma, il-proposta se tkun ta’ benefiċċju wkoll għall-potenzjal għall-użu mill-ġdid tal-ilma, inkluż għal skopijiet ta’ tisqija f’konformità mar-Regolament il-ġdid dwar ir-rekwiżiti minimi għar-Regolament (UE) 2020/741 dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma¹⁶.

Din il-proposta hija konsistenti wkoll mad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb (DWD) li ġiet riveduta reċentement, li għandha tiġi trasposta fl-Istati Membri kollha tal-UE sa Jannar 2023. Billi tindirizza t-tniġġis tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta’ taħt l-art, din il-proposta se tipproteġi sorsi vitali tal-ilma tax-xorb u tnaqqas il-kostijiet tat-trattament. Id-DWD u din il-proposta jindirizzaw firxa wiesgħa ta’ sustanzi niġġiesa, b’mod partikolari l-pestiċidi, il-farmaċewtiċi u l-grupp ta’ sustanzi perfluoroalkilati u polifluoroalkilati (PFAS). Fir-rigward tal-PFAS, għandu jiġi nnotat li din il-proposta, għall-kuntrarju tad-DWD riveduta, ibbenefikat mill-aktar parir reċenti tal-EFSA dwar il-PFAS adottat fid-9 ta’ Lulju 2020. Bħad-DWD, din il-proposta timmira wkoll lejn il-mikroplastiks mhux immedjatament iżda wara li tkun ġiet żviluppata metodoloġija għall-monitoraġġ. Din il-proposta se titqies fl-evalwazzjoni li għaddejjja tad-Direttiva dwar l-Ilma għall-Għawm (BWD) u jekk il-BWD tiġi riveduta, din se tkun parti mill-linja bażi mibnija għall-valutazzjoni tal-impatt tal-BWD.

Il-proposta hija konsistenti wkoll mal-proposti reċenti tal-Kummissjoni¹⁷ sabiex jiġu riveduti l-miżuri tal-UE sabiex jiġi indirizzat it-tniġġis minn installazzjonijiet industrijali kbar li, minbarra li jwessgħu l-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali (IED), ifittxu wkoll li jtejbju l-effiċjenza fir-riżorsi u jiżguraw li r-rekwiżiti tal-ħruġ tal-permessi jkunu kkontrollati aħjar u aktar integrati, inkluż billi jiġu ċċarati r-regoli applikabbli għar-rilaxx indirett ta’ sustanzi niġġiesa fl-ilma permezz ta’ impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi. Il-proposti jimmiraw ukoll li jrawmu l-innovazzjoni sabiex jindirizzaw sustanzi kimiċi persistenti u sustanzi li għadhom kif ġew identifikati bħala ta’ tħassib, inklużi l-PFAS, il-mikroplastiks u l-farmaċewtiċi. Il-proċess ta’ “skambju ta’ informazzjoni” skont l-IED riveduta sabiex jitfasslu u jiġu rieżaminati d-dokumenti ta’ referenza tal-aħjar teknika disponibbli se jqis l-identifikazzjoni ta’ sustanzi ta’ tħassib skont il-liġi tal-UE dwar l-ilma, inklużi sustanzi fuq il-“listi ta’ sorveljanza” għall-ilma tal-wiċċ u għall-ilma ta’ taħt l-art, kif

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2020/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Mejju 2020 dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma (ĠU L 177 tal-5.6.2020, p. 32).

¹⁷ COM (2022) 156 final/3 u COM/2022/157 final.

ukoll sustanzi li jgħolqu riskju sinifikanti għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu fil-livell tal-UE.

• **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din l-inizjattiva hija parti mill-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni tal-2022 u azzjoni ewlenija fil-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero. Bħall-inizjattivi kollha taħt il-Patt Ekoloġiku Ewropew, din għandha l-għan li tiżgura li l-oġettivi jintlaħqu bl-aktar mod effettiv u bl-aqas mod oneruż u li jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". Hija tirfina, taġġorna u tadatta l-leġiżlazzjoni eżistenti fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku. L-enfasi tagħha hija fuq id-definizzjoni tal-ambizzjoni ta' tniġġis żero għas-sustanzi li jniġġsu l-ilma u, b'hekk, il-livell ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u għall-ekosistemi naturali. Hawnha miżuri li jeħtieġ li jinkisbu huma indirizzati minn inizjattivi oħrajn, relatati mill-qrib, tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dawn jinkludu:

- L-Istrateġija għall-Bijodiversità u l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt¹⁸, li għandhom l-għan li jnaqqsu l-użu tal-pestiċidi, l-użu tal-fertilizzanti, it-telf tan-nutrijenti u l-bejgħ tal-antimikrobiċi sal-2030. Hawnha mit-tnaqqis fl-użu tal-pestiċidi għandu jinkiseb mill-proposta tal-Kummissjoni¹⁹ għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115. Rieżami futur tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009²⁰ dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (PPPs) jista' jkollu rwol ukoll;
- L-Istrateġija tal-UE dwar il-Plastik²¹ u l-inizjattiva li jmiss tal-UE dwar il-mikroplastiks, li għandhom l-għan li jilhqnu l-miri tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero sabiex jitnaqqsu l-iskart, l-iskart tal-plastik fil-baħar u l-mikroplastiks rilaxxati fl-ambjent sal-2030;
- Id-Direttiva (UE) 2019/904²² (id-Direttiva dwar il-Plastik li Jintuża Darba Biss, jew l-SUPD), li għandha l-għan li tillimita l-użu ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, pereżempju billi tintroduċi obbligi ta' mmaniġġjar tal-iskart u ta' tindif għall-produtturi (inklużi skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi);
- Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari²³, li jgħid b'mod partikolari miżuri sabiex jitnaqqsu l-mikroplastiks u evalwazzjoni tad-Direttiva tal-

¹⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent, COM(2020) 381 final.

¹⁹ COM(2022) 305 final.

²⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jgħid id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

²¹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari, COM/2018/028 final.

²² Id-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent (ĠU L 155, 12.6.2019, p. 1).

²³ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva, COM/2020/98 final.

Kunsill 86/278/KEE²⁴ (id-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ, jew l-SSD), li tirregola l-kwalità tal-ħama użata fl-agrikoltura;

- L-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà²⁵, li tirrikonoxxi li s-sustanzi kimiċi huma essenzjali għall-benesseri tas-soċjetà moderna, iżda li għandha l-għan li ttiproteġi aħjar liċ-ċittadini u lill-ambjent kontra l-proprjetajiet perikolużi possibbli tagħhom. L-Istrateġija tistabbilixxi wkoll l-oġettiv li nimxu lejn approċċ ta' "sustanza waħda, valutazzjoni waħda" billi ttejjeb l-effiċjenza, l-effettività, il-koerenza u t-trasparenza tal-valutazzjonijiet tas-sikurezza tas-sustanzi kimiċi fil-leġiżlazzjoni rilevanti kollha. Għal din ir-raġuni, din il-proposta tassenja rwol ċentrali lill-ECHA sabiex twettaq ir-rwol ta' appoġġ xjentifiku għall-identifikazzjoni futura tas-sustanzi li jniġġsu l-ilma, kif ukoll sabiex tipproponi standards ta' kwalità rilevanti; L-Approċċ Strateġiku tal-2019 għall-Farmaċewtiċi fl-Ambjent²⁶ (li jirriżulta direttament mir-reviżjoni tal-2013 tal-EQSD) u l-Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa²⁷, li t-tnejn jissottolinjaw l-impatti ambjentali u potenzjali fuq is-saħħa tat-tniġġis minn residwi farmaċewtiċi u jelenkaw firxa ta' azzjonijiet imfassla sabiex jindirizzaw dawn l-isfidi. Ir-reviżjoni li jmiss tal-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem hija mistennija li tipprovdi segwitu xieraq. Bl-istess mod, billi telenka bosta mediċini antimikrobiċi, kif ukoll il-fidda tal-metall, din il-proposta hija konsistenti mal-istrateġija tal-UE fil-qasam tar-reżistenza għall-antimikrobiċi;
- L-Istrateġija Ewropea għad-Data²⁸, li tissottolinja li d-data ġġenerata mis-settur pubbliku għandha tkun disponibbli għall-ġid komuni, sabiex tkun tista' tintuża kif xieraq, pereżempju, minn riċerkaturi, istituzzjonijiet pubbliċi oħrajn u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).
- Din il-proposta hija konsistenti wkoll mar-rapport finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u mar-rakkomandazzjonijiet espliċiti li fiha miċ-ċittadini dwar it-tniġġis żero b'mod ġenerali u, b'mod partikolari, il-proposti dwar l-indirizzar tat-tniġġis. Il-proposti finali li ġejjin huma speċifikament rilevanti f'dan il-kuntest:
 - Il-Proposta 1.4 għal: "It-tnaqqis b'mod sinifikanti tal-użu ta' pestiċidi u fertilizzanti kimiċi, f'konformità mal-miri eżistenti, filwaqt li xorta jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u l-appoġġ għar-riċerka biex jiġu żviluppati alternattivi aktar sostenibbli u naturali";
 - Il-Proposta 2.7 għal: "Il-protezzjoni tas-sorsi tal-ilma u l-ġlieda kontra t-tniġġis tax-xmajjar u tal-oċeani, inkluż permezz tar-riċerka u l-ġlieda kontra t-tniġġis tal-mikroplastik".

²⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-protezzjoni tal-ambjent, u b'mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-drenaġġ jintuża fl-agrikoltura (ĠU L 181, 4.7.1986, p. 6).

²⁵ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà, Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità COM(2020) 667 final.

²⁶ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, Approċċ Strateġiku tal-Unjoni Ewropea għall-Farmaċewtiċi fl-Ambjent, COM(2019) 128 final.

²⁷ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija Farmaċewtika għall-Ewropa, COM/2020/761 final.

²⁸ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar Strateġija Ewropea għad-Data, COM/2020/66 final.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 192 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). F'konformità mal-Artikoli 191 u 192(1) tat-TFUE, l-UE hija meħtieġa tikkontribwixxi għall-insewiment tal-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent; il-promozzjoni ta' miżuri f'livell internazzjonali sabiex jitttrattaw problemi ambjentali reġjonali jew dinjija; u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-korpi tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art fl-UE huma mniġġsa minn firxa ta' sustanzi niġġiesa. It-tniġġis jivvjaġġa downstream u taħt l-art, u 60 % tad-distretti tal-baċiri idrografiċi Ewropej huma internazzjonali (kondiviżi jew bejn l-Istati Membri jew inkella bejn Stat Membru u pajjiż terz). Għal din ir-raġuni, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri hija essenzjali u hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-UE sabiex jiġu indirizzati t-tniġġis u impatti transfruntiera oħrajn billi jiġu ffixxati standards armonizzati u jiġu stabbiliti sistemi armonizzati għall-ġbir u l-kondiviżjoni tad-data. Mingħajr azzjoni fil-livell tal-UE, isir għali wisq, speċjalment għall-Istati Membri downstream, li jindirizzaw it-tniġġis.

Il-kontroll tal-idoneità tal-2019 tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ilma kkonferma li d-WFD u ż-żewġ direttivi derivati tagħha wasslu għal jew saħħew azzjoni sabiex jindirizzaw il-pressjonijiet transfruntiera fuq ir-riżorsi tal-ilma fil-livell tal-baċir idrografiku, fuq livell kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali.

B'mod speċifiku b'rabta mas-sustanzi niġġiesa, il-leġiżlazzjoni tagħmel distinzjoni bejn is-sustanzi kkunsidrati li jippreżentaw riskju fil-livell tal-UE u s-sustanzi ta' tħassib reġjonali jew nazzjonali, u tindirizzahom b'mod differenti. Din l-inizjattiva tfittex li ttejjeb kif is-sustanzi ta' tħassib reġjonali u nazzjonali jiġu ttrattati mill-Istati Membri.

Fejn jiġu stabbiliti standards ta' kwalità ambjentali tal-UE, l-UE tintroduċi objettivi komuni sabiex tintlaħaq l-ambizzjoni ta' tniġġis żero abbażi ta' evidenza xjentifika, iżda tħalli lill-Istati Membri l-flessibbiltà li jiddeċiedu dwar l-aktar mod kosteffettiv sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, filwaqt li jqisu l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE bbażata fuq is-sors. Meta tagħmel dan (objettivi komuni bi flessibbiltà sabiex jintlaħqu), hija toħloq rabta mal-leġiżlazzjoni bbażata fuq is-sors fil-livell tal-UE (bħall-użu sostenibbli tal-pestiċidi) u tgħin sabiex tiżgura twassil effettiv tal-għanijiet stabbiliti f'dik il-leġiżlazzjoni.

• Proporzjonalità

Il-proposta tirrevedi l-listi eżistenti ta' sustanzi li jniġġsu l-ilma tal-wiċċ u l-ilma ta' taħt l-art u tistabbilixxi jew taġġorna l-istandards ta' kwalità ambjentali li għandhom jiġu ssodisfati mill-Istati Membri, filwaqt li tiddependi ħafna fuq leġiżlazzjoni oħra tal-UE li tindirizza s-sors tat-tniġġis jew tirregola l-emissjonijiet tagħhom matul il-produzzjoni u l-użu (bħal restrizzjonijiet fuq l-użu ta' ċerti sustanzi taħt REACH²⁹ jew il-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-permessi ta' installazzjonijiet industrijali taħt l-IED) u li l-għażla ta' miżuri speċifiċi titħalla f'idejn l-Istati Membri. Billi kull korp tal-ilma fl-UE għandu l-karatteristiċi speċifiċi tiegħu stess (il-klima, il-fluss, il-kundizzjonijiet ġeoloġiċi, eċċ.) u mhux neċessarjament ikun soġġett għall-istess pressjonijiet bħal korpi tal-ilma oħrajn, li l-għażla tal-

²⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

miżuri titħalla f'idejn l-awtoritajiet tal-ilma tal-Istati Membri hija korretta mil-lat ta' proporzjonalità.

Il-kontroll tal-idoneità tal-2019 tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ilma kkonferma l-valur miżjud tad-WFD, tal-EQSD u tal-GWD. Il-valutazzjoni tal-impatt għal din il-proposta tikkonferma li s-sustanzi kkunsidrati sabiex jiżdiedu mal-listi ta' sustanzi niġġiesa bi standards ta' kwalità mal-UE kollha jippreżentaw riskju fil-livell tal-UE. Ġew identifikati numru żgħir ta' sustanzi diġà elenkati li ma għadhomx meqjusa bħala sustanzi ta' tħassib għall-UE kollha, iżda li xorta jista' jkollhom bżonn jiġu indirizzati fil-livell nazzjonali. Din il-proposta tistabbilixxi proċedura li tippermetti lill-Kummissjoni Ewropea tindirizza l-inkonsistenzi fil-mod kif l-Istati Membri jiddeċiedu dwar is-sustanzi li għandhom jirregolaw fil-livell nazzjonali u dwar l-istandards ta' kwalità li għandhom jistabbilixxu għalihom.

- **Għażla tal-istrument**

L-inizjattiva tiegħi l-forma ta' direttiva minħabba li din hija l-aktar strument legali xieraq sabiex isiru emendi fid-direttivi rilevanti eżistenti.

Direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri jittrasponu d-dispożizzjonijiet fis-sistemi legali sostantivi u proċedurali nazzjonali tagħhom u jimplimentaw miżuri li se jilhqgħu l-oġġettivi. Dan l-approċċ jagħti lill-Istati Membri aktar libertà minn regolament, billi l-Istati Membri jistgħu jagħżlu l-aktar miżuri xierqa sabiex jiksibu l-obbligi tar-riżultat miftiehma.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Fl-2019, tlestiet evalwazzjoni tal-kontroll tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ilma li tkopri d-WFD, l-EQSD, il-GWD u l-FD. Il-kontroll tal-idoneità kkonkluda li, għalkemm il-leġiżlazzjoni hija fil-biċċa l-kbira idonea għall-iskop tagħha, hemm lok għal titjib b'rabta mal-indirizzar tat-tniġġis kimiku. Il-kontroll tal-idoneità sab li, b'mod ġenerali, hemm tliet raġunijiet għaliex sar biss progress limitat lejn l-ilhug tal-oġġettivi ġenerali tal-leġiżlazzjoni:

l-integrazzjoni inadegwata tal-oġġettivi tal-ilma f'politiki rilevanti oħrajn;

l-investiment inadegwat fl-Istati Membri fi proġetti u programmi relatati mal-ilma;

l-isforzi ta' implimentazzjoni inadegwati.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni, ġew enfasizzati bosta nuqqasijiet b'rabta mat-tniġġis kimiku: id-diversità kbira fl-istandards tal-kwalità għal sustanzi niġġiesa rilevanti fil-livell nazzjonali, il-piż amministrattiv assoċjat mar-rapportar, in-nuqqas ta' speċifità u l-puntwalità tal-informazzjoni rrapportata u l-proċess li jirrikjedi ħafna riżorsi u li jieħu ħafna ħin għall-aġġornament tal-listi ta' sustanzi niġġiesa. Din il-proposta tindirizza dawn in-nuqqasijiet. Barra minn hekk, hija tqis is-sejbiet rilevanti mill-kontroll tal-idoneità tal-2019 tal-aktar leġiżlazzjoni rilevanti dwar is-sustanzi kimiċi³⁰ u l-impenji li saru fl-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà. B'mod partikolari, hija tiegħu pass lejn monitoraġġ aktar olistiku (taħlita) billi tintroduċi l-użu ta' metodi bbażati fuq l-effett, u tinkludi

³⁰ Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni - Kontroll tal-Idoneità tal-aktar leġiżlazzjoni rilevanti dwar is-sustanzi kimiċi (minbarra REACH), kif ukoll aspetti relatati tal-leġiżlazzjoni applikati għall-industrija downstream, SWD(2019) 199 final.

dispożizzjonijiet sabiex ittejjeb il-puntwalità, l-effiċjenza u l-koerenza tal-valutazzjoni tal-perikli u tar-riskji (pereżempju, billi tiffaċilita l-kondiviżjoni tad-*data* u l-applikazzjoni tal-approċċ “sustanza waħda, valutazzjoni waħda”).

Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni (REFIT)

Il-Valutazzjoni tal-Impatt ikkunsidrat l-għażliet għas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż. It-tneħħija ta' sustanzi, mil-lista ta' sustanzi li jniġġsu l-ilma tal-wiċċ, tikkostitwixxi tnaqqis limitat tal-piż, bħalma jagħmel it-tibdil tar-reviżjoni tal-lista ta' sorveljanza kull 3 snin minflok kull sentejn, u tar-reviżjoni tal-listi ta' sustanzi li jniġġsu l-ilma tal-wiċċ u l-ilma ta' taħt l-art permezz ta' atti delegati minflok permezz ta' kodeċiżjoni. Il-ħolqien ta' mekkaniżmu awtomatiku għat-twassil tad-*data* skont id-WFD u l-EQSD se jnaqqas il-piż tar-rapportar fuq l-Istati Membri, l-istess kif se tagħmel l-abolizzjoni tar-rapport interim dwar il-programm ta' miżuri skont l-Artikolu 15(3) tad-WFD. It-titjib tal-linji gwida eżistenti għal Miżuri bbażati fuq l-Effett u l-iżvilupp ta' metodoloġija armonizzata għall-monitoraġġ tal-mikroplastiks se jissimplifikaw il-ħidma tal-Istati Membri f'dawn l-oqsma.

Fl-iżvilupp tal-Valutazzjoni tal-Impatt, ġew applikati l-karatteristiċi bażiċi tat-test tal-SMEs u r-riżultati ġew innotati b'mod partikolari fit-Taqsima 6. L-SMEs huma attivi fil-produzzjoni u l-użu tas-sustanzi niġġiesa rilevanti. Għandu jiġi nnotat li l-identifikazzjoni u l-kwantifikazzjoni preċiżi tal-impatti ġeneralment ma jkunux possibbli minħabba l-fatt li l-impatt se jiddependi fuq il-miżuri li jieħdu l-Istati Membri sabiex jilhqqu l-oġġettivi tal-leġislazzjoni.

Opinjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju

Fl-24 ta' Ġunju 2022, il-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju ħareġ opinjoni pożittiva b'riżervi. Huwa talab bidliet sabiex jiġu rrettifikati b'mod partikolari tliet aspetti: (1) it-tfassil tal-għażliet, li kien meqjus bħala kumpless iżżejjed u li ma joħroġx b'mod ċar l-għażliet ta' politika ewlenin; (2) l-impatti fuq l-SMEs u fuq iċ-ċittadini li ma kinux ikkunsidrati li ġew analizzati biżżejjed, bir-rapport ma jivvalutax kif jistgħu jiġu affettwati l-Istati Membri individwali; (3) ir-rapport ma kienx meqjus bħala ċar dwar l-ordni tal-kobor tal-impatti mistennija, li ma jivvalutax b'mod kritiku l-validità tal-estimi illustrattivi tal-benefiċċji u tal-kostijiet u r-rilevanza tagħhom għall-inizjattiva, u t-tqabbil tal-għażliet ma huwiex maħsub li jkun ibbażat fuq l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tagħhom.

B'reazzjoni għal dan, l-għażliet ta' politika ġew issimplifikati, permezz ta' tnaqqis tan-numru ta' għażliet u aggregazzjoni tal-għażliet. L-impatti fuq l-SMEs ġew żviluppati aktar fit-test kollu, l-istess bħall-informazzjoni dwar l-impatti fuq il-konsumaturi u fuq l-Istati Membri. L-interpretazzjoni taċ-ċifri tal-kostijiet u tal-benefiċċji ġiet ċċarata sabiex tiġi evitata l-impressjoni li dawn jistgħu jiġu interpretati bħala li huma marbuta biss ma' din l-inizjattiva. It-test fuq il-prinċipju ta' “One In, One Out” tlesta. Fl-aħħar nett, il-valutazzjoni tal-effettività, tal-effiċjenza u tal-koerenza għall-għażliet żdiedet mat-test.

• Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Saret konsultazzjoni estensiva mal-partijiet ikkonċernati sabiex tiġi appoġġata t-tħejjija ta' din il-proposta. Abbażi tal-linji gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar, fl-2021 saru kemm konsultazzjoni pubblika miftuħa kif ukoll sħarriġ tal-esperti, bir-riżultati jiddaħħlu fil-valutazzjoni tal-impatt għal din il-proposta. In-network permanenti tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati li jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-WFD u tad-direttivi derivati tagħha nżammu informati u, b'mod partikolari, il-Gruppi ta' Ħidma dwar is-Sustanzi Kimiċi u l-Ilma ta' Taħt l-Art ġew ikkonsultati b'mod estensiv.

Għas-sustanzi individwali u għall-gruppi ta' sustanzi identifikati għall-elenkar bħala sustanzi li jniġġsu l-ilma tal-wiċċ, tħejjew dossiers tekniċi estensivi miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni, appoġġati minn sottogruppi ta' esperti tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati. Fl-aħħar nett, bħala parti mir-rieżami mill-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji Sanitarji, Ambjentali u Emerġenti (SCHEER), ġew ippubblikati opinjonijiet preliminari (filwaqt li ġew osservati 4 ġimġhat ta' kummenti matul il-perjodu), bir-riżultati jiddaħħlu fl-opinjoni ta' SCHEER. Għal ftit sustanzi, ir-rieżami ma huwiex iffinalizzat. Għalhekk, il-valuri proposti ġew immarkati bħala “soġġetti għal konferma fid-dawl tal-opinjoni mitluba minn SCHEER”. Il-valuri finali kollha proposti se jkunu kompletament konsistenti mal-parir xjentifiku.

- **Għbir u użu tal-għarfien espert**

Il-JRC ipprova għarfien espert intern, b'mod partikolari għall-għażla ta' sustanzi li jniġġsu l-ilma tal-wiċċ u d-derivazzjoni ta' standards ta' kwalità ambjentali (EQS). Ġie pprovdut għarfien espert tekniku estern, inkluż dwar is-sustanzi li jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art, minn esperti mill-Gruppi ta' Ħidma dwar is-Sustanzi Kimiċi u l-Ilma ta' Taħt l-Art. Il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni kienet appoġġata minn studju mħejji minn konsulenti esterni, li rrieżamina l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali ta' firxa ta' għażliet ta' politika potenzjali, filwaqt li jitqiesu l-impatti mistennija tal-politiki eżistenti u ppjanati fil-livell tal-UE u l-inputs mill-partijiet ikkonċernati. Id-dossiers tas-sustanzi tal-JRC, ir-rapporti mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art, ir-rapport ta' studju tal-konsulenti u r-rapporti tal-workshops tal-partijiet ikkonċernati huma disponibbli f'[CIRCABC](#)³¹.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-valutazzjoni tal-impatt eżaminat it-tliet gruppi ta' għażliet, jiġifieri għażliet relatati mal-ilmijiet tal-wiċċ, għażliet relatati mal-ilmijiet ta' taħt l-art, u għażliet trażversali. Għall-ilmijiet tal-wiċċ, hija vvalutat l-impatt taż-żieda ta' firxa ta' sustanzi (minn fost il-farmaċewtiċi, il-pestiċidi, is-sustanzi kimiċi industrijali u l-metalli rieżaminati) mal-lista ta' sustanzi prijoritarji, u b'hekk l-impatt tal-istabbiliment ta' EQS mal-UE kollha għalihom. Għal bosta sustanzi prijoritarji eżistenti, hija rrieżaminat l-impatt tat-tibdil tal-EQS tagħhom (abbażi ta' evidenza xjentifika ġdida). Għal xi sustanzi prijoritarji eżistenti oħrajn, hija eżaminat l-impatt tat-tneħħija tagħhom mil-lista. Għall-ilmijiet ta' taħt l-art, il-valutazzjoni tal-impatt rrieżaminat l-impatt taż-żieda ta' (gruppi ta') sustanzi speċifiċi mal-lista, jiġifieri PFAS, metaboliti mhux rilevanti ta' pestiċidi (nrMs) u farmaċewtiċi. Fl-aħħar nett, il-valutazzjoni tal-impatt irrieżaminat firxa ta' għażliet sabiex jittejjbu d-diġitalizzazzjoni, is-simplifikazzjoni amministrattiva u l-ġestjoni tar-riskji fil-qasam tat-tniġġis tal-ilma.

Is-sorsi ewlenin tat-tniġġis għas-sustanzi identifikati huma l-proċessi tal-produzzjoni kimika (l-emissjonijiet diretti li jirriżultaw mill-produzzjoni ta' injam, polpa, azzar, kombustjoni, tessuti, plastik, eċċ.); skariki ta' ilma mormi, inklużi farmaċewtiċi u sustanzi kimiċi bħala ħasil ta' drappijiet, prodotti tal-konsumatur, prodotti tat-tindif, prodotti tal-kura personali; skariki indiretti li jirriżultaw mill-użu ta' pestiċidi, bijoċidi u farmaċewtiċi fl-agrikoltura; sustanzi kimiċi użati fil-kostruzzjoni tat-toroq; id-depożizzjoni tal-merkurju mill-impjanti tal-kombustjoni tal-fjuwils fossili u tal-PFAS mill-fowms għat-tifi tan-nar. Dawn is-sorsi u l-perkorsi kollha huma soġġetti għal-leġiżlazzjoni, inklużi d-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali 2010/75/KE (li qiegħda tiġi riveduta), id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi 91/271/KEE (li qiegħda tiġi riveduta), id-Direttiva 2009/128/KE dwar l-użu

³¹ [wfd - Librerija \(europa.eu\)](http://wfd-librerija.europa.eu)

sostenibbli tal-pestiċidi (li qiegħda tiġi riveduta), id-Direttiva 2001/83/KE dwar prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, ir-Regolament (UE) 2019/6 dwar prodotti mediċinali veterinarji, ir-Regolament REACH Nru 1907/2006, ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 dwar prodotti bijoċidali; u r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 dwar il-prodotti kożmetiċi. Billi tistabbilixxi limiti massimi ta' konċentrazzjoni għal dawn is-sustanzi, din il-proposta għandha l-għan li ssaħħa l-effett u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sors u l-perkors u, fejn meħtieġ għall-fini tal-protezzjoni tas-saħħa jew tal-ambjent, tagħmel pressjoni għall-adozzjoni ta' miżuri aktar stretti rigward is-sors/il-perkors fil-livell tal-Istati Membri.

L-għażliet ġew rieżaminati fl-isfond tal-kostijiet u l-benefiċċji ambjentali, soċjali u ekonomiċi tagħhom, u dan irriżulta fil-pakkett li ġej ta' għażliet ippreferuti:

Ilma tal-wiċċ		
Għażla 1: Iż-żieda mal-lista ta' PS bħala sustanza individwali b'EQS stabbilit għal kull waħda individwalment		23 sustanza individwali: 17-Beta estradjol (E2); Aċetamiprid; Ażitromiċina; Bifentrin; Bisfenol A; Karbamażepina; Klaritromiċina; Klotijanidina; Deltametrina; Diklofenak; Eritromiċina; Esfenvalerat; Estron (E1); Etinilestradjol (EE2); Glifosat; Ibuprofen; Imidakloprid; Nikosulfuron; Permetrin; Tijakloprid; Tijametossam; Trikloran, Fidda.
Għażla 2: Iż-żieda mal-lista ta' PS bħala grupp b'EQS stabbilit għas-"somma ta'"		PFAS (is-somma ta' 24 sustanza msemija)
Għażla 3: Emenda tal-EQS eżistenti		14-il sustanza għal aktar stretti: Klorpirifos; Ċipermetrina; Dikofol; Dijossini; Dijuron; Fluworanten; Eżabromoċiklododekan (HBCDD); Eżaklorobutadien; Merkurju; Nikil; Nonilfenol; PAHs; PBDEs; Tributiltin Żewġ sustanzi għal anqas stretti: Ettakloru/eossidu tal-ettakloru; Eżaklorobenżen
Għażla 4: Deselezzjoni		Erba' sustanzi: Alakloru; Tetraklorur tal-karbonju; Klorfenvinfos; Simażina
Ilma ta' taħt l-art		
Għażla 1: Iż-żieda mal-Anness I b'GW QS stabbilit għal kull wieħed individwalment		Żewġ sustanzi farmaċewtiċi: Karbamażepina u Sulfametoksazol L-nrMs kollha b'GW QS individwali ta' 0,1 µg/l
Għażla 2: Iż-żieda mal-Anness I b'GW QS stabbilit għas-"somma ta'"		PFAS (is-somma ta' 24 sustanza msemija)
Għażla 3: Iż-żieda mal-Anness II		Sustanza waħda: Primidon
Id-diġitalizzazzjoni, is-simplifikazzjoni amministrattiva u l-ġestjoni aħjar tar-riskji		
Għażla 1: L-għoti ta' gwida u pariri dwar il-monitoraġġ	b	It-titjib tal-linji gwida eżistenti tal-EBM sabiex jitlej il-monitoraġġ ta' gruppi/taħlitiet ta' sustanzi niġġiesa bl-użu tal-EBMs.
	c	L-iżvilupp ta' standard ta' kejl u gwida armonizzati għall-mikroplastiks fl-ilma bħala bażi għar-rapportar tal-Istati Membri u elenkar futur skont l-EQSD u l-GWD.
Għażla 2: L-istabbiliment/l-emendar ta' prattiki ta' monitoraġġ obligatorji	a	L-inklużjoni ta' obbligu fl-EQSD li jintużaw l-EBMs għall-monitoraġġ tal-estroġeni.
	b	L-istabbiliment ta' Lista ta' Sorveljanza obligatorja tal-Ilma ta' Taħt l-Art analoga għal dik tal-ilmijiet tal-wiċċ u tal-ilma tax-xorb u l-għoti ta' gwida dwar il-monitoraġġ tas-sustanzi elenkati.
	c	It-titjib taċ-ċiklu ta' monitoraġġ u ta' rieżami tal-Lista ta' Sorveljanza tal-Ilma tal-Wiċċ sabiex ikun hemm aktar żmien

		sabiex tiġi pproċessata d- <i>data</i> qabel ma tiġi riveduta l-lista.
Għażla 3: L-armonizzazzjoni tar-rapportar u tal-klassifikazzjoni	a	L-istabbiliment ta' mekkaniżmu awtomatizzat għall-konsenja tad- <i>data</i> għall-EQSD u għad-WFD sabiex jiġi żgurat aċċess faċli f'intervalli qosra għad- <i>data</i> ta' monitoraġġ/status sabiex jiġu ssimplifikati u jitnaqqsu l-isforzi assoċjati mar-rapportar attwali, u sabiex ikun permess l-aċċess għad- <i>data</i> mhux ipproċessata ta' monitoraġġ.
	b	L-introduzzjoni ta' repożitorju ta' standards ta' kwalità ambjentali għall-RBSPs bħala Anness għall-EQSD, u l-inkorporazzjoni tal-RBSPs fil-valutazzjoni tal-istat kimiku tal-ilmijiet tal-wiċċ.
Għażla 4: Aspetti leġiżlattivi u amministrattivi	a	L-użu tal-EQSD minflok tad-WFD sabiex tiġi definita l-lista ta' sustanzi prijoritarji, u sabiex jiġu aġġornati l-listi ta' sustanzi niġġiesa ta' SW u GW permezz tal-Komitoloġija jew ta' atti delegati.
	b	It-tibdil tal-istatus tal-Aldrin, tad-Dieldrin, tal-Endrin, tal-Isodrin, tad-DDT, tal-Perkloroetilene u tat-Trikloroetilene minn "sustanzi niġġiesa oħrajn" għal dak ta' sustanzi prijoritarji.
	c	It-tibdil tal-istatus ta' 1,2 dikloroetan, fluworanten, ċomb, etossilati tal-ottifenol u pentaklorofenol għal dak ta' sustanzi prijoritarji perikolużi.

Il-pakkett ta' politika propost jiżgura li l-bidliet leġiżlattivi jibqgħu proporzjonati, b'benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali akbar mill-kostijiet korrispondenti, u li dawn jiffokaw fuq kwistjonijiet li huma indirizzati l-aħjar fil-livell tal-UE.

Il-kwantifikazzjoni tal-kostijiet, u speċjalment tal-benefiċċji, ta' din l-inizjattiva hija diffiċli, minħabba l-interazzjoni tagħha ma' (u d-dipendenza fuq) inizjattivi ta' politika oħrajn għal ċerti miżuri għall-UE kollha. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu fil-biċċa l-kbira jagħżlu liema miżuri jimplimentaw sabiex jiksbu l-konformità: b'hekk, dawn se jvarjaw skont iċ-ċirkostanzi lokali/nazzjonali.

Għall-ilma tal-wiċċ, huma mistennija kostijiet diretti sinifikanti, pereżempju, miż-żieda ta' ibuprofen, glifosat, PFAS u bisfenol A mal-lista ta' sustanzi prijoritarji, kif ukoll mill-emendar tal-EQS għall-idrokarburi poliaromatiċi (PAHs), għall-merkurju u għan-nikil. Dan x'aktarx li jikkawża kostijiet ta' żvilupp tal-prodotti għall-industrija u kostijiet ta' sostituzzjoni għall-utenti ta' dawk is-sustanzi, inkluż fis-settur agrikolu.

Fir-rigward tal-ilma ta' taħt l-art, l-aktar kostijiet sinifikanti x'aktarx li jirriżultaw miż-żieda ta' standards ta' kwalità għall-PFAS. Il-kostijiet jistgħu jkunu relatati mar-restrizzjoni tal-użu ta' pestiċidi jew sustanzi kimiċi industrijali, pereżempju, mal-ġestjoni ta' bijosolidi kkontaminati u t-tisħiħ tat-trattament tal-ilma mormi. Il-kostijiet tad-diġitalizzazzjoni ppreferuta, tas-simplifikazzjoni amministrattiva u tal-għażliet aħjar għall-ġestjoni tar-riskji huma ta' natura amministrattiva, inizjalment jimmaterjalizzaw fil-livell tal-UE u ġeneralment ikunu baxxi, bl-eċċezzjoni possibbli tal-mekkaniżmu awtomatizzat għall-konsenja tad-*data*. Il-kostijiet ma jistgħux jiġu attribwiti biss għal din l-inizjattiva, minħabba interazzjonijiet u sinerġiji inevitabbli ma' ħafna politiki oħrajn tal-UE li jindirizzaw l-istess sustanzi. Il-kostijiet tat-tniġġis huma fil-biċċa l-kbira internalizzati permezz tal-IED u l-UWWTD, il-projbizzjoni futura fuq il-PFAS kollha ħlief fl-użi essenzjali, l-implimentazzjoni tal-inizjattiva tal-mikroplastiks li jmiss u oħrajn. Pereżempju, ir-reviżjoni tal-UWWTD se tagħti spinta lill-aġġornament ta' ħafna UWWTPs, u se tintroduċi responsabbiltà estiża tal-produttur sabiex tkopri l-kostijiet, li se jnaqqsu b'mod sinifikanti t-tagħbija ta' mikrosustanzi niġġiesa li jidħlu fl-ilma tal-wiċċ u fl-ilma ta' taħt l-art.

L-inizjattiva proposta se tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi kimiċi tossiċi b'mod akut u/jew persistenti fl-ilma. Hija se ttejjeb ukoll il-valur tal-ekosistemi akkwatiċi u tas-servizzi li jikkonsenjawn. B'hekk, il-benefiċċji jinkludu impatti mnaqqsa fuq is-saħħa tal-bniedem, in-natura, id-dakkara u l-agrikoltura, kif ukoll kostijiet evitati tat-trattament tal-ilma. It-tqegħid tad-*data* ta' monitoraġġ tas-sustanzi kimiċi faċilment disponibbli, aċċessibbli u li tista' terġa' tintuża se jtejjeb b'mod sinifikanti l-koerenza tal-valutazzjoni tas-sikurezza, u se jkun pass importanti fil-mixja lejn l-approċċ ta' "sustanza waħda, valutazzjoni waħda" impenjat fl-EGD.

Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli

Il-proposta għandha effetti pożittivi fuq il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 6 (l-ilma), 12 (il-konsum u l-produzzjoni) u 14 (l-oċeani). Fir-rigward tal-SDG 6, huma mistennija livelli aktar baxxi ta' tniġġis tas-sorsi tal-ilma tax-xorb, kwalità kimika aħjar tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art, u l-proporzjon ta' korpi tal-ilma bi kwalità ambjentali tajba għandu jiżdied, maż-żmien, minħabba li l-Istati Membri se jieħdu u jimplimentaw miżuri sabiex inaqqsu l-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġġiesa. B'rabta mal-SDG 12, huwa mistenni li l-miżuri meħuda, kemm fil-livell tal-UE (pereżempju, permezz tal-Inizjattiva ta' Produzzjoni Sostenibbli jew il-projbizzjoni li ġejja fuq l-użi kollha minbarra dawk essenzjali tal-PFAS), kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri se jwasslu għall-użu ta' ingredjenti differenti u anqas tossiċi fil-prodotti. Fl-aħħar nett, għall-SDG 14, huwa importanti li jiġi nnotat l-effett dirett fuq il-korpi tal-ilma ta' tranżizzjoni (mil nawtiku mill-kosta) li huma koperti mid-WFD. Barra minn hekk, l-ilma ħelu li jilħaq l-ibħra u l-oċeani permezz tax-xmajjar gradwalment se jkun fih konċentrazzjonijiet aktar baxxi tas-sustanzi regolati permezz ta' din l-inizjattiva.

Il-kontroll tal-konsistenza klimatika u l-Prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel"

Il-proposta hija konsistenti mal-oġettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima u l-miri tal-Unjoni għall-2030 u l-2050. L-aktar impatt sinifikanti fuq l-isforzi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima tal-proposta huwa permezz tat-tneħħija ta' sustanzi fl-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi, li huma proċessi intensivi fl-enerġija. Skont il-miżuri meħuda mill-Istati Membri sabiex inaqqsu jew jeliminaw gradwalment il-preżenza ta' sustanzi fl-ilma, l-impatt għandu jkun pożittiv (meta s-sustanzi jiġu indirizzati fis-sors u, għalhekk, ma jkunux jeħtieġu tneħħija mill-ilma mormi), newtrali (f'każ li s-sustanzi jiġu ssostitwiti b'sostituti li jeħtieġu l-istess sforz ta' tneħħija fl-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi) jew negattiv jekk l-Istati Membri jiddeċiedu li jiddependu b'mod predominanti fuq it-trattament tal-ilma mormi. Madankollu, dan l-aħħar xenarju huwa improbabbli, minħabba li l-intervent fis-sors ġeneralment ikun orħos u aktar effettiv. Barra minn hekk, ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi tirrikjedi newtralità klimatika għall-pjanijiet tat-trattament tal-ilma mormi sal-2040, esklużi l-effetti negattivi netti ta' din il-proposta permezz ta' żieda fit-trattament.

Il-Prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", kif imressaq fir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija, huwa kkunsidrat f'din il-proposta. Bl-istess mod bħall-għall-kontroll tal-konsistenza klimatika, l-għażliet ta' politika jistgħu jkunu mistennija, flimkien mar-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi, li jkunu mill-anqas newtrali f'termini tal-effiċjenza enerġetika.

Il-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju ta opinjoni pożittiva b'riżervi fl-24 ta' Ġunju 2022³².

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Id-dikjarazzjoni finanzjarja annessa hija relatata mal-pakkett ta' tniġġis zero, inkluża l-proposta attwali, jiġifieri l-proposta għal reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi u tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja. Hija turi l-implikazzjonijiet baġitarji u r-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa. Il-proposta se jkollha implikazzjonijiet baġitarji għall-Kummissjoni, għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) u għall-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) f'termini tar-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa.

L-ammont ta' xogħol ta' implimentazzjoni u infurzar tal-Kummissjoni se jiżdied bi fteit bħala riżultat tal-ejenkar ta' aktar sustanzi u t-tfittxija tal-armonizzazzjoni tal-istandards ta' kwalità u tal-valuri ta' limitu għal sustanzi ta' tħassib nazzjonali.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tibbenefika mill-assenjazzjoni mill-ġdid tal-kompiti xjentifiċi lill-ECHA, li se tgħin b'mod konsistenti lill-Kummissjoni bil-prijoritizzazzjoni tas-sustanzi u tat-taħlitiet, l-iffissar ta' standards ta' kwalità u valuri ta' limitu, l-identifikazzjoni ta' metodi analitiċi xierqa u l-valutazzjoni tad-*data* ta' monitoraġġ rilevanti. L-appoġġ xjentifiku mill-ECHA jkun jeħtieġ hdx-il membru tal-persunal ekwivalenti għal full-time.

L-EEA se jkollha żieda fl-ammont ta' xogħol bħala riżultat tar-rapportar akbar u aktar frekwenti meħtieġ mill-Istati Membri, u ż-żieda żgħira fin-numru ta' sustanzi elenkati, li b'kollox jeħtieġu erba' membri tal-persunal addizzjonali ekwivalenti għal full-time minbarra tliet membri u nofs tal-persunal ekwivalenti għal full-time diġà involuti.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara rrapportati kull 6 snin lill-Kummissjoni u r-rapportar elettroniku volontarju skont l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Komuni lill-EEA se jibqgħu s-sors ewlieni ta' informazzjoni sabiex tiġi vverifikata l-implimentazzjoni effettiva tal-proposta, b'mod partikolari tal-konformità ma' standards ta' kwalità ġodda jew riveduti għall-ilma tal-wieċ u ta' taħt l-art.

Il-mekkaniżmi mtejbja tal-lista ta' sorveljanza, li jobbligaw lill-Istati Membri jimmonitorjaw sustanzi ta' tħassib emerġenti, se jagħmluha possibbli għall-Kummissjoni, bl-assistenza tal-ECHA u tal-Istati Membri, li tidentifika l-ħtieġa għal standards ta' kwalità ulterjuri jew aktar stretti. Ir-rapportar aktar regolari tad-*data* ta' monitoraġġ attwali wkoll, u l-analiżi tagħha mill-EEA, se jippermettu lill-istituzzjonijiet tal-UE, lill-Istati Membri u lill-pubbliku ġenerali jiksbu stampa aktar akkurata u aġġornata tal-istat tal-korpi tal-ilma tal-wieċ u tal-ilma ta' taħt l-art fl-UE.

³² Ares(2022)4634431 l-24 ta' Ġunju 2022

Bis-saħħa tas-sinerġiji mal-E-PRTR imtejjeb, li għandu jiġi ssostitwit mill-bażi tad-*data* elettronika online ġdida, jiġifieri l-“Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali”, l-inventarji tal-emissjonijiet, li bħalissa qegħdin jiġu rrapportati biss kull 6 snin, se jiġu ssostitwiti b’ħarsa ġenerali ferm aktar regolari u koerenti lejn ir-rilaxxi totali ta’ sustanzi niġġiesa għal kull settur. Dan se jippermetti lill-Istati Membri jiffokaw l-isforzi ta’ implimentazzjoni.

L-Annessi kemm tad-Direttiva dwar l-Ilma tal-Wieċ kif ukoll tad-Direttiva dwar l-Ilma ta’ Taħt l-Art se jiġu rieżaminati regolarment fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku. Il-proċeduri aktar flessibbli għall-adozzjoni ta’ standards ta’ kwalità għal sustanzi ta’ tħassib, flimkien mar-rwoli ċentrali mogħtija lill-EEA, għall-analiżi ta’ *data* ta’ monitoraġġ aktar regolari, u lill-ECHA, għal appoġġ xjentifiku kontinwu, se jippermettu li jiġu evalwati aħjar il-preċiżjoni tal-istandards attwali u l-ħtieġa għal oħrajn ġodda, sabiex jindirizzaw malajr is-sustanzi ta’ tħassib emerġenti. L-involvement taż-żewġ Aġenziji jikkonforma mal-oġettiv skont l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi li jimxu lejn approċċ ta’ “sustanza waħda, valutazzjoni waħda” li jirriżulta f’valutazzjonijiet aktar effiċjenti, effettivi u koerenti tas-sikurezza tas-sustanzi kimiċi fil-leġiżlazzjoni rilevanti kollha tal-UE, u b’hekk iwassal ukoll għal miżuri ta’ implimentazzjoni aktar effettivi u trażversali u proposti għal standards ġodda.

L-analiżi ta’ *data* dwar il-monitoraġġ u l-istatus aktar regolari se tikkontribwixxi b’mod effettiv għall-qafas usa’ ta’ Monitoraġġ u Prospettiva ta’ Tniġġis Żero, li għandu jiġi ppubblikat kull sentejn mill-2022. Dan se jgħin sabiex jiġi evalwat l-impatt tat-tniġġis imnaqqas tal-korpi tal-ilma bħala riżultat ta’ sett usa’ ta’ standards ta’ kwalità armonizzati li qegħdin jiġu implimentati madwar l-UE.

- **Dokumenti ta’ spjegazzjoni**

Il-proposta teħtieġ dokumenti ta’ spjegazzjoni, minħabba li dawn huma essenzjali sabiex tiġi vvalutata l-konformità u sabiex jiġi vverifikat li t-testi ta’ traspożizzjoni jirriflettu t-test u l-ispirtu tad-Direttiva. Dan huwa importanti u neċessarju, minħabba li l-proposta tkopri l-emendi għal tliet direttivi, possibbilment trasposti f’biċċiet differenti ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali. Barra minn hekk, billi l-proposta primarjament għandha l-għan li temenda l-istandards ta’ kwalità eżistenti jew li tintroduċi oħrajn ġodda, tista’ tiġi ffaċilitata verifika bir-reqqa permezz ta’ dokumenti ta’ spjegazzjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

(1) Emendi għad-Direttiva 2000/60/KE

L-Artikoli 1, 7(2), 11(3)(k), 4(1) u l-Annessi V (il-punti 1.4.3, 2.3.2 u 2.4.5) u VII (il-punt 7.7) huma emendati sabiex iqisu t-tħassir propost tal-Artikoli 16 u 17 (ara hawn taħt).

L-Artikolu 2 dwar id-definizzjonijiet huwa emendat sabiex jiġu aġġornati d-definizzjonijiet ta’ “Stat kimiku tajjeb tal-ilma tal-wieċ”, “Sustanzi Prijoritarji” u “Standards ta’ kwalità ambjentali” u jiġu introdotti d-definizzjonijiet ta’ “Sustanzi prijoritarji perikolużi” u “Sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi”. Dawn il-bidliet huma meħtieġa sabiex: 1) titqies il-proposta sabiex il-proċedura ta’ kodeċiżjoni attwali għall-adozzjoni tal-EQS tiġi ssostitwita b’atti delegati; 2) jitwessa’ l-kamp ta’ applikazzjoni tal-kunċett ta’ “stat kimiku” sabiex ikopri wkoll is-“sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi”, li sa issa huma parti mid-definizzjoni ta’ “stat ekoloġiku” taħt l-Anness V; 3) jitqiesu l-valuri ta’ attivazzjoni futuri possibbli bbażati fuq l-effetti bħala parti mid-definizzjoni ta’ “standards ta’ kwalità ambjentali”.

L-Artikolu 3 dwar il-koordinazzjoni amministrattiva fid-distretti tal-baċiri idrografiċi huwa emendat sabiex jintroduċi obbligu, f’każ ta’ ċirkostanzi eċċezzjonali ta’ orijini naturali jew

ta' force majeure, b'mod partikolari għargħar estrem, nixfiet fit-tul, jew inċidenti sinifikanti ta' tniġġis, għall-awtoritajiet kompetenti tal-korpi tal-ilma kollha possibbilment affettwati, inkluż fl-Istati Membri downstream, sabiex iwissu lil xulxin u jikkooperaw sabiex jimminimizzaw id-danni u jindirizzaw il-konsegwenzi.

Minbarra l-aġġustament imsemmi hawn fuq sabiex jitqies it-tħassir tal-Artikolu 16, **l-Artikolu 4** dwar l-oġġettivi huwa emendat sabiex jiġi żgurat li l-paragrafu (a)(iv) tiegħu jinkludi obbligu espliċitu għall-Istati Membri sabiex inaqqsu b'mod progressiv it-tniġġis minn sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi wkoll, mhux biss minn sustanzi prijoritarji.

L-Artikolu 8, il-paragrafu 3 dwar il-metodi għall-analiżi u l-monitoraġġ tal-istat tal-ilma huwa emendat sabiex il-proċedura ta' komitoloġija tiġi allinjata mat-Trattat ta' Liżbona billi l-*"proċedura regolatorja bi skrutinju"* preċedenti tiġi ssostitwita bil-*"proċedura ta' eżami"* stabbilita fl-Artikolu 21. Barra minn hekk, fl-istess paragrafu qiegħda tiġi introdotta setgħa ġdida li tippermetti l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni sabiex jiġu stabbiliti aktar dettalji fir-rigward tal-obbligi l-ġodda sabiex id-*data* ta' monitoraġġ issir disponibbli għall-EEA, kif ukoll sabiex id-*data* dwar l-istatus issir disponibbli fuq bażi aktar regolari, f'konformità mal-**paragrafi ġodda 4 u 5**. Dawn l-emendi huma kompletament konformi mal-obbligi eżistenti skont id-Direttiva 2007/2/KE (Inspire), li tobbliga lill-Istati Membri jagħmlu s-settijiet ta' *data* spazjali disponibbli għall-pubbliku, inkluż dwar il-post u l-operat tal-faċilitajiet ta' monitoraġġ ambjentali, il-kejl tal-emissjonijiet relatati u l-istat tal-mezzi ambjentali (l-arja, l-ilma, il-ħamrija). Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, it-tixrid tad-*data* għandu jiġi ssimplifikat aktar ukoll, f'konformità mal-Istrateġija Diġitali tal-UE, mad-Direttiva (UE) 2019/1024 dwar id-*data* miftuħa u mal-approċċ ta' *"sustanza waħda, valutazzjoni waħda"* skont l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi Sostenibbli.

L-Artikolu 10 dwar l-approċċ ikkombinat għal sorsi lokalizzati u diffużi huwa emendat sabiex jiġu aġġornati r-referenzi għal diversi direttivi li jindirizzaw it-tniġġis minn sorsi lokalizzati u t-tniġġis diffuż (minbarra t-tħassir u s-sostituzzjoni tagħhom).

L-Artikolu 12 dwar kwistjonijiet li ma jistgħux jiġu ttrattati minn Stat Membru wieħed huwa mmodifikat sabiex tissaħħaħ u tiġi fformalizzata l-proċedura għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.

L-Artikolu 15(3) dwar ir-rapportar *interim* ta' kull 3 snin tal-progress fuq il-programmi ta' miżuri jitħassar, billi l-piż amministrattiv li jirriżulta jitqies sproporzjonat meta mqabbel mal-kisbiet f'termini ta' kontroll u tmexxija aħjar tal-implimentazzjoni.

L-Artikoli 16 u 17 dwar il-proċedura li biha l-Kummissjoni kienet meħtieġa tistabbilixxi proposti leġiżlattivi għall-elenkar u l-identifikazzjoni ta' EQS għall-korpi tal-ilma tal-wieċ u għall-korpi tal-ilma ta' taħt l-art jitħassru, billi dawn ma għadhomx japplikaw.

L-Artikolu 18(2)(e) huwa emendat sabiex iqis it-tħassir propost tal-Artikolu 16, filwaqt li **l-Artikolu 18(4)** huwa emendat sabiex iqis it-tħassir propost tal-Artikolu 15(3).

L-Artikolu 20 dwar l-adattamenti tekniċi huwa emendat sabiex: 1) il-proċedura regolatorja attwali bi skrutinju għall-modifika tal-Annessi I u III tiġi ssostitwita bil-proċedura tal-atti delegati; 2) il-proċedura regolatorja attwali għall-adozzjoni ta' linji gwida dwar l-implimentazzjoni tal-Annessi II u V u għall-istabbiliment ta' formati għat-trażmissjoni u l-ipproċessar tad-*data* tiġi ssostitwita bil-proċedura ta' eżami.

L-Artikolu 20a l-ġdid jintroduċi d-dispożizzjonijiet relatati mal-proċedura għall-adozzjoni ta' atti delegati, f'konformità mat-Trattat ta' Liżbona.

L-emenda għall-**Artikolu 21** dwar il-proċedura tal-Kumitat għandha l-għan li tissostitwixxi r-referenza għad-“deċiżjoni ta’ komitoloġija” preċedenti bir-“regolament ta’ komitoloġija” applikabbli bħalissa.

L-Artikolu 22 dwar it-tħassir u d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali huwa emendat sabiex jiġu aġġornati r-referenzi, filwaqt li jitqiesu l-bidliet proposti fl-Annessi tad-Direttivi 2000/60/KE u 2008/105/KE.

Minbarra l-aġġustamenti msemmija hawn fuq sabiex jitqies it-tħassir tal-Artikolu 16, **L-Anness V** huwa emendat sabiex: 1) is-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi jitneħħew mid-definizzjonijiet tal-istat ekoloġiku u jiġu inklużi fid-definizzjoni tal-istat kimiku, bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-monitoraġġ kemm tas-sustanzi prijoritarji kif ukoll tas-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi jitwettaq mhux biss meta dawn is-sustanzi niġġiesa jiġu skarikati fl-ilma, iżda wkoll meta jiġu ddepożitati permezz tal-arja; 2) jingħataw setgħat lill-Kummissjoni sabiex tadotta r-riżultati tal-eżerċizzju ta’ interkalibrar permezz ta’ atti delegati; 3) l-Istati Membri jkun jistgħu jagħmlu użu minn tekniki ġodda ta’ monitoraġġ, inklużi l-osservazzjoni tad-dinja u t-telerilevament.

L-Anness VIII dwar lista indikattiva tas-sustanzi niġġiesa ewlenin huwa emendat sabiex jinkludi l-mikroplastiks u l-ġeni ta’ reżistenza għall-antimikrobiċi.

L-Anness X jitħassar, billi l-lista li tinsab fih hija sostitwita b’dik fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE.

(2) Emendi għad-Direttiva 2006/118/KE dwar l-Ilma ta’ Taħt l-Art (GWD)

It-titolu huwa emendat sabiex jiġi ċċarat li din id-Direttiva tikkonċerna biss it-tniġġis u mhux l-istatus kwantitattiv tal-ilma ta’ taħt l-art.

L-Artikolu 1 dwar l-iskop tad-Direttiva huwa emendat sabiex titneħħa r-referenza għall-Artikolu 17 tad-WFD, minħabba li dan kien jifforma l-bażi għall-adozzjoni tal-GWD innifisha u, b’hekk, ma għadux japplika.

L-Artikolu 2 dwar id-definizzjonijiet huwa emendat sabiex jinkludi d-definizzjoni tal-valuri ta’ limitu stabbiliti fil-livell tal-UE, flimkien ma’ daww stabbiliti fil-livell tal-Istati Membri.

L-Artikolu 3 dwar il-kriterji għall-valutazzjoni tal-istat kimiku tal-ilma ta’ taħt l-art huwa emendat sabiex iqis id-definizzjoni l-ġdida ta’ “valuri ta’ limitu stabbiliti fil-livell tal-UE”.

L-Artikolu 4 dwar il-proċedura għall-valutazzjoni tal-istat kimiku tal-ilma ta’ taħt l-art huwa emendat għall-istess raġuni bħall-Artikolu 3.

Jiddaħħal **L-Artikolu 6a l-ġdid** sabiex il-“Mekkaniżmu tal-Lista ta’ Sorveljanza” għall-korpi tal-ilma ta’ taħt l-art isir obbligatorju, b’mod konsistenti mad-dispożizzjoni stabbilita mill-Artikolu 8b tal-EQSD. Dan il-mekkaniżmu jstabbilixxi proċess ta’ kull 3 snin li bih il-Kummissjoni, b’kontribut mill-ECHA u f’konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tagħti prijorità lis-sustanzi għall-monitoraġġ fl-ilma ta’ taħt l-art. L-informazzjoni li tirriżulta se tikkontribwixxi għar-reviżjoni ta’ kull 6 snin tal-istandards ta’ kwalità għall-inklużjoni fl-Anness I. Id-dispożizzjoni tinkludi wkoll obbligu tal-ECHA li tagħmel ir-rapporti xjentifiċi mħejjija b’rabta mal-Lista ta’ Sorveljanza disponibbli għall-pubbliku.

L-Artikolu 8 dwar l-adattamenti tekniċi huwa emendat sabiex: 1) il-proċedura għall-atti ta’ implimentazzjoni tiġi ssostitwita b’dik għall-atti delegati sabiex tadatta għall-progress tekniku u xjentifiku skont il-Partijiet A u C tal-Anness II, kif ukoll l-Annessi III u IV; 2) il-Kummissjoni tingħata setgħat delegati sabiex telenka sustanzi ġodda li jniġġsu l-ilma ta’ taħt l-art fl-Anness I u tistabbilixxi standards ta’ kwalità ġodda għall-UE kollha għal dawn, kif ukoll sabiex telenka, fil-Parti B tal-Anness II, sustanzi niġġiesa li għalihom l-Istati Membri

għandhom jikkunsidraw li jiffissaw valuri ta' limitu nazzjonali; 3) il-Kummissjoni tingħata setgħat delegati sabiex tistabbilixxi, fejn meħtieġ u anke għal sustanzi niġġiesa jew gruppi ta' sustanzi niġġiesa li ma humiex ta' tħassib għall-UE kollha, valuri ta' limitu fil-livell tal-UE, sabiex ittejjeb il-livell tas-saħħa tal-bniedem u tal-ħarsien tal-ambjent u tikseb implimentazzjoni aktar armonizzata; 4) jiġi ċċarat ir-rwol ċentrali tal-ECHA f'dan il-qafas, u l-obbligu tal-ECHA li tagħmel rapporti xjentifiċi b'rabta ma' emendi potenzjali disponibbli għall-pubbliku.

Jiddaħħal l-**Artikolu 8a l-ġdid** sabiex jiġu introdotti d-dispożizzjonijiet relatati mal-proċedura għall-adozzjoni ta' atti delegati, f'konformità mat-Trattat ta' Liżbona.

L-Artikolu 9 dwar il-proċedura tal-Kumitat huwa emendat sabiex id-“deċiżjoni ta' komitoloġija” preċedenti tiġi ssostitwita bir-“regolament ta' komitoloġija” aktar reċenti.

L-Artikolu 10 dwar ir-rieżami tal-Annessi I u II permezz tal-proċedura ta' kodeċiżjoni jitħassar, sabiex titqies il-proċedura l-ġdida għall-atti delegati stabbilita fl-Artikoli 8 u 8a.

L-Anness I dwar l-istandards ta' kwalità għall-UE kollha għas-sustanzi li jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art huwa emendat sabiex jiddaħħlu sustanzi ġodda li jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art u standards ta' kwalità relatati għal xi sustanzi perfluoroalkilati u polifluoroalkilati (PFAS), farmaċewtiċi u metaboliti mhux rilevanti tal-pestiċidi (nrMs).

L-Anness II dwar il-valuri ta' limitu nazzjonali għas-sustanzi li jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art huwa emendat sabiex: 1) tiddaħħal is-sustanza farmaċewtika primidone fil-lista ta' sustanzi sintetiċi li għalihom l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jiffissaw valuri ta' limitu nazzjonali; 2) jiġi ċċarat li l-Partijiet B u C tiegħu huma relatati biss mal-mekkaniżmu għall-iffissar ta' limiti fil-livell nazzjonali; 3) jiġi żgurat li l-Istati Membri jinformat lill-ECHA sabiex din tal-aħħar tkun tista' tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku u 4) tiżdied Parti D ġdida sabiex tinkludi valuri ta' limitu armonizzati għall-grupp ta' sustanzi li huma “is-somma ta' Trikloroetilen u Perkloroetilen”.

L-Anness III dwar il-valutazzjoni tal-istat kimiku tal-ilma ta' taħt l-art u **L-Anness IV** dwar l-identifikazzjoni u t-treġġiġħ lura ta' tendenzi 'l fuq sinifikanti u sostnuti huma emendati sabiex iqisu l-kunċett il-ġdid ta' “valuri ta' limitu stabbiliti fil-livell tal-UE”.

(3) Emendi għad-Direttiva 2008/105/KE dwar l-Istandards ta' Kwalità Ambjentali (EQSD)

It-titolu huwa emendat sabiex jiġi ċċarat li d-Direttiva tikkonċerna t-tniġġis tal-ilma tal-wiċċ.

L-Artikolu 3 dwar l-istandards ta' kwalità ambjentali huwa emendat sabiex jiġu ċċarati d-dati tal-applikazzjoni għall-EQS il-ġodda u dawk riveduti. L-obbligi għall-monitoraġġ fil-bijota fil-paragrafu 2 u għall-valutazzjonijiet tat-tendenzi fit-tul fil-paragrafu 6 huma ssimplifikati wkoll, billi jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom fl-Anness. Il-paragrafu 7 tiegħu jitħassar sabiex titqies is-sostituzzjoni proposta tal-proċedura ta' kodeċiżjoni b'dik għall-atti delegati sabiex tinbidel il-lista ta' sustanzi prijoritarji.

L-Artikolu 5 dwar l-inventarji tal-emissjonijiet huwa emendat sabiex jiġi ssimplifikat l-obbligu ta' rapportar u sabiex dan jiġi armonizzat, fejn possibbli, ma' dak skont il-leġislazzjoni tal-UE li jiġu indirizzati l-emissjonijiet minn installazzjonijiet industrijali kbar (li bħalissa qegħdin jiġu riveduti) u sabiex ikun permess rapportar issimplifikat lill-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali, b'dettalji li għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' att ta' implimentazzjoni futur. Għalhekk, ir-rapportar fil-qafas tal-Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara se jkompli japplika biss għall-emissjonijiet diffużi.

L-Artikolu 7a dwar il-koordinazzjoni bejn diversi biċċiet tad-dritt tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi huwa emendat sabiex tiġi inkluża referenza għad-dritt tal-Unjoni dwar il-farmaċewtiċi,

u titqies is-sostituzzjoni proposta tal-proċedura ta' kodeċiżjoni b'dik għall-atti delegati għall-aġġornament jew l-iffissar ta' EQS ġodda.

L-Artikolu 8 huwa emendat sabiex: 1) il-Kummissjoni Ewropea tingħata setgħat delegati sabiex tirrevedi kull 6 snin l-Anness I sabiex tikkunsidra li telenka sustanzi prijoritarji ġodda u EQS relatati, abbażi tal-kontribut mill-ECHA; 2) il-Kummissjoni Ewropea tingħata setgħat delegati sabiex tirrevedi regolarment il-lista ta' kategoriji ta' sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi li issa huma inklużi fil-Parti B tal-Anness II il-ġdid (għal dan l-iskop, dan l-Anness II jissostitwixxi l-punt 1.2.6 u l-Anness VIII tad-WFD, li se jiġu mmodifikati kif xieraq sabiex jitneħħew is-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi mid-definizzjoni tal-istat ekoloġiku u jsiru parti mir-reġim applikabbli għall-istat kimiku); 3) il-Kummissjoni Ewropea tingħata setgħat delegati sabiex tadotta, fejn meħtieġ, EQS għall-UE kollha għal sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi u telenkahom fil-Parti C tal-Anness II (il-proposta telenka f'dik il-Parti C erba' sustanzi prijoritarji li qabel kienu inklużi fl-Anness I, iżda li "tneħħew mil-lista" minħabba li ma għadhomx jitqiesu bħala ta' tħassib għall-UE kollha); 4) jiġi ċċarat ir-rwol ċentrali li għandu jkollha l-ECHA fit-tfassil tal-EQS, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati, u l-obbligu tagħha li tagħmel rapporti xjentifiċi relatati mal-emenda tal-Annessi disponibbli għall-pubbliku.

L-Artikolu 8a huwa emendat sabiex: 1) jiġi ssimplifikat il-mod li bih l-Istati Membri jistgħu jippreżentaw l-istat kimiku għall-PBTs li jinsabu kullimkien separatament mill-istat kimiku ġenerali; 2) l-Istati Membri jkunu jistgħu jwettqu monitoraġġ anqas intensiv għal xi sustanzi; 3) l-Istati Membri jintalbu jwettqu monitoraġġ ibbażat fuq l-effetti sabiex jivvalutaw il-preżenza ta' ormoni estroġeniċi fil-korpi tal-ilma, fid-dawl tal-iffissar futur possibbli ta' valuri ta' attivazzjoni bbażati fuq l-effetti.

L-Artikolu 8b huwa emendat sabiex: 1) jittejjeb iċ-ċiklu ta' monitoraġġ u ta' rieżami tal-mekkaniżmu tal-Lista ta' Sorveljanza, billi jiġi stabbilit ċiklu ta' 3 snin minflok dak attwali ta' sentejn. Dan se jagħti aktar żmien sabiex tiġi pproċessata d-data qabel ma tiġi riveduta l-lista, flimkien mal-estensjoni proposta taċ-ċiklu ta' monitoraġġ minn 12-il xahar għal 24 xahar sabiex ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati aħjar il-frekwenzi differenti għal sustanzi niġġiesa b'xejriet ta' emissjonijiet staġunali (eż. pestiċidi/bijoċidi); 2) tkun permessa l-inklużjoni tal-mikroplastiks u tal-ġeni magħżula ta' reżistenza għall-antimikrobiċi fil-Lista ta' Sorveljanza li jmiss, soġġetta għall-identifikazzjoni ta' metodi xierqa ta' monitoraġġ u analiżi, b'kontribut mill-ECHA.

L-Artikolu 8d il-ġdid jinkludi l-obbligu tal-Istati Membri li jistabbilixxu EQS għas-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi elenkati fil-Parti A tal-Anness II il-ġdid. Dan jissostitwixxi l-obbligu attwalment ifformulat fil-punt 1.2.6 tal-Anness V tad-WFD, f'konformità mal-proposta sabiex jiġi żgurat li s-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi jsiru parti mill-valutazzjoni tal-istat kimiku, aktar milli ekoloġiku, tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ. Id-dispożizzjoni għandha wkoll l-għan li tiżgura li, fejn ikunu ġew stabbiliti EQS għall-UE kollha għal ċerti sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi, dawn għandhom jieħdu preċedenza fuq l-EQS stabbiliti fil-livell nazzjonali. Fl-aħħar nett, l-emenda tobbliga lill-Istati Membri jinformat lill-ECHA sabiex din tal-aħħar tkun tista' tippubblika kwalunkwe intenzjoni fir-rigward tal-elenkar ta' sustanzi niġġiesa u/jew l-iffissar ta' EQS, sabiex jiżdiedu t-trasparenza u s-sinerġiji.

L-Artikolu 10 li jiċċara li l-Anness X tad-WFD għandu jiġi ssostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II tad-Direttiva 2008/105/KE jitħassar minħabba li l-Anness II tad-Direttiva 2008/105/KE ma kienx jeżisti u minħabba li l-Anness X jitħassar wara l-inklużjoni, fid-Direttiva 2008/105/KE, ta' proċedura għall-atti delegati għall-adattament tal-lista ta' sustanzi prijoritarji u l-iffissar tal-EQS korrispondenti.

It-titolu tal-Anness I huwa mmodifikat sabiex jitneħħa l-kunċett ta' "sustanzi niġġiesa oħrajn" li ma għadux japplika, billi dan kien jirreferi għal sustanzi li kienu koperti minn leġislazzjoni oħra qabel l-adozzjoni tal-EQSD; ma għadx hemm il-ħtieġa li ssir distinzjoni bejn sustanzi prijoritarji u "sustanzi niġġiesa oħrajn". Il-Parti A, li telenka s-sustanzi u l-EQS tagħhom, hija sostitwita b'Anness ġdid li issa jelenka 23 sustanza addizzjonali mal-lista ta' sustanzi prijoritarji: farmaċewtiċi, sustanzi industrijali, pestiċidi u metalli. L-Anness jindika wkoll is-sustanzi li huma perikolużi, dawk li huma PBTs li jinsabu kullimkien, kif ukoll dawk li jeħtieġu valutazzjoni tat-tendenzi fit-tul.

Jiddaħħal **l-Anness II il-ġdid**, li jistabbilixxi fil-Parti A lista indikattiva ta' sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi li għalihom l-Istati Membri jridu jikkunsidraw li jiffissaw EQS u japplikawhom fejn ikunu qegħdin jikkawżaw tħassib. Il-Parti B tinkludi l-prinċipji ġenerali u tirreferi għal gwida sabiex isir dan, filwaqt li l-Parti C tinkludi repożitorju ta' EQS armonizzati għal sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi. Din tal-aħħar se tiġi adattata permezz ta' atti delegati futuri li permezz tagħhom il-Kummissjoni se tistabbilixxi EQS armonizzati għal ċerti sustanzi niġġiesa oħrajn speċifiċi għall-baċiri idrografiċi fejn jintwera li dan huwa meħtieġ sabiex jiġi żgurat il-ħarsien suffiċjenti u armonizzat tal-ambjent, anke għal sustanzi niġġiesa li ma humiex jew għadhom ma humiex ta' tħassib għall-UE kollha.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, id-Direttiva 2006/118/KE dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament u d-Direttiva 2008/105/KE dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) It-tniġġis kimiku tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art joħloq theddida għall-ambjent akkwatiku, b'effetti bħal tossiċità akuta u kronika f'organiżmi akkwatiċi, akkumulazzjoni ta' sustanzi niġġiesa fl-ekosistema u telf tal-ħabitats u tal-bijodiversità, kif ukoll theddida għas-saħħa tal-bniedem. L-iffissar ta' standards ta' kwalità ambjentali jgħin sabiex tiġi implimentata l-ambizzjoni ta' tniġġis żero għal ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi.
- (2) Skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawżjoni u fuq il-prinċipji li għandha tittieħed azzjoni preventiva, li l-ħsara ambjentali, bħala prijorità, għandha tiġi kkoreġuta f'ras il-ġħajn u li min iniġġes għandu jħallas.
- (3) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew³ huwa l-istrategġija tal-Unjoni sabiex tiżgura, sal-2050, ekonomija newtrali għall-klima, nadifa u ċirkolari, billi tottimizza l-ġestjoni tar-riżorsi filwaqt li timminimizza t-tniġġis. L-Istrategġija tal-UE dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

³ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019) 640 final).

Sostenibbiltà⁴ u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero⁵ jindirizzaw speċifikament l-aspetti tat-tniġġis tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Politiki oħrajn partikolarment rilevanti u komplementari jinkludu l-Istrateġija tal-UE għall-Plastiks tal-2018⁶, l-Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa tal-2021⁷, l-Istrateġija għall-Bijodiversità⁸, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt⁹, l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ħamrija għall-2030¹⁰, l-Istrateġija Diġitali tal-UE¹¹ u l-Istrateġija tal-UE għad-Data¹².

- (4) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³ tistabbilixxi qafas għall-protezzjoni tal-ilmijiet tal-wiċċ interni, tal-ilmijiet ta' tranżizzjoni, tal-ilmijiet kostali u tal-ilma ta' taħt l-art. Dak il-qafas jinvolve l-identifikazzjoni ta' sustanzi prijoritarji fost dawk li jgħolqu riskju sinifikanti għall-ambjent akkwatiku fil-livell tal-Unjoni jew permezz tiegħu. Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴ tistabbilixxi standards ta' kwalità ambjentali (EQS) għall-Unjoni kollha għall-45 sustanza prijoritarja elenkati fl-Anness X tad-Direttiva 2000/60/KE u tmien sustanzi niġġiesa oħrajn li kienu diġà regolati fil-livell tal-Unjoni qabel ma ġie introdott l-Anness X bid-Deċizzjoni Nru 2455/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵. Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶ tistabbilixxi standards ta' kwalità tal-ilma ta' taħt l-art għall-Unjoni kollha għan-nitrati

⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà, Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità COM(2020) 667 final.

⁵ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" COM(2021) 400 final.

⁶ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonumija Ċirkolari, COM/2018/028 final.

⁷ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija Farmaċewtika għall-Ewropa, COM/2020/761 final.

⁸ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'haġġitna, COM(2020) 380 final.

⁹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent, COM(2020) 381 final.

¹⁰ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE dwar il-ħamrija għall-2030, Ingawdu l-benefiċċji ta' ħamrija b'saħħitha għan-nies, l-ikel, in-natura u l-klima, COM/2021/699 final.

¹¹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa COM/2020/67 final.

¹² Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija Ewropea għad-data, COM(2020) 66 final.

¹³ Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

¹⁴ Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84).

¹⁵ Id-Deċizzjoni Nru 2455/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2001 li tistabbilixxi l-lista ta' sustanzi prijoritarji fil-qasam tal-politika tal-ilma u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE (ĠU L 331, 15.12.2001, p. 1).

¹⁶ Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19).

u għas-sustanzi attivi fil-pestiċidi u kriterji għall-istabbiliment ta' valuri ta' limitu nazzjonali għal sustanzi oħrajn li jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art. Hija tistabbilixxi wkoll lista minima ta' 12-il sustanza niġġiesa u l-indikaturi tagħhom li għalihom l-Istati Membri huma meħtieġa jikkunsidraw li jistabbilixxu tali valuri ta' limitu nazzjonali. L-istandards tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art huma stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE.

- (5) Is-sustanzi huma kkunsidrati għall-ejenkar fl-Anness X tad-Direttiva 2000/60/KE jew fl-Anness I jew fl-Anness II tad-Direttiva 2006/118/KE abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju li jgħolqu għall-bnedmin u għall-ambjent akkwatiku. Il-komponenti ewlenin ta' dik il-valutazzjoni huma l-għarfien tal-konċentrazzjonijiet ambjentali tas-sustanzi, inkluża l-informazzjoni miġbura mill-monitoraġġ tal-lista ta' sorveljanza, u tat-tossikoloġija (ekoloġika) tas-sustanzi, kif ukoll tal-persistenza, il-bijoakkumulazzjoni, il-karċinoġeniċità, il-mutaġeniċità, it-tossiċità riproduttiva u l-potenzjal ta' tfixkil endokrinali tagħhom.
- (6) Il-Kummissjoni wettqet rieżami tal-lista ta' sustanzi prijoritarji fl-Anness X tad-Direttiva 2000/60/KE f'konformità mal-Artikolu 16(4) ta' dik id-Direttiva u mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/105/KE, u rieżami tal-listi ta' sustanzi fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2006/118/KE f'konformità mal-Artikolu 10 ta' dik id-Direttiva u kkonkludiet, fid-dawl ta' għarfien xjentifiku ġdid, li huwa xieraq li daww il-listi jiġu emendati billi jiżdiedu sustanzi ġodda, jiġu ffixxati l-EQS jew l-istandards tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art għal daww is-sustanzi miżjuda ġodda, jiġu riveduti l-EQS għal xi sustanzi eżistenti f'konformità mal-progress xjentifiku u jiġu ffixxati l-EQS tal-bijota għal xi sustanzi eżistenti u daww miżjuda ġodda. Hija identifikat ukoll liema sustanzi addizzjonali x'aktarx jakkumulaw fis-sediment jew fil-bijota, u ċċarat li l-monitoraġġ tat-tendenzi ta' tali sustanzi jenħtieġ li jsir fis-sediment jew fil-bijota. Ir-rieżamijiet tal-listi ta' sustanzi ġew appoġġati minn konsultazzjoni estensiva mal-esperti mis-servizzi tal-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-gruppi ta' partijiet ikkonċernati u l-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji Sanitarji, Ambjentali u Emerġenti.
- (7) Hija meħtieġa kombinazzjoni ta' miżuri ta' kontroll tas-sors u punt tar-rimi sabiex jiġu ttrattati b'mod effettiv il-biċċa l-kbira tas-sustanzi niġġiesa tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, inklużi, kif rilevanti, id-disinn kimiku, l-awtorizzazzjoni jew l-approvazzjoni, il-kontroll tal-emissjonijiet waqt il-manifattura u l-użu jew proċessi oħrajn, u l-maniġġ tal-iskart. Għallhekk, l-istabbiliment ta' standards tal-kwalità ġodda jew aktar stretti fil-korpi tal-ilma jikkomplementa u huwa koerenti ma' leġislazzjoni oħra tal-Unjoni li tindirizza jew li tista' tindirizza l-problema tat-tniġġis f'wieħed jew aktar minn daww l-istadji, inklużi r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷, ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸, ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹, ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰, id-

¹⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

¹⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

¹⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bjoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

²⁰ Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43).

Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²², id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²³ u d-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE²⁴.

- (8) L-għarfien xjentifiku l-ġdid jindika riskju sinifikanti minn bosta sustanzi niġġiesa oħrajn li jinstabu fil-korpi tal-ilma, minbarra dawk diġà regolati. Fl-ilma ta' taħt l-art, għet identifikata problema partikolari permezz ta' monitoraġġ volontarju għas-sustanzi perfluworoalkilati u polifluworoalkilati (PFAS) u għall-farmaċewtiċi. Il-PFAS instabu f'aktar minn 70 % tal-punti ta' kejl tal-ilma ta' taħt l-art fl-Unjoni u l-limiti nazzjonali eżistenti jinqabżu b'mod ċar f'numru konsiderevoli ta' postijiet, u s-sustanzi farmaċewtiċi jinstabu wkoll b'mod wiesa'. Fl-ilmijiet tal-wiċċ, l-aċidu perfluworoottansulfoniku u d-derivattivi tiegħu diġà huma elenkati bħala sustanzi prijoritarji, iżda PFAS oħrajn issa huma rikonoxxuti wkoll li jgħolqu riskju. Il-monitoraġġ tal-lista ta' sorveljanza skont l-Artikolu 8b tad-Direttiva 2008/105/KE kkonferma riskju fl-ilmijiet tal-wiċċ minn numru ta' sustanzi farmaċewtiċi li għalhekk jenħtieġ li jżiedu mal-lista ta' sustanzi prijoritarji.
- (9) Id-Direttiva 2000/60/KE tirrikjedi li l-Istati Membri jidentifikaw il-korpi tal-ilma li jintużaw għall-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, jimmonitorjawhom, u jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jevitaw id-deterjorament fil-kwalità tagħhom u sabiex inaqqsu l-livell ta' trattament ta' purifikazzjoni meħtieġ fil-produzzjoni ta' ilma li huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem. F'dan il-kuntest, il-mikroplastiks ġew identifikati bħala riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, iżda hija meħtieġa aktar *data* ta' monitoraġġ sabiex tiġi kkonfermata l-ħtieġa li jiġi stabbilit standard ta' kwalità ambjentali għall-mikroplastiks fl-ilma tal-wiċċ u fl-ilma ta' taħt l-art. Għalhekk, jenħtieġ li l-mikroplastiks jiġu inklużi fil-listi ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art u jenħtieġ li jiġu mmonitorjati hekk kif il-Kummissjoni tkun identifikat metodi ta' monitoraġġ xierqa. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jitqiesu l-metodoloġiji għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tar-riskji mill-mikroplastiks fl-ilma tax-xorb, żviluppjati skont id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵.
- (10) Ġie espress tħassib dwar ir-riskju li tiżviluppa reżistenza għall-antimikrobiċi mill-preżenza ta' mikroorganiżmi reżistenti għall-antimikrobiċi u ġeni ta' reżistenza għall-antimikrobiċi fl-ambjent akkwatiku, iżda ftit li xejn sar monitoraġġ. Jenħtieġ li l-ġeni ta' reżistenza antimikrobika rilevanti jiġu inklużi wkoll fil-listi ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art u jiġu mmonitorjati hekk kif ikunu ġew żviluppjati metodi ta' monitoraġġ xierqa. Dan huwa konformi mal-“Pjan ta' Azzjoni Ewropew ‘Saħħa Waħda’ kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi”, adottat mill-Kummissjoni

²¹ Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

²² Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).

²³ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

²⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40).

²⁵ Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni) (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1).

f'Ġunju 2017, u mal-Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa, li tindirizza wkoll dan it-tħassib.

- (11) Meta jitqies l-għarfien dejjem jikber tar-rilevanza tat-taħlitiet u, għalhekk, tal-monitoraġġ ibbażat fuq l-effetti għad-determinazzjoni tal-istat kimiku, u meta jitqies li diġà jeżistu metodi ta' monitoraġġ robusti biżżejjed ibbażati fuq l-effetti għal sustanzi estroġeniċi, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw tali metodi sabiex jivvalutaw l-effetti kumulattivi ta' sustanzi estroġeniċi fl-ilmijiet tal-wiċċ fuq perjodu ta' mill-anqas sentejn. Dan se jippermetti t-tqabbil tar-riżultati bbażati fuq l-effetti mar-riżultati miksuba bl-użu tal-metodi konvenzjonali għall-monitoraġġ tat-tliet sustanzi estroġeniċi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE. Dak it-tqabbil se jintuża sabiex jiġi vvalutat jekk il-metodi ta' monitoraġġ ibbażati fuq l-effetti jistgħux jintużaw bħala metodi ta' skrinjar affidabbli. L-użu ta' tali metodi ta' skrinjar ikollu l-vantaġġ li jippermetti li jiġu koperti l-effetti tas-sustanzi estroġeniċi kollha li għandhom effetti simili, u mhux biss dawk elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE. Id-definizzjoni ta' EQS fid-Direttiva 2000/60/KE jenħtieġ li tiġi mmodifikata sabiex jiġi żgurat li fil-futur tkun tista' tkopri wkoll il-valuri ta' attivazzjoni li jistgħu jiġu stabbiliti għall-valutazzjoni tar-riżultati tal-monitoraġġ ibbażat fuq l-effetti.
- (12) L-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ilma²⁶ (l-“evalwazzjoni”) ikkonkludiet li l-proċess għall-identifikazzjoni u l-elenkar ta' sustanzi niġġiesa li jaffettwaw l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art u għall-istabbiliment jew ir-reviżjoni tal-istandards ta' kwalità għalihom fid-dawl ta' għarfien xjentifiku ġdid jista' jiġi aċċellerat. Kieku dawk il-kompiti kellhom jitwettqu mill-Kummissjoni, aktar milli fil-qafas tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja kif previst bħalissa fl-Artikoli 16 u 17 tad-Direttiva 2000/60/KE u fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2006/118/KE, il-funzjonament tal-mekkaniżmi tal-lista ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art, b'mod partikolari f'termini taż-żmien u s-sekwenza tal-elenkar, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tar-riżultati, jista' jittejjeb, ir-rabtiet bejn il-mekkaniżmu tal-lista ta' sorveljanza u r-rieżamijiet tal-listi ta' sustanzi niġġiesa jistgħu jissaħħu, u l-bidliet fil-listi ta' sustanzi niġġiesa jistgħu jqisu l-progress xjentifiku aktar malajr. Għalhekk, u minħabba l-ħtieġa li jiġu emendati l-listi ta' sustanzi niġġiesa u l-EQS tagħhom fil-pront fid-dawl ta' għarfien xjentifiku u tekniku ġdid, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex temenda l-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE fir-rigward tal-lista ta' sustanzi prijoritarji u l-EQS korrispondenti stabbiliti fil-Parti A ta' dak l-Anness u sabiex temenda l-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE fir-rigward tal-lista ta' sustanzi li jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art u l-istandards ta' kwalità stabbiliti f'dak l-Anness. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis ir-riżultati tal-monitoraġġ tas-sustanzi fuq il-listi ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art. B'konsegwenza ta' dan, jenħtieġ li jitħassru l-Artikoli 16 u 17 tad-Direttiva 2000/60/KE u l-Anness X ta' dik id-Direttiva, kif ukoll l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2006/118/KE.
- (13) L-evalwazzjoni kkonkludiet ukoll li hemm wisq varjazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-istandards ta' kwalità u l-valuri ta' limitu stabbiliti fil-livell nazzjonali għas-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi u għas-sustanzi li jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art, rispettivament. Sa issa, is-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri

²⁶ Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Kontroll tal-idoneità tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, tad-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art, tad-Direttiva dwar l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali u tad-Direttiva dwar l-Għargħar, SWD(2019) 439 final.

idrografiċi mhux identifikati bħala sustanzi prijoritarji skont id-Direttiva 2000/60/KE kienu soġġetti għal EQS nazzjonali u tqiesu bħala elementi ta' kwalità fiżikokimika li jappoġġaw il-valutazzjoni tal-istat ekoloġiku fl-ilmijiet tal-wiċċ. Fl-ilmijiet ta' taħt l-art, kien ukoll possibbli għall-Istati Membri li jistabbilixxu l-valuri ta' limitu tagħhom stess, anke għal sustanzi sintetiċi magħmula mill-bniedem. Din il-flessibbiltà wasslet għal riżultati subottimali f'termini ta' komparabbiltà tal-istatus tal-korpi tal-ilma bejn l-Istati Membri, u f'termini ta' ħarsien tal-ambjent. Għalhekk, huwa meħtieġ li tiġi prevista proċedura li tippermetti ftehim fil-livell tal-Unjoni dwar l-EQS u l-valuri ta' limitu li għandhom jiġu applikati għal dawk is-sustanzi jekk jiġu identifikati bħala li huma ta' tħassib nazzjonali u li jiġu stabbiliti repożitorji tal-EQS u l-valuri ta' limitu applikabbli.

- (14) Barra minn hekk, l-integrazzjoni tas-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi fid-definizzjoni tal-istat kimiku fl-ilmijiet tal-wiċċ tiżgura approċċ aktar ikkoordinat, koerenti u trasparenti f'termini ta' monitoraġġ u valutazzjoni tal-istat kimiku tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ u ta' informazzjoni relatata lill-pubbliku. Hija tiffaċilita wkoll approċċ aktar immirat lejn l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet kollha "relatati mas-sustanzi kimiċi" b'mod aktar olistiku, effettiv u effiċjenti. Għalhekk, jenħtieġ li d-definizzjonijiet ta' "stat ekoloġiku" u "stat kimiku" jiġu mmodifikati u jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' "stat kimiku" jitwessa' sabiex ikopri wkoll is-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi, li sa issa kienu parti mid-definizzjoni ta' "stat ekoloġiku" fl-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE. B'riżultat ta' dan, jenħtieġ li l-kunċett ta' EQS għas-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi u l-proċeduri relatati jiġu inklużi fid-Direttiva 2008/105/KE.
- (15) Sabiex jiġu żgurati approċċ armonizzat u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex temenda l-Parti B tal-Anness II tad-Direttiva 2006/118/KE billi tadatta l-lista ta' sustanzi niġġiesa li għalihom l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jistabbilixxu valuri ta' limitu nazzjonali.
- (16) Minħabba l-ħtieġa li l-għarfien xjentifiku u tekniku jiġi adattat malajr u li jiġu żgurati approċċ armonizzat u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-Unjoni fir-rigward ta' sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex tadatta l-Anness II tad-Direttiva 2008/105/KE fir-rigward tal-lista ta' kategoriji ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fil-Parti A ta' dak l-Anness u sabiex tadatta l-Parti C tal-Anness II fir-rigward tal-EQS armonizzati għas-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi jew gruppi tagħhom. Jenħtieġ li dawk l-EQS armonizzati jiġu applikati mill-Istati Membri fil-valutazzjoni tal-istat tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ tagħhom meta jkun ġie identifikat riskju minn dawk is-sustanzi niġġiesa.
- (17) Ir-rieżami tal-lista ta' sustanzi prijoritarji fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE kkonkluda li bosta sustanzi prijoritarji ma għadhomx ta' tħassib għall-Unjoni kollha u, għalhekk, jenħtieġ li ma jibqgħux jiġu inklużi fil-Parti A tal-Anness I ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, jenħtieġ li dawk is-sustanzi jitqiesu bħala sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi u jiġu inklużi fil-Parti C tal-Anness II tad-Direttiva 2008/105/KE flimkien mal-EQS korrispondenti tagħhom. Meta wieħed iqis li dawk is-sustanzi niġġiesa ma għadhomx jitqiesu li huma ta' tħassib għall-Unjoni kollha, l-EQS jeħtieġ li jiġu applikati biss fejn dawk is-sustanzi niġġiesa jistgħu jkunu għadhom ta' tħassib lokali jew reġjonali jew nazzjonali.

- (18) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti u tiġi permessa l-komparabbiltà tal-istat tal-korp tal-ilma bejn l-Istati Membri, hemm bżonn li jiġu armonizzati l-valuri ta' limitu nazzjonali għal xi sustanzi li jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi introdott repożitorju ta' valuri ta' limitu armonizzati għas-sustanzi li jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art ta' tħassib lokali, reġjonali jew nazzjonali bħala Parti D għidha fl-Anness II tad-Direttiva 2006/118/KE. Il-limiti armonizzati stabbiliti f'dak ir-repożitorju jeħtieġ li jiġu applikati biss f'dawk l-Istati Membri fejn is-sustanzi niġġiesa soġġetti għal dawk il-limiti jaffettwaw l-istat tal-ilma ta' taħt l-art. Għas-somma taż-żewġ sustanzi niġġiesa sintetiċi t-trikloroetilene u l-perkloroetilene, hemm bżonn li jiġu armonizzati l-valuri ta' limitu nazzjonali billi mhux l-Istati Membri kollha, fejn huma rilevanti s-sustanzi niġġiesa, japplikaw valur ta' limitu għas-somma ta' dawn is-sustanzi niġġiesa u l-valuri ta' limitu nazzjonali stabbiliti ma humiex kollha l-istess. Jenħtieġ li l-valur ta' limitu armonizzat ikun konsistenti mal-valur parametrik stabbilit għas-somma ta' dawk is-sustanzi niġġiesa fl-ilma tax-xorb skont id-Direttiva (UE) 2020/2184.
- (19) Sabiex jiġu żgurati approċċ armonizzat u kundizzjonijiet ekwivalenti fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex temenda l-Parti D tal-Anness II tad-Direttiva 2006/118/KE sabiex tadatta r-repożitorju tal-valuri ta' limitu armonizzati fir-rigward tas-sustanzi niġġiesa inklużi u l-valuri ta' limitu armonizzati għall-progress tekniku u xjentifiku.
- (20) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva 2006/118/KE relatati mal-valutazzjoni tal-istat kimiku tal-ilma ta' taħt l-art jiġu adattati għall-introduzzjoni tat-tielet kategorija ta' valuri ta' limitu armonizzati fil-Parti D tal-Anness II ta' dik id-Direttiva, minbarra l-istandards ta' kwalità stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Direttiva u l-valuri ta' limitu nazzjonali stabbiliti f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fil-Parti A tal-Anness II ta' dik id-Direttiva.
- (21) Sabiex jiġi żgurat teħid ta' deċiżjonijiet effettivi u koerenti u jiġu żviluppati sinerġiji mal-ħidma mwettqa fil-qafas ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi, jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("ECHA") tingħata rwol permanenti u ċirkoskritt b'mod ċar fil-prijoritizzazzjoni tas-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-listi ta' sorveljanza u fil-listi ta' sustanzi fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2008/105/KE u fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2006/118/KE, u fid-derivazzjoni ta' standards ta' kwalità xierqa bbażati fuq ix-xjenza. Jenħtieġ li l-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) u l-Kumitat għall-Analiżi Soċjo-ekonomika (SEAC) tal-ECHA jiffaċilitaw it-tweġġ ta' ċerti kompiti mogħtija lill-ECHA billi jipprovdu opinjonijiet. Jenħtieġ li l-ECHA tiżgura wkoll koordinazzjoni aħjar bejn diversi biċċiet ta' liġi ambjentali permezz ta' trasparenza akbar fir-rigward tas-sustanzi niġġiesa f'lista ta' sorveljanza jew l-iżvilupp ta' EQS jew limiti nazzjonali jew għall-Unjoni kollha, billi tagħmel ir-rapporti xjentifiċi rilevanti disponibbli għall-pubbliku.
- (22) L-evalwazzjoni kkonkludiet li huwa meħtieġ rapportar elettroniku aktar frekwenti u ssimplifikat sabiex jitrawmu implimentazzjoni u infurzar aħjar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ilma. Fid-dawl tar-rwol tagħha wkoll li timmonitorja b'mod aktar regolari l-istat tat-tniġġis kif deskritt fil-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero, jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) tiffaċilita tali rapportar aktar frekwenti u ssimplifikat mill-Istati Membri. Huwa importanti li l-informazzjoni ambjentali dwar l-istat tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art tal-Unjoni ssir disponibbli għall-pubbliku u għall-Kummissjoni fil-ħin. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jagħmlu disponibbli għall-Kummissjoni u għall-EEA d-data ta' monitoraġġ miġbura fil-qafas tad-Direttiva 2000/60/KE, billi jagħmlu użu minn mekkaniżmi awtomatizzati

ta' rapportar u konsenja tad-*data* billi jużaw Interfaċċa għall-Ipprogrammar tal-Applikazzjonijiet jew mekkaniżmi ekwivalenti. Il-piż amministrattiv huwa mistenni li jkun limitat sa fejn l-Istati Membri huma diġà meħtieġa jagħmlu disponibbli għall-pubbliku temi ta' *data* spazjali fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁷ kif ukoll skont id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸. Dawk it-temi ta' *data* spazjali jinkludu l-post u l-operat tal-faċilitajiet ta' monitoraġġ ambjentali, il-kejl relatat tal-emissjonijiet u l-istat tal-kompartimenti ambjentali.

- (23) Integrazzjoni aħjar tal-flussi tad-*data* rrapportati lill-EEA skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ilma u, b'mod partikolari, tal-inventarji tal-emissjonijiet meħtieġa mid-Direttiva 2008/105/KE, mal-flussi tad-*data* rrapportati lill-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali skont id-Direttiva 2010/75/UE u r-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁹, se tagħmel ir-rapportar tal-inventarju f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/105/KE aktar sempliċi u effiċjenti. Fl-istess ħin, din se tnaqqas il-piż amministrattiv u l-ogħla tagħbija tax-xogħol fit-tħejjijiet tal-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara. Flimkien mat-tneħħija tar-rapportar *interim* dwar il-progress tal-programmi ta' miżuri, li ma wrietx li kienet effettiva, dan ir-rapportar simplifikat se jippermetti lill-Istati Membri jagħmlu aktar sforz sabiex jirrapportaw l-emissjonijiet li ma humiex koperti mil-leġiżlazzjoni dwar l-emissjonijiet industrijali, iżda li huma koperti mir-rapportar tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/105/KE.
- (24) It-Trattat ta' Liżbona introduċa distinzjoni bejn is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni sabiex tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv (atti delegati), u s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni sabiex tadotta atti sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' atti tal-Unjoni legalment vinkolanti (atti ta' implimentazzjoni). Jenħtieġ li d-Direttivi 2000/60/KE u 2006/118/KE jiġu allinjati mal-qafas legali introdott mit-Trattat ta' Liżbona.
- (25) Is-setgħat imsemmija fl-Artikolu 20(1), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2000/60/KE u fil-punt 1.4.1(ix) tal-Anness V ta' dik id-Direttiva, li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, jissodisfaw il-kriterji fl-Artikolu 290(1) tat-TFUE, minħabba li jikkonċernaw l-adattamenti tal-Annessi ta' dik id-Direttiva u l-adozzjoni ta' regoli li jissupplimentawha. Għalhekk, jenħtieġ li dawn jiġu kkonvertiti f'setgħat għall-Kummissjoni sabiex tadotta atti delegati.
- (26) Is-setgħa msemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2006/118/KE, li tipprevedi l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, tissodisfa l-kriterji fl-Artikolu 290(1) tat-TFUE, minħabba li tikkonċerna l-adattamenti tal-Annessi ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, jenħtieġ li din tiġi kkonvertita għal setgħa għall-Kummissjoni sabiex tadotta atti delegati.

²⁷ Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infommazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

²⁸ Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-infommazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

²⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1).

- (27) Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul it-tħejjija ta' atti delegati, il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għall-aqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
- (28) Is-setgħa msemmija fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2000/60/KE, li jipprevedi l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, tissodisfa l-kriterji fl-Artikolu 290(2) tat-TFUE, minħabba li tikkonċerna l-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi u metodi standardizzati għall-analiżi u l-monitoraġġ tal-istat tal-ilma u, għalhekk, għandha l-għan li tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni armonizzata ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, jenħtieġ li din tiġi kkonvertita għal setgħa għall-Kummissjoni sabiex tadotta atti ta' implimentazzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà tad-*data*, jenħtieġ li s-setgħa tiġi estiża wkoll sabiex tinkludi l-istabbiliment ta' formati għar-rapportar tad-*data* dwar il-monitoraġġ u l-istatus f'konformità mal-Artikolu 8(4). Jenħtieġ li s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰.
- (29) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/60/KE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tadotta formati tekniċi għar-rapportar tad-*data* dwar il-monitoraġġ u l-istat tal-ilma f'konformità mal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2000/60/KE. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
- (30) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/105/KE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tadotta formati standardizzati għar-rapportar tal-emissjonijiet minn sors lokalizzati mhux koperti mir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁺ lill-EEA. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
- (31) Huwa meħtieġ li jitqies il-progress tekniku u xjentifiku fil-qasam tal-monitoraġġ tal-istatus tal-korpi tal-ilma f'konformità mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ stabbiliti fl-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jużaw *data* u servizzi minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta' Copernicus), minn sensuri u apparati *in situ*, jew mid-*data* xjentifika taċ-ċittadini, li jisfruttaw l-opportunitajiet offruti mill-intelliġenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-*data*.
- (32) Meta jitqiesu ż-żidiet f'avvenimenti tat-temp imprevedibbli, b'mod partikolari għargħar estrem u nixfiet fit-tul, u f'inċidenti ta' tniġġis sinifikanti li jirriżultaw fi jew jaggravaw it-tniġġis aċċidentali transfruntier, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jiżguraw li tiġi pprovduta informazzjoni immedjata dwar tali inċidenti lil Stati Membri potenzjalment affettwati oħrajn u jikkooperaw b'mod effettiv ma' Stati

³⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

⁺ OP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument COM (2022) 157 u daħħal in-numru, id-*data*, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna

Membri potenzjalment affettwati sabiex itaffu l-effetti tal-avveniment jew tal-inċident. Huwa meħtieġ ukoll li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u li jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-kooperazzjoni transfruntiera f'każ ta' kwistjonijiet transfruntiera aktar strutturali, jiġifieri mhux aċċidentali u aktar fit-tul, li ma jistgħux jissolvew fil-livell tal-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2000/60/KE. F'każ li tkun meħtieġa assistenza Ewropea, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jibagħtu talbiet għal assistenza liċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Rispons ta' Emerġenza tal-Kummissjoni, li se jikkoordina l-offerti possibbli ta' assistenza u l-iskjerament tagħhom permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, f'konformità mal-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹.

- (33) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttivi 2000/60/UE, 2006/118/KE u 2008/105/KE jiġu emendati kif xieraq.
- (34) Minħabba li l-oġettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġi żgurat livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent u titjib tal-kwalità ambjentali tal-ilma ħelu Ewropew, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri weħidhom, iżda jistgħu minflok, minħabba n-natura transfruntiera tat-tniġġis tal-ilma, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-oġettivi,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 2000/60/KE

Id-Direttiva 2000/60/KE hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 1, ir-raba' inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

“— għall-ilħuq tal-oġettivi ta' ftehimiet internazzjonali rilevanti, inklużi dawk li jimmiraw għall-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tat-tniġġis tal-ambjent tal-baħar, permezz ta' azzjoni tal-Unjoni sabiex jitwaqqfu jew jiġu eliminati b'mod gradwali l-iskariki, l-emissjonijiet u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi, bl-għan aħħari li jinkisbu konċentrazzjonijiet fl-ambjent tal-baħar qrib il-valuri fl-isfond għal sustanzi li jseħħu b'mod naturali u qrib iż-żero għal sustanzi sintetiċi magħmula mill-bniedem.”;
- (2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:
 - (a) il-punt (24) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(24) “Stat kimiku tajjeb tal-ilma tal-wiċċ” tfisser l-istat kimiku meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġettivi ambjentali għall-ilmijiet tal-wiċċ stabbiliti fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-istat kimiku miksub minn korp tal-ilma tal-wiċċ li fih il-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġġiesa ma jaqbżux l-istandards ta' kwalità ambjentali għas-sustanzi prijoritarji elenkati fil-Parti A

³¹ Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* u l-istandards ta' kwalità ambjentali għas-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi f'konformità mal-Artikolu 8(2), il-punt (c), u mal-Artikolu 8d(1) ta' dik id-Direttiva.

(b) il-punt (30) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(30) ‘Sustanzi prijoritarji’ tfisser is-sustanzi elenkati fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE, jiġifieri sustanzi li jippreżentaw riskju sinifikanti għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu fi proporzjon għoli ta' Stati Membri.”;

(c) jiddaħħlu l-punti (30a) u (30b) li ġejjin:

“(30a) ‘Sustanzi prijoritarji perikolużi’ tfisser sustanzi prijoritarji li huma mmarkati bħala ‘perikolużi’ fuq il-bażi li huma rikonoxxuti f'rapporti xjentifiċi, fil-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni, jew fi ftehimiet internazzjonali rilevanti, bħala tossiċi, persistenti u suxxettibbli għall-bijoakkumulazzjoni jew bħala li jagħtu lok għal livell ekwivalenti ta' tħassib, fejn dan it-tħassib ikun rilevanti għall-ambjent akkwatiku.

(30b) ‘Sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi’ tfisser sustanzi niġġiesa li ma humiex jew ma għadhomx identifikati bħala sustanzi prijoritarji, iżda li l-Istati Membri identifikaw, abbażi tal-valutazzjoni tal-pressjonijiet u l-impatti fuq il-korpi tal-ilma tal-wiċċ imwettqa f'konformità mal-Anness II ta' din id-Direttiva, bħala li jgħolqu riskju sinifikanti għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu fit-territorju tagħhom.”;

(d) il-punt (35) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(35) ‘Standard ta' kwalità ambjentali’ tfisser il-konċentrazzjoni ta' sustanza niġġiesa partikolari jew ta' grupp ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma, fis-sediment jew fil-bijota li ma għadhomx jinqabżu sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, jew valur ta' skattar għall-effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent ta' tali sustanza niġġiesa jew grupp ta' sustanzi niġġiesa mkejla bl-użu ta' metodu xieraq ibbażat fuq l-effetti.”;

* Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84).”;

(3) fl-Artikolu 3, jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

“4a. Fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali ta' orġini naturali jew force majeure, b'mod partikolari għargħar estrem u nixfiet fit-tul, jew inċidenti sinifikanti ta' tniġġis, li jistgħu jaffettwaw lill-korpi tal-ilma downstream li jinsabu fi Stati Membri oħrajn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti għall-korpi tal-ilma downstream f'tali Stati Membri, kif ukoll il-Kummissjoni, jiġu informati minnufih u li tiġi stabbilita l-kooperazzjoni meħtieġa sabiex jiġu investigati l-kawżi u jiġu indirizzati l-konsegwenzi taċ-ċirkostanzi jew l-inċidenti eċċezzjonali.”;

(4) l-Artikolu 4(1) huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (a), il-punt (iv) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(iv) l-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri meħtieġa sabiex inaqqsu b’mod progressiv it-tniġġis minn sustanzi prijoritarji u sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi, u sabiex iwaqqfu jew jeliminaw b’mod gradwali l-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf ta’ sustanzi prijoritarji perikolużi.”;

(b) fil-punt (b)(iii), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Il-miżuri sabiex jinkiseb treġġiġh lura tat-tendenzi għandhom jiġu implimentati f’konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/118/KE u mal-Anness IV ta’ dik id-Direttiva, soġġetti għall-applikazzjoni tal-paragrafi 6 u 7 ta’ dan l-Artikolu u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 8 ta’ dan l-Artikolu.”;

(5) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. Għal kull korp tal-ilma identifikat taħt il-paragrafu 1, minbarra li jilhqgħ l-oġġettivi tal-Artikolu 4 f’konformità mar-rekwiżiti ta’ din id-Direttiva, għal korpi tal-ilma tal-wiċċ, inklużi l-istandards ta’ kwalità stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li taħt ir-reġim tat-trattament tal-ilma applikat, u f’konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, l-ilma li jirriżulta se jissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

* Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1)”;

(6) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta’ implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u metodi standardizzati għall-analiżi u l-monitoraġġ tal-istat tal-ilma f’konformità mal-Anness V u sabiex tistabbilixxi formati għar-rapportar tad-*data* dwar il-monitoraġġ u l-istatus f’konformità mal-paragrafu 4. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 21(2).”;

(b) jiżdiedu l-paragrafi 4 u 5 li ġejjin:

“4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-*data* ta’ monitoraġġ individwali disponibbli miġbura f’konformità mal-punt 1.3.4 tal-Anness V u l-istatus li jirriżulta f’konformità mal-Anness V ikunu disponibbli għall-pubbliku u għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) mill-anqas darba fis-sena b’mod elettroniku f’format li jinqara mill-magni f’konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** u mad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***. Għal dawn l-għanijiet, l-Istati Membri għandhom jużaw il-formati stabbiliti f’konformità mal-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu.

5. L-EEA għandha tiżgura li l-informazzjoni magħmula disponibbli f’konformità mal-paragrafu 4 tiġi pproċessata u analizzata regolarment għall-fini li ssir disponibbli, permezz ta’ portalsi rilevanti tal-Unjoni, għall-użu mill-

ġdid mill-Kummissjoni u mill-aġenziji rilevanti tal-Unjoni u għall-fini li tiġi pprovduta lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-pubbliku informazzjoni aġġornata, oġġettiva, affidabbli u komparabbli, b'mod partikolari dwar l-istatus, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****.

* Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

** Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

*** Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

**** Ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13).”;

(7) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Għall-fini tal-konformità mal-oġġettivi, mal-istandards tal-kwalità u mal-limiti stabbiliti skont din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' dawn li ġejjin:

(a) il-kontrolli tal-emissjonijiet ibbażati fuq l-aħjar tekniki disponibbli;

(b) il-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet rilevanti;

(c) fil-każ ta' impatti diffużi, kontrolli, inklużi, kif xieraq, l-aħjar prattiki ambjentali kif stabbiliti:

– fid-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;

– fid-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

– fid-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE***;

– fid-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE****;

– fi kwalunkwe leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti oħra għall-indirizzar tas-sors lokalizzati jew tat-tniġġis diffuż.

* Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).

** Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

*** Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40).

**** Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).”;

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Fejn objettiv ta' kwalità, standard ta' kwalità jew limitu, kemm jekk stabbilit skont din id-Direttiva, skont id-Direttivi 2006/118/KE jew 2008/105/KE, jew skont kwalunkwe leġislazzjoni tal-Unjoni oħra, ikun jeħtieġ kundizzjonijiet aktar stretti minn dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-paragrafu 2, għandhom jiġu stabbiliti kontrolli tal-emissjonijiet aktar stretti kif xieraq.”;

(8) fl-Artikolu 11(3), il-punt (k) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(k) miżuri sabiex jiġi eliminat it-tniġġis tal-ilmijiet tal-wiċċ minn sustanzi prijoritarji perikolużi u sabiex jitnaqqas b'mod progressiv it-tniġġis minn sustanzi oħrajn li inkella jipprevjenu lill-Istati Membri milli jilhqqu l-objettivi ambjentali għall-korpi tal-ilmijiet tal-wiċċ stabbiliti fl-Artikolu 4.”;

(9) l-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 12

Kwistjonijiet li ma jistgħux jiġu ttrattati fil-livell tal-Istati Membri

1. Meta Stat Membru jidentifika kwistjoni li jkollha impatt fuq il-ġestjoni tal-ilma tiegħu, iżda li ma tkunx tista' tissolva minn dak l-Istat Membru, huwa għandu jinnotifika l-kwistjoni lill-Kummissjoni u lil kwalunkwe Stat Membru ieħor ikkonċernat u jagħmel rakkomandazzjonijiet għar-riżoluzzjoni tagħha.

2. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkooperaw sabiex jidentifikaw is-sorsi tal-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u l-miżuri meħtieġa sabiex jiġu indirizzati dawk il-kwistjonijiet.

L-Istati Membri għandhom jirrispondu lil xulxin fil-ħin, u mhux aktar tard minn 3 xhur wara n-notifika minn Stat Membru ieħor f'konformità mal-paragrafu 1.

(10) 3. Il-Kummissjoni għandha tiġi informata dwar, u mistiedna tassisti fi, kwalunkwe kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 2. Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tqis ir-rapporti stabbiliti skont l-Artikolu 13, tikkunsidra jekk hemmx bżonn li tittieħed azzjoni ulterjuri fil-livell tal-Unjoni sabiex jitnaqqsu l-impatti transfruntiera fuq il-korpi tal-ilma.”;

(11) fl-Artikolu 15, jitħassar il-paragrafu 3;

(12) jitħassru l-Artikoli 16 u 17;

(13) l-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(e) sommarju ta' kwalunkwe proposta, miżura ta' kontroll u strateġija għall-kontroll tat-tniġġis kimiku jew għat-twaqqif jew l-eliminazzjoni gradwali ta' sustanzi perikolużi.”;

(b) jitħassar il-paragrafu 4;

- (14) l-Artikolu 20 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 20

Adattamenti tekniċi u implimentazzjoni ta' din id-Direttiva

“1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20a sabiex temenda l-Annessi I u III u t-Taqsim 1.3.6 tal-Anness V sabiex tadatta r-rekwiżiti ta' informazzjoni relatati mal-awtoritajiet kompetenti, il-kontenut tal-analiżi ekonomika u l-istandards ta' monitoraġġ magħżula, rispettivament, għall-progress tekniku u xjentifiku.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20a sabiex tissupplimenta din id-Direttiva billi tiddetermina l-valuri stabbiliti għall-klassifikazzjonijiet tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-Istati Membri f'konformità mal-proċedura ta' interkalibrar stabbilita fil-punt 1.4.1 tal-Anness V.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-formati tekniċi għat-trażmissjoni tad-*data* msemmija fl-Artikolu 8(4). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2). Meta tistabbilixxi dawk il-formati, il-Kummissjoni għandha tiġi assistita, fejn ikun meħtieġ, mill-EEA”;

- (15) jiddaħħal l-Artikolu 20a li ġej:

“Artikolu 20a

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 20(1) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 20(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 20(1) għandu jidhul fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien [xahrejn] min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”;

- (16) l-Artikolu 21 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 21

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn il-Kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

* Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).”;

- (17) fl-Artikolu 22, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. L-oġġettivi ambjentali fl-Artikolu 4, l-istandards ta' kwalità ambjentali stabbiliti fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE u l-limiti għas-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi stabbiliti skont l-Artikoli 8 u 8d ta' dik id-Direttiva għandhom jitqiesu bħala standards ta' kwalità ambjentali għall-finijiet tad-Direttiva 2010/75/UE.”;

- (18) l-Anness V huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' din id-Direttiva;

- (19) fil-Parti A tal-Anness VII, il-punt 7.7. huwa sostitwit b'dan li ġej:

“7.7. sommarju tal-miżuri meħuda sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi prijoritarji u sabiex jiġu eliminati gradwalment l-emissjonijiet ta' sustanzi prijoritarji perikolużi;”;

- (20) l-Anness VIII huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' din id-Direttiva;

- (21) jitħassar l-Anness X.

Artikolu 2

Emendi għad-Direttiva 2006/118/KE

Id-Direttiva 2006/118/KE hija emendata kif ġej:

- (1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art”;

- (2) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Din id-Direttiva tistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art bl-għan li jintlaħqu l-oġġettivi ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 4(1), il-punt (b), tad-Direttiva 2000/60/KE. Dawk il-miżuri jinkludu dawn li ġejjin:

- (a) il-kriterji għall-valutazzjoni tal-istat kimiku tajjeb tal-ilma ta' taħt l-art;
- (b) il-kriterji għall-identifikazzjoni u t-treġġiġħ lura ta' tendenzi 'l fuq sinifikanti u sostnuti u għad-definizzjoni ta' punti ta' tluq għat-treġġiġħ lura tat-tendenzi.”;
- (3) fl-Artikolu 2, il-punt (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(2) ‘valur ta’ limitu’ tfisser standard ta’ kwalità tal-ilma ta’ taħt l-art stabbilit mill-Istati Membri f’konformità mal-Artikolu 3(1), il-punt (b), jew fil-livell tal-Unjoni f’konformità mal-Artikolu 8(3);”;
- (4) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:
- (a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, jiżdied il-punt (c) li ġej:
- “(c) il-valuri ta’ limitu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni f’konformità mal-Artikolu 8(3) u elenkati fil-Parti D tal-Anness II ta’ din id-Direttiva.”;
- (b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “2. Il-valuri ta’ limitu msemija fil-paragrafu 1, il-punt (b), jistgħu jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali, fil-livell tad-distrett tal-baċiri idrografiċi jew fil-parti tad-distrett tal-baċiri idrografiċi internazzjonali li taqa’ fit-territorju ta’ Stat Membru, jew fil-livell ta’ korp jew grupp ta’ korpi tal-ilma ta’ taħt l-art.”;
- (c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “5. Il-valuri ta’ limitu kollha msemija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ppubblikati fil-pjanijiet ta’ mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara li għandhom jiġu prodotti skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2000/60/KE, flimkien ma’ sommarju tal-informazzjoni stabbilita fil-Parti C tal-Anness II ta’ din id-Direttiva.
- L-Istati Membri għandhom, sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva], jinformaw lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) bil-valuri ta’ limitu nazzjonali msemija fil-paragrafu 1, il-punt (b). L-ECHA għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.”;
- (d) fil-paragrafu 6, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “L-Istati Membri għandhom jemendaw il-lista ta’ valuri ta’ limitu applikati fit-territorji tagħhom kull meta informazzjoni ġdida dwar sustanzi niġġiesa, gruppi ta’ sustanzi niġġiesa, jew indikaturi tat-tniġġis tindika li jeħtieġ li jiġi stabbilit valur ta’ limitu għal sustanza addizzjonali, li valur ta’ limitu eżistenti jeħtieġ li jiġi mmodifikat, jew li valur ta’ limitu li preċedement kien tneħħa mil-lista jeħtieġ li jerġa’ jiddaħħal. Jekk il-valuri ta’ limitu rilevanti jiġu stabbiliti jew emendati fil-livell tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jadattaw il-lista ta’ valuri ta’ limitu applikati fit-territorji tagħhom għal dawk il-valuri.”;
- (5) fl-Artikolu 4(2), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(b) il-valuri għall-istandards ta’ kwalità tal-ilma ta’ taħt l-art elenkati fl-Anness I u l-valuri ta’ limitu msemija fl-Artikolu 3(1), il-punti (b) u (c), ma jinqabżu fl-ebda punt ta’ monitoraġġ f’dak il-korp jew grupp ta’ korpi ta’ ilma ta’ taħt l-art; jew”;
- (6) jiddaħħal l-Artikolu 6a li ġej:

“Artikolu 6a

Lista ta’ sorveljanza

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi, wara li tqis ir-rapporti xjentifiċi mħejjija mill-ECHA, lista ta' sorveljanza tas-sustanzi li għalihom għandha tinġabar *data* ta' monitoraġġ madwar l-Unjoni kollha mill-Istati Membri u sabiex tistabbilixxi l-formati li għandhom jintużaw mill-Istati Membri għar-rapportar tar-riżultati ta' dak il-monitoraġġ u ta' informazzjoni relatata lill-Kummissjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9(2).

Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha massimu ta' ħames sustanzi jew gruppi ta' sustanzi u għandha tindika l-matriciġiet ta' monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza. Dawk il-matriciġiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolve kostijiet eċċessivi għall-awtoritajiet kompetenti. Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom jintgħażlu minn fost dawk is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu jgħallqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu u li għalihom id-*data* ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Din il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti.

Hekk kif ikunu ġew identifikati metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula, dawk is-sustanzi għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza.

L-ECHA għandha tħejji rapporti xjentifiċi sabiex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tas-sustanzi għal-lista ta' sorveljanza, filwaqt li tqis l-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* u r-riżultati tal-aktar rieżami reċenti ta' dak l-Anness;
- (b) il-listi ta' sorveljanza stabbiliti f'konformità mad-Direttiva 2008/105/KE u mad-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;
- (c) ir-rekwiżiti sabiex jiġi indirizzat it-tniġġis tal-ħamrija, inkluża d-*data* ta' monitoraġġ relatata;
- (d) il-karatterizzazzjoni mill-Istati Membri tad-distretti tal-baċiri idrografiċi f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/60/KE u r-riżultati tal-programmi ta' monitoraġġ stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dik id-Direttiva;
- (e) informazzjoni dwar il-volumi tal-produzzjoni, ix-xejriet tal-użu, il-proprjetajiet intrinziċi (inkluża l-mobilità fil-ħamrija u, fejn rilevanti, id-daqs tal-partikoli), il-konċentrazzjonijiet fl-ambjent u l-effetti negattivi għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent akkwatiku ta' sustanza partikolari jew grupp ta' sustanzi, inkluża informazzjoni miġbura f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***, mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****, mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*****, mar-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*****, mad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***** u mad-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*****;
- (f) proġetti ta' riċerka u pubblikazzjonijiet xjentifiċi, inkluża informazzjoni dwar it-tendenzi u l-previżjonijiet ibbażati fuq l-immudellar jew valutazzjonijiet ta' tħassir oħrajn u *data* u informazzjoni minn teknoloġiji

ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta' Copernicus), minn sensuri u apparati *in situ*, jew mid-*data* xjentifika taċ-ċittadini, li jisfruttaw l-opportunitajiet offruti mill-intelliġenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-*data*;

(g) rakkomandazzjonijiet mill-partijiet ikkonċernati.

L-ECHA għandha, kull 3 snin, tħejji rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tar-rapporti xjentifiċi stabbiliti taħt ir-raba' subparagrafu u għandha tagħmel dak ir-rapport disponibbli għall-pubbliku. L-ewwel rapport għandu jsir disponibbli sa X [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tal-21 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

2. L-ewwel lista ta' sorveljanza għandha tiġi stabbilita sa .. [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-lista ta' sorveljanza għandha tiġi aġġornata kull 36 xahar minn hemm 'il quddiem.

Meta taġġorna lista ta' sorveljanza, il-Kummissjoni għandha tneħħi kwalunkwe sustanza jew grupp ta' sustanzi mil-lista ta' sorveljanza eżistenti, li għalihom hija tqis li huwa possibbli li tivvaluta r-riskju tagħha għall-ambjent akkwatiku mingħajr *data* ta' monitoraġġ addizzjonali. Meta l-lista ta' sorveljanza tiġi aġġornata, sustanza individwali jew grupp ta' sustanzi jistgħu jinżammu fil-lista ta' sorveljanza għal perjodu ieħor ta' 3 snin fejn tkun meħtieġa *data* ta' monitoraġġ addizzjonali sabiex jiġi vvalutat ir-riskju għall-ambjent akkwatiku. Il-lista ta' sorveljanza aġġornata għandha tinkludi wkoll sustanza addizzjonali waħda jew aktar li għalihom il-Kummissjoni tikkunsidra, wara li tqis ir-rapporti xjentifiċi tal-ECHA, li jista' jkun hemm riskju għall-ambjent akkwatiku.

3. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw kull sustanza jew grupp ta' sustanzi fil-lista ta' sorveljanza fi stazzjonijiet ta' monitoraġġ rappreżentattivi magħżula fuq perjodu ta' 24 xahar. Il-perjodu ta' monitoraġġ għandu jibda fi żmien 6 xhur mill-istabbiliment tal-lista ta' sorveljanza.

Kull Stat Membru għandu jagħżel mill-anqas stazzjon ta' monitoraġġ wieħed, flimkien man-numru ta' stazzjonijiet ugwali għall-erja totali tiegħu f'km² ta' korpi tal-ilma ta' taħt l-art diviża b'60 000 (arrotondati għall-eqreb numru sħiħ).

Fl-għażla tal-istazzjonijiet ta' monitoraġġ rappreżentattivi, il-frekwenza tal-monitoraġġ u ż-żmien staġunali għal kull sustanza jew grupp ta' sustanzi, l-Istati Membri għandhom iqisu x-xejriet tal-użu u l-okkorrenza possibbli tas-sustanza jew tal-grupp ta' sustanzi. Il-frekwenza tal-monitoraġġ ma għandhiex tkun anqas minn darba fis-sena.

Meta Stat Membru jkun f'pożizzjoni li jiġġenera *data* ta' monitoraġġ suffiċjenti, komparabbli, rappreżentattiva u reċenti għal sustanza jew grupp partikolari ta' sustanzi minn programmi jew studji ta' monitoraġġ eżistenti, huwa jista' jiddeċiedi li ma jwettaqx monitoraġġ addizzjonali taħt il-mekkaniżmu tal-lista ta' sorveljanza għal dik is-sustanza jew dak il-grupp ta' sustanzi, sakemm is-sustanza jew il-grupp ta' sustanzi jkun għew immonitorjati bl-użu ta' metodoloġija li tkun konformi mal-matriċijiet ta' monitoraġġ u mal-metodi ta' analiżi msemmija fl-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-lista ta' sorveljanza.

4. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli r-riżultati tal-monitoraġġ imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2000/60/KE u mal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-lista ta'

sorveljanza kif adottata skont il-paragrafu 1. Huma għandhom jagħmlu disponibbli wkoll informazzjoni dwar ir-rappreżentattività tal-istazzjonijiet ta' monitoraġġ u dwar l-istrateġija ta' monitoraġġ.

5. L-ECHA għandha tirrieżamina r-riżultati tal-monitoraġġ fi tmiem il-perjodu ta' 24 xahar imsemmija fil-paragrafu 3 u tivvaluta liema sustanzi jew gruppi ta' sustanzi jeħtieġ li jiġu mmonitorjati għal perjodu ieħor ta' 24 xahar u, għalhekk, li għandhom jinżammu fil-lista ta' sorveljanza u liema sustanzi jew gruppi ta' sustanzi jistgħu jitneħħew mil-lista ta' sorveljanza.

Fejn il-Kummissjoni, wara li tqis il-valutazzjoni mill-ECHA msemmija fl-ewwel subparagrafu, tikkonkludi li ma huwa meħtieġ l-ebda monitoraġġ ulterjuri sabiex jiġi vvalutat aktar ir-riskju għall-ambjent akkwatiku, dik il-valutazzjoni għandha titqies fir-rieżami tal-Anness I jew II imsemmija fl-Artikolu 8.

* Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84).

** Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1).

*** Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

**** Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

***** Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

***** Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43).

***** Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

***** Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).

(7) l-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 8

Rieżami tal-Annessi minn I sa IV

1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa ... [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 6 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull 6 snin minn hemm 'il quddiem, il-lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll il-lista ta' sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti B tal-Anness II.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 8a, sabiex temenda l-Anness I sabiex dan jiġi adattat għall-progress tekniku u xjentifiku billi jiżdiedu jew jitneħħew is-sustanzi li jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art u l-istandards ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness u sabiex temenda l-Parti B sabiex din tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku billi jiżdiedu sustanzi niġġiesa jew indikaturi li għalihom l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jistabbilixxu limiti nazzjonali.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 8a, sabiex temenda l-Parti D tal-Anness II sabiex tadattaha għall-progress tekniku u xjentifiku billi żżid jew temenda l-valuri ta' limitu armonizzati għal sustanza niġġiesa waħda jew aktar elenkati fil-Parti B ta' dak l-Anness.

4. Meta tadotta atti delegati kif imsemmi fil-paragrafi 2 u 3, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rapporti xjentifiċi mħejjija mill-ECHA skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a sabiex temenda l-Partijiet A u C tal-Anness II u tal-Annessi III u IV sabiex tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku.

6. Bl-iskop li tassisti lill-Kummissjoni fir-rigward tar-rieżami tal-Annessi I u II, l-ECHA għandha theggi rapporti xjentifiċi. Dawk ir-rapporti għandhom iquisu dawn li ġejjin:

(a) l-opinjoni tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju u tal-Kumitat għall-Analiżi Soċjoekonomika tal-ECHA;

(b) ir-riżultati tal-programmi ta' monitoraġġ stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2000/60/KE;

(c) id-data ta' monitoraġġ miġbura f'konformità mal-Artikolu 6a(4) ta' din id-Direttiva;

(d) l-eżitu tar-rieżamijiet tal-Annessi tad-Direttiva 2008/105/KE u tad-Direttiva (UE) 2020/2184;

(e) l-informazzjoni u r-rekwiżiti sabiex jiġi indirizzat it-tniġġis tal-ħamrija;

(f) il-programmi ta' riċerka u l-pubblikazzjonijiet xjentifiċi tal-Unjoni, inkluża informazzjoni li tirriżulta minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta' Copernicus), minn sensuri u apparati *in situ* u/jew mid-data xjentifika taċ-ċittadini, li jisfruttaw l-opportunitajiet offruti mill-intelliġenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-data;

(g) il-kummenti u l-informazzjoni mill-partijiet ikkonċernati rilevanti.

6. L-ECHA għandha, kull 6 snin, theggi u tagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tar-rieżami msemmi fil-paragrafi 2 u 3. L-ewwel rapport għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni fi ... [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

- (8) jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:

“Artikolu 8a

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati msemija fl-Artikolu 8(1) u (2) għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta’ żmien indeterminat minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva].
3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 8(1) u (2) tista’ tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f’dak aktar tard speċifikata fih. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti maħtura minn kull Stat Membru f’konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta’ April 2016.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 8(1) jew (2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien [xahrejn] min-notifika ta’ dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b’xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”;

- (9) l-Artikolu 9 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 9

Proċedura ta’ Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna minn Kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.
 2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
- Fejn il-Kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz ta’ att ta’ implimentazzjoni u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.”;

* Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta’ kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta’ implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).”;

- (10) jiħassar l-Artikolu 10;

- (11) l-Anness I huwa sostitwit bit-test fl-Anness III ta’ din id-Direttiva;

- (12) l-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness IV ta' din id-Direttiva;
- (13) fl-Anness III, il-punt 2(c) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(c) kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra, inkluż tqabbil bejn il-konċentrazzjoni aritmetika medja annwali tas-sustanzi niġġiesa rilevanti f'punt ta' monitoraġġ u l-istandards ta' kwalità tal-ilma ta' taħt l-art stabbiliti fl-Anness I u l-valuri ta' limitu msemija fl-Artikolu 3(1), il-punti (b) u (c).”;
- (14) fl-Anness IV, il-Parti B, il-punt 1, is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'din li ġejja:
- “il-punt tat-tluq għall-implimentazzjoni tal-miżuri sabiex ireġġgħu lura tendenzi 'l fuq sinifikanti u sostnuti se jkun meta l-konċentrazzjoni tas-sustanzi niġġiesa tilħaq 75 % tal-valuri parametriċi tal-istandards tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art stabbiliti fl-Anness I u tal-valuri ta' limitu msemija fl-Artikolu 3(1), il-punti (b) u (c), ħlief jekk:”.

Artikolu 3

Emendi għad-Direttiva 2008/105/KE

Id-Direttiva 2008/105/KE hija emendata kif ġej:

- (1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-ilma tal-wiċċ, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill”;
- (2) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:
- (a) fil-paragrafu 1a, l-ewwel subparagrafu, jiżdied il-punt (iii) li ġej:
- “(iii) is-sustanzi numerati 5, 9, 13, 15, 17, 21, 23, 24, 28, 30, 34, 37, 41, 44 fil-Parti A tal-Anness I, li għalihom jiġu stabbiliti EQS riveduti, u s-sustanzi identifikati ġodda numerati 46 sa 70 fil-Parti A tal-Anness I, b'effett minn ... [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], bl-għan li jiġi evitat id-deterjorament fl-istat kimiku tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ u li jinkiseb stat kimiku tajjeb tal-ilma tal-wiċċ b'rabta ma' dawk is-sustanzi.”;
- (b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “2. Fir-rigward ta' sustanzi li għalihom huwa stipulat EQS tal-bijota jew EQS tas-sediment fil-Parti A tal-Anness I, l-Istati Membri għandhom japplikaw tali EQS tal-bijota jew EQS tas-sediment.
- Fir-rigward ta' sustanzi oħrajn għajr dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom japplikaw l-EQS tal-ilma stipulat fil-Parti A tal-Anness I.”;
- (c) fil-paragrafu 6, l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'din li ġejja:
- “L-Istati Membri għandhom jagħmlu arranġamenti għall-analiżi tat-tendenza fit-tul tal-konċentrazzjonijiet ta' dawk is-sustanzi prijoritarji identifikati fil-Parti A tal-Anness I bħala sustanzi li għandhom it-tendenza li jakkumulaw fis-sediment u/jew

fil-bijota, abbażi tal-monitoraġġ fis-sediment jew fil-bijota bħala parti mill-monitoraġġ tal-istat tal-ilma tal-wieċ imwettaq f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2000/60/KE.”;

(d) jitħassar il-paragrafu 7;

(e) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a sabiex temenda l-Parti B, il-punt 3, tal-Anness I sabiex tadattah għall-progress tekniku jew xjentifiku.”;

(3) l-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Abbażi tal-informazzjoni miġbura f'konformità mal-Artikoli 5 u 8 tad-Direttiva 2000/60/KE, u ta' data oħra disponibbli, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu inventarju, li jinkludi mapep, jekk disponibbli, tal-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf tas-sustanzi prijoritarji kollha elenkati fil-Parti A tal-Anness I ta' din id-Direttiva u għas-sustanzi niġġiesa kollha elenkati fil-Parti A tal-Anness II ta' din id-Direttiva għal kull distrett ta' baċin ta' xmara jew parti minn distrett ta' baċin ta' xmara li jkun fit-territorju tagħhom, inklużi l-konċentrazzjonijiet tagħhom ta' sediment u bijota, kif xieraq.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għall-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf irrapportati lill-Kummissjoni b'mod elettroniku f'konformità mar-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁺.”;

(b) jitħassru l-paragrafi 2 u 3;

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. L-Istati Membri għandhom jaġġornaw l-inventarji tagħhom bħala parti mir-rieżamijiet tal-analiżijiet speċifikati fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2000/60/KE u għandhom jiżguraw li l-emissjonijiet mhux irrapportati lill-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../...⁺⁺, jiġu ppubblikati fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara tagħhom kif aġġornati f'konformità mal-Artikolu 13(7) ta' dik id-Direttiva.

Il-perjodu ta' referenza għall-istabbiliment tal-valuri fl-inventarji aġġornati għandu jkun is-sena ta' qabel is-sena li fiha għandhom jitlestew l-analiżijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu.

Għas-sustanzi prijoritarji jew is-sustanzi niġġiesa koperti mir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, l-entrati jistgħu jiġu kkalkolati bħala l-medja tat-3 snin qabel it-tlestija tal-analiżi msemmija fl-ewwel subparagrafu.

Għall-emissjonijiet mis-sors lokalizzati mhux irrapportati f'konformità mar-Regolament (UE) .../...⁺⁺⁺, minħabba li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament jew minħabba li huma taħt il-limiti ta' rapportar annwali stabbiliti f'dak ir-Regolament, l-obbligu ta' rapportar stabbilit fl-ewwel subparagrafu ta' dan l-

⁺ OP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument COM (2022) 157

⁺⁺ OP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument COM (2022) 157

⁺⁺⁺ OP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument COM (2022) 157

Artikolu għandu jiġi ssodisfat permezz ta' rapportar elettroniku lill-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali stabbilit skont dak ir-Regolament.

Il-Kummissjoni għandha, assistita mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-format, il-livell ta' granularità u l-frekwenza tar-rapportar imsemmi fir-raba' subparagrafu. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9(2).”;

(d) jitħassar il-paragrafu 5;

(4) fl-Artikolu 7a(1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Għal sustanzi prijoritarji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, tar-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, jew fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**, tad-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** jew tad-Direttiva 2010/75/UE, il-Kummissjoni għandha, bħala parti mir-rapport imsemmi fl-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2000/60/KE, tivvaluta jekk il-miżuri fis-seħħ fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri humiex biżżejjed sabiex jintlaħqu l-EQS għas-sustanzi prijoritarji u l-oġettiv ta' waqfien jew ta' eliminazzjoni gradwali għall-iskariki, l-emissjonijiet u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2000/60/KE.

* Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43).

** Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

*** Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).”;

(5) l-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 8

Rieżami tal-Annessi I u II

“1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa ... [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 6 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull 6 snin minn hemm 'il quddiem, il-lista ta' sustanzi prijoritarji u l-EQS korrispondenti għal dawk is-sustanzi stabbiliti fil-Parti A tal-Anness I u l-lista ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fil-Parti A tal-Anness II.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, wara li tqis ir-rapporti xjentifiċi mhejjja mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, f'konformità mal-Artikolu 9a sabiex temenda l-Anness I sabiex tadattah għall-progress xjentifiku u teknoloġiku billi:

(a) iżżid jew tneħħi sustanzi mil-lista ta' sustanzi prijoritarji;

(b) tiddeżinja jew tneħħi mid-deżinjazzjoni sustanzi magħżula bħala sustanzi prijoritarji perikolużi u/jew bħala sustanzi persistenti, bjoakkumulattivi u tossiċi li jinsabu kullimkien (uPBTs) u/jew bħala sustanzi li għandhom it-tendenza li jakkumulaw fis-sediment u/jew fil-bijota f'dik il-lista;

(c) tistabbilixxi EQS korrispondenti għall-ilma tal-wieċ, għas-sediment jew għall-bijota, kif xieraq.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, wara li tqis ir-rapporti xjentifiċi mħejjija mill-ECHA skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, f'konformità mal-Artikolu 9a sabiex temenda l-Anness II sabiex tadattah għall-progress xjentifiku u teknoloġiku billi:

(a) iżżid jew tneħħi sustanzi niġġiesa mil-lista ta' kategoriji ta' sustanzi niġġiesa stabbilita fil-Parti A tal-Anness II;

(b) taġġorna l-metodoloġija stabbilita fil-Parti B tal-Anness II;

(c) telenka fil-Parti C tal-Anness II ta' din id-Direttiva daww is-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi li għalihom hija stabbilit li l-EQS stabbiliti fil-livell tal-Unjoni għandhom jiġu applikati, fejn rilevanti, sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni armonizzata u bbażata fuq ix-xjenza tal-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE, u billi telenka l-EQS korrispondenti għal daww is-sustanzi niġġiesa fil-Parti C tal-Anness II ta' din id-Direttiva.

4. Meta tidentifika sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi li għalihom jista' jkun meħtieġ li jiġu stabbiliti EQS fil-livell tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

(a) ir-riskju maħluq mis-sustanzi niġġiesa, inkluż il-periklu taġġhom, il-konċentrazzjonijiet ambjentali taġġhom u l-konċentrazzjoni li 'l fuq minnha jistgħu jkunu mistennija l-effetti;

(b) id-disparità bejn l-EQS nazzjonali stabbiliti għas-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi minn Stati Membri differenti u l-grad sa fejn tali disparità hija ġustifikabbli;

(c) in-numru ta' Stati Membri li diġà qegħdin jimplimentaw EQS għas-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi li qegħdin jiġu kkunsidrati.

5. Is-sustanzi prijoritarji li, b'riżultat tar-rieżami msemmi fil-paragrafu 1, ikunu tneħħew mil-lista ta' sustanzi prijoritarji minħabba li ma għadhomx joħlqu riskju għall-Unjoni kollha, għandhom jiġu inklużi fil-Parti C tal-Anness II, filwaqt li jiġu elenkati s-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi u l-EQS armonizzati relatati li għandhom jiġu implimentati meta s-sustanzi niġġiesa jkunu ta' tħassib reġjonali jew nazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 8d.

6. Bl-iskop li tassisti lill-Kummissjoni fir-rigward tar-rieżami tal-Annessi I u II, l-ECHA għandha theggi rapporti xjentifiċi. Daww ir-rapporti xjentifiċi għandhom iqisu dawn li ġejjin:

(a) l-opinjoni jiet tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju u tal-Kumitat għall-Analiżi Soċjoekonomika tal-ECHA;

(b) ir-riżultati tal-programmi ta' monitoraġġ stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2000/60/KE;

(c) id-*data* ta' monitoraġġ miġbura f'konformità mal-Artikolu 8b(4) ta' din id-Direttiva;

(d) l-eżitu tar-rieżamijiet tal-Annessi tad-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* u tad-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

(e) ir-rekwiżiti sabiex jiġi indirizzat it-tniġġis tal-ħamrija, inkluża d-*data* ta' monitoraġġ relatata;

(f) il-programmi ta' riċerka u l-pubblikazzjonijiet xjentifiċi tal-Unjoni, inkluża informazzjoni li tirriżulta minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta' Copernicus), minn sensuri u apparati *in situ* u/jew mid-*data* xjentifika taċ-ċittadini, li jisfruttaw l-opportunitajiet offruti mill-intelliġenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-*data*;

(e) il-kummenti u l-informazzjoni mill-partijiet ikkonċernati rilevanti.

7. L-ECHA għandha, kull 6 snin, tħejji u tagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tar-rapporti xjentifiċi stabbiliti taħt il-paragrafu 6. L-ewwel rapport għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni fi ... [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-*data* = 5 snin wara d-*data* tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

* Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19).

** Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1.).”;

(6) L-Artikolu 8a huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 8a

Dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti sustanzi

1. Fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar prodotti f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2000/60/KE, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tat-Taqsima 1.4.3 tal-Anness V ta' dik id-Direttiva rigward il-preżentazzjoni tal-istat kimiku ġenerali u l-oġettivi u l-obbligi stipulati fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), ta' dik id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu mapep addizzjonali li jippreżentaw informazzjoni dwar l-istat kimiku għal waħda jew aktar mis-sustanzi li ġejjin separatament mill-informazzjoni għall-bqija tas-sustanzi identifikati fil-Parti A tal-Anness I ta' din id-Direttiva:

- (a) sustanzi identifikati fil-Parti A tal-Anness I bħala sustanzi li jaġixxu bħal PBTs li jinsabu kullimkien;
- (b) sustanzi identifikati ġodda fl-aħħar rieżami f'konformità mal-Artikolu 8;
- (c) sustanzi li għalihom ġie stabbilit EQS aktar strett fl-aħħar rieżami f'konformità mal-Artikolu 8.

L-Istati Membri jistgħu jippreżentaw il-firxa ta' kwalunkwe devjazzjoni mill-valur tal-EQS għas-sustanzi msemija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c), fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara prodotti f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2000/60/KE. L-Istati Membri li jipprovdu mapep addizzjonali kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandhom ifittxu li jiżguraw l-interkomparabbiltà tagħhom fil-livell tal-baċiri tax-xmajjar u tal-Unjoni u għandhom jagħmlu d-*data* disponibbli f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE, mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* u mad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**.

2. L-Istati Membri jistgħu jimmonitorjaw is-sustanzi identifikati fil-Parti A tal-Anness I bħala sustanzi li jaġixxu bħal PBTs li jinsabu kullimkien b'mod anqas intensiv minn kif mehtiegħ għas-sustanzi prijoritarji f'konformità mal-Artikolu 3(4) ta' din id-Direttiva u mal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE, diment li l-monitoraġġ ikun rappreżentattiv u tkun disponibbli linja bażi statistikament robusta rigward il-preżenza ta' dawk is-sustanzi fl-ambjent akkwatiku. Bħala linja gwida, f'konformità mal-Artikolu 3(6), it-tieni subparagrafu, ta' din id-Direttiva, jenhtiegħ li l-monitoraġġ isir kull 3 snin, sakemm l-għarfien tekniku u l-ġudizzju espert ma jiġġustifikawx intervall ieħor.

3. L-Istati Membri għandhom, minn ... [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], għal perjodu ta' sentejn, jimmonitorjaw il-preżenza ta' sustanzi estroġeniċi fil-korpi tal-ilma, billi jużaw metodi ta' monitoraġġ ibbażati fuq l-effetti. Huma għandhom iwettqu l-monitoraġġ mill-anqas erba' darbiet matul kull waħda mis-sentejn f'postijiet fejn it-tliet ormoni estroġeniċi 7-Beta estradjol (E2), Estron (E1) u Alfa-Etinil estradjol (EE2) elenkati fil-Parti A tal-Anness I ta' din id-Direttiva qegħdin jiġu mmonitorjati bl-użu ta' metodi analitiċi konvenzjonali f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2000/60/KE u mal-Anness V ta' dik id-Direttiva. L-Istati Membri jistgħu jużaw in-network ta' siti ta' monitoraġġ identifikati għall-monitoraġġ tas-sorveljanza ta' korpi rappreżentattivi tal-ilma tal-wiċċ f'konformità mal-punt 1.3.1 tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE.

* Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE), (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

** Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).”;

(7) l-Artikolu 8b huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 8b

Lista ta' sorveljanza

“1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi, wara li tqis ir-rapporti xjentifiċi mħejjija mill-ECHA, lista ta' sorveljanza tas-sustanzi li għalihom huwa mehtiegħ li tinġabar *data* ta' monitoraġġ madwar l-Unjoni kollha mill-Istati Membri u li jiġu stabbiliti l-formati li għandhom jintużaw mill-Istati Membri għar-rapportar tar-riżultati ta' dak il-monitoraġġ u ta'

informazzjoni relatata lill-Kummissjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9(2).

Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha massimu ta' 10 sustanzi jew grupp ta' sustanzi fi kwalunkwe ħin, u għandha tindika l-matriciġiet ta' monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza. Dawk il-matriciġiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi għall-awtoritajiet kompetenti. Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom jintgħażlu minn fost is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku, jew permezz tiegħu, u li għalihom id-*data* ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti.

Hekk kif ikunu ġew identifikati metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula, dawk is-sustanzi għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza.

L-ECHA għandha tħejji rapporti xjentifiċi sabiex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tas-sustanzi għal-lista ta' sorveljanza, filwaqt li tqis l-informazzjoni li ġejja:

- (a) ir-riżultati tal-aktar rieżami regolari reċenti tal-Anness I ta' din id-Direttiva;
- (b) rakkomandazzjonijiet mill-partijiet ikkonċernati msemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/105/KE;
- (c) il-karatterizzazzjoni mill-Istati Membri tad-distretti tal-baċiri idrografiċi f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/60/KE u r-riżultati tal-programmi ta' monitoraġġ stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dik id-Direttiva;
- (d) informazzjoni dwar il-volumi tal-produzzjoni, ix-xejriet tal-użu, il-proprjetajiet intrinziċi (inkluż, fejn rilevanti, id-daqs tal-partikoli), il-konċentrazzjonijiet fl-ambjent u l-effetti negattivi għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent akkwatiku ta' sustanza, inkluża l-informazzjoni miġbura f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, mar-Regolament (UE) Nru 528/2012, mar-Regolament (UE) 2019/6, mad-Direttiva 2001/83/KE u mad-Direttiva 2009/128/KE;
- (e) proġetti ta' riċerka u pubblikazzjonijiet xjentifiċi, inkluża informazzjoni dwar it-tendenzi u l-previżjonijiet ibbażati fuq l-immudellar jew valutazzjonijiet ta' tħassir oħrajn u *data* u informazzjoni minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta' Copernicus), minn sensuri u apparati *in situ*, jew mid-*data* xjentifika taċ-ċittadini, li jisfruttaw l-oportunitajiet offruti mill-intelliġenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-*data*.

L-ECHA għandha, kull 3 snin, tħejji rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tar-rapporti xjentifiċi stabbiliti taħt ir-raba' subparagrafu u għandha tagħmel dak ir-rapport disponibbli għall-pubbliku. L-ewwel rapport tal-ECHA għandu jkun disponibbli sa ... [OP: jekk jogħġbok daħħal id-*data* = l-ewwel jum tal-21 xahar wara d-*data* tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

2. Il-lista ta' sorveljanza għandha tiġi aġġornata sa X [OP jekk jogħġbok daħħal id-*data* = l-aħħar jum tat-23 xahar wara d-*data* tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], u

kull 36 xahar minn hemm 'il quddiem. Meta taġġorna l-lista ta' sorveljanza, il-Kummissjoni għandha tneħħi kwalunkwe sustanza mil-lista ta' sorveljanza eżistenti li għaliha tqis li huwa possibbli li tivvaluta r-riskju tagħha għall-ambjent akkwatiku mingħajr *data* ta' monitoraġġ addizzjonali. Meta l-lista ta' sorveljanza tiġi aġġornata, sustanza individwali jew grupp ta' sustanzi jistgħu jinżammu fil-lista ta' sorveljanza għal perjodu ieħor ta' massimu ta' 3 snin fejn tkun meħtieġa *data* ta' monitoraġġ addizzjonali sabiex jiġi vvalutat ir-riskju għall-ambjent akkwatiku. Kull lista ta' sorveljanza aġġornata għandha tinkludi wkoll sustanza ġdida waħda jew aktar li għalihom il-Kummissjoni tqis, abbażi tar-rapporti xjentifiċi tal-ECHA, li hemm riskju għall-ambjent akkwatiku.

3. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw kull sustanza jew grupp ta' sustanzi fil-lista ta' sorveljanza fi stazzjonijiet ta' monitoraġġ rappreżentattivi magħżula fuq perjodu ta' 24 xahar. Il-perjodu ta' monitoraġġ għandu jibda fi żmien 6 xhur mill-inklużjoni tas-sustanza fil-lista.

Kull Stat Membru għandu jagħżel mill-anqas stazzjon ta' monitoraġġ wieħed, flimkien ma' stazzjon wieħed jekk ikollu aktar minn miljun abitant, flimkien man-numru ta' stazzjonijiet ugwali għaż-żona ġeografika tiegħu f'km² diviża b'60 000 (arrotondati għall-eqreb numru sħiħ), flimkien man-numru ta' stazzjonijiet ugwali għall-popolazzjoni tiegħu diviża b'5 miljuni (arrotondati għall-eqreb numru sħiħ).

Fl-għażla tal-istazzjonijiet ta' monitoraġġ rappreżentattivi, il-frekwenza tal-monitoraġġ u ż-żmien staġunali għal kull sustanza jew grupp ta' sustanzi, l-Istati Membri għandhom iqisu x-xejriet tal-użu u l-okkorrenza possibbli tas-sustanza jew tal-grupp ta' sustanzi. Il-frekwenza tal-monitoraġġ ma għandhiex tkun anqas minn darbejn fis-sena, ħlief għal sustanzi li huma sensittivi għal varjabbiltajiet klimatiki jew staġunali, li għalihom il-monitoraġġ għandu jitwettaq b'mod aktar frekwenti, kif stabbilit fl-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-lista ta' sorveljanza adottata skont il-paragrafu 1.

Meta Stat Membru jkun jista' jiġġenera u jipprovdi lill-Kummissjoni b'*data* ta' monitoraġġ suffiċjenti, komparabbli, rappreżentattiva u reċenti għal sustanza partikolari jew grupp ta' sustanzi minn programmi jew studji ta' monitoraġġ eżistenti, huwa jista' jiddeċiedi li ma jwettaqx monitoraġġ addizzjonali taħt il-mekkaniżmu tal-lista ta' sorveljanza għal dik is-sustanza jew dak il-grupp ta' sustanzi, diment li s-sustanza jew il-grupp ta' sustanzi jkunu ġew immonitorjati bl-użu ta' metodoloġija li tkun konformi mal-matriċijiet ta' monitoraġġ u mal-metodi ta' analiżi msemmija fl-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-lista ta' sorveljanza, kif ukoll mad-Direttiva 2009/90/KE*.

4. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli r-riżultati tal-monitoraġġ imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2000/60/KE u mal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-lista ta' sorveljanza adottata skont il-paragrafu 1. Huma għandhom jagħmlu disponibbli wkoll informazzjoni dwar ir-rappreżentattività tal-istazzjonijiet ta' monitoraġġ u dwar l-istrateġija ta' monitoraġġ.

5. L-ECHA għandha tirrieżamina r-riżultati tal-monitoraġġ fi tmiem il-perjodu ta' 24 xahar imsemmija fil-paragrafu 3 u tivvaluta liema sustanzi jew gruppi ta' sustanzi jeħtieġ li jiġu mmonitorjati għal perjodu ieħor ta' 24 xahar u, għalhekk, li għandhom jinżammu fil-lista ta' sorveljanza u liema sustanzi jew gruppi ta' sustanzi jistgħu jitneħħew mil-lista ta' sorveljanza.

Meta l-Kummissjoni, wara li tqis il-valutazzjoni mill-ECHA msemmija fl-ewwel subparagrafu, tikkonkludi li ma huwa meħtieġ l-ebda monitoraġġ ulterjuri sabiex jiġi vvalutat aktar ir-riskju għall-ambjent akkwatiku, din il-valutazzjoni għandha titqies fir-rieżami tal-Anness I jew II imsemmija fl-Artikolu 8.”

* Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/90/KE tal-31 ta' Lulju 2009 li tistipula, skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, speċifikazzjonijiet tekniċi għall-analiżi u l-monitoraġġ kimiċi tal-istat tal-ilma (ĠU L 201, 1.8.2009, p. 36).”;

(8) jiddaħħal l-Artikolu 8d li ġej:

“Artikolu 8d

Sustanzi Niġġiesa Speċifiċi għall-Baċiri Idrografiċi

“1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u japplikaw EQS għas-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi koperti mill-kategoriji elenkati fil-Parti A tal-Anness II ta' din id-Direttiva, fejn dawk is-sustanzi niġġiesa jippreżentaw riskju għall-korpi tal-ilma f'wieħed jew aktar mid-distretti tal-baċiri idrografiċi tagħhom abbażi tal-analiżijiet u r-rieżamijiet skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/60/UE, f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-Parti B tal-Anness II ta' din id-Direttiva.

L-Istati Membri għandhom, sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], jinformaw lill-ECHA bl-EQS imsemmija fl-ewwel subparagrafu. L-ECHA għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

2. Meta l-EQS għas-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi jkun għew stabbiliti fil-livell tal-Unjoni u elenkati fil-Parti C tal-Anness II, f'konformità mal-Artikolu 8, dawk l-EQS għandhom jieħdu preċedenza fuq l-EQS għas-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi stabbiliti fil-livell nazzjonali f'konformità mal-paragrafu 1. Dawk l-EQS stabbiliti fil-livell tal-Unjoni għandhom jiġu applikati wkoll mill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu jekk is-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi elenkati fil-Parti C tal-Anness II jgħolqux riskju.

3. Il-konformità mal-EQS nazzjonali applikabbli jew mal-EQS stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, fejn rilevanti, hija meħtieġa sabiex korp tal-ilma jkun fi stat kimiku tajjeb, f'konformità mad-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(24) tad-Direttiva 2000/60/KE.”;

(9) jitħassar l-Artikolu 10;

(10) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness V ta' din id-Direttiva;

(11) jiżdied l-Anness II, kif stabbilit fl-Anness VI ta' din id-Direttiva.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

2. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun

hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva

Artikolu 5

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA għall-

PAKKETT TA' TNIĠĠIS ŻERO

QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Pakkett ta' tniġġis żero:

Din id-dikjarazzjoni leġiżlattiva finanzjarja tinkludi l-proposti li ġejjin:

- **Ġestjoni integrata tal-ilma:** proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, id-Direttiva 2006/118/KE dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament u d-Direttiva 2008/105/KE dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma;
- **Rieżami tad-direttiva dwar it-trattament tal-ilma urban mormi:** Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (Riformulazzjoni tad-Direttiva 91271/KEE);
- **Reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kwalità tal-arja ambjentali:** Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/107/KE dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali u d-Direttiva 2008/50/KE dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja aktar nadifa għall-Ewropa;

Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

09 - L-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima

Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

- ☒ azzjoni ġdida
- ☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja¹
- ☒ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti
- ☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

Objettiv(i)

Objettivi ġenerali

- 1) Tiżdied il-protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE u tal-ekosistemi naturali f'konformità mal-Istrateġija għall-Bijodiversità u l-ambizzjoni ta' Tniġġis Żero inkorporati fil-Patt Ekoloġiku Ewropew;
- 2) Tiżdied l-effettività u jitnaqqas il-piż amministrattiv tal-leġiżlazzjoni, sabiex b'hekk jiġi ffaċilitat rispons aktar malajr għar-riskji emerġenti;
- 3) Jiġu protetti l-ambjent u s-saħħa pubblika mill-effetti negattivi tas-sustanzi kimiċi perikolużi u tat-tniġġis tal-arja.

¹ Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Ġestjoni Integrata tal-Ilma:

- 1) Jiġu aġġornati l-listi ta' sustanzi niġġiesa li jaffettwaw l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art billi jiżdiedu u jitneħħew is-sustanzi u jiġu riveduti l-istandards ta' kwalità għal xi sustanzi diġà elenkati;
- 2) Jittejbu t-trasparenza tad-*data*, l-aċċess għaliha u l-użu mill-ġdid tagħha, sabiex b'hekk tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni fl-Istati Membri, kif ukoll jitnaqqas il-piż amministrattiv u jtejjeb l-effiċjenza u l-koerenza tal-qafas legali usa' li jittratta s-sustanzi kimiċi;
- 3) Jiġi pprovdut qafas legali li jista' jiġi allinjat aktar malajr u faċilment mas-sejbiet xjentifiċi u li jirrispondi aktar malajr għal kontaminanti ta' tħassib emerġenti;
- 4) Jittejjeb il-monitoraġġ tat-taħlitiet kimiċi sabiex jiġu vvalutati aħjar l-effetti ta' kombinazzjoni, u l-monitoraġġ tal-varjazzjonijiet staġunali fil-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġġiesa;
- 5) Jiġi armonizzat kif is-sustanzi niġġiesa fl-ilma tal-wiċċ u fl-ilma ta' taħt l-art jiġu indirizzati madwar l-UE, fejn sal-lum ma ġie stabbilit l-ebda standard ta' kwalità jew valur ta' limitu fil-livell tal-UE;
- 6) Jinħolqu l-kundizzjonijiet għaż-żieda fl-użu mill-ġdid tal-ilma u għall-ġestjoni aħjar tal-ħama u tal-iskart, f'sinerġija mill-qrib mar-Regolament il-ġdid dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma, mad-Direttiva dwar il-ħama tad-Drenaġġ u mal-acquis tal-UE dwar l-iskart;

Id-direttiva dwar it-trattament tal-ilma urban mormi:

- 1) Isir kontribut għall-identifikazzjoni u mbagħad għall-prevenzjoni tat-tniġġis li jasal fl-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi;
- 2) Ikompli jitnaqqas it-tniġġis tan-nutrijenti (N u P), tal-mikrosustanzi niġġiesa u tal-mikroplastik, kif ukoll tas-“sorsi li jifdal” tat-tniġġis (il-fajd tal-ilma tal-maltempati, l-ilma tax-xeba' urban, agglomerazzjonijiet iżgħar u l-IAS);
- 3) Issir it-tranżizzjoni lejn in-newtralità enerġetika tas-settur tal-ilma mormi;
- 4) Jinħolqu l-kundizzjonijiet għaż-żieda fl-użu mill-ġdid tal-ilma u għall-ġestjoni aħjar tal-ħama u tal-iskart, f'sinerġija mill-qrib mar-Regolament il-ġdid dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma, mad-Direttiva dwar il-ħama tad-Drenaġġ u mal-acquis tal-UE dwar l-iskart;
- 5) Jittejjeb l-aċċess għas-sanità, b'mod partikolari għal persuni vulnerabbli u emarġinati;
- 6) Jissaħħu, jiġu mmodernizzati, issimplifikati u adattati l-obbligi ta' monitoraġġ u rapportar.

Il-leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja:

- 1) Jiġu riveduti l-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE sabiex jiġu allinjati aktar mill-qrib mar-rakkomandazzjonijiet tal-WHO, filwaqt li, sa fejn ikun possibbli, jitqiesu l-aħħar pariri xjentifiċi, il-fattibbiltà, il-kostijiet u l-benefiċċji – u jiġi żgurat li l-

leġiżlazzjoni tkun tista' tirrispondi b' mod xieraq u effettiv għal bidliet futuri fil-bażi ta' evidenza sottostanti;

2) Jiġi żgurat li l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jkunu mezz effettiv għall-identifikazzjoni, l-ippjanar u l-mitigazzjoni ta' sitwazzjoni ta' qbiż- u jiġi inklużi dispożizzjonijiet aktar ċari dwar il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati, l-aċċess għall-ġustizzja, il-penali u l-kumpens marbuta mal-arja nadifa fil-leġiżlazzjoni tal-UE;

3) Jissaħħu aktar id-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja, l-immudellar tal-kwalità tal-arja u l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja sabiex jgħinu lill-awtoritajiet lokali jiksbu arja aktar nadifa;

4) Tiġi pprovduta informazzjoni liċ-ċittadini dwar l-impatti fuq is-saħħa ta' kwistjonijiet tat-tniġġis tal-arja;

5) Jiġi ssimplifikati d-dispożizzjonijiet eżistenti, fejn fattibbli, sabiex jittejjbu l-effettività u l-effiċjenza tal-ġestjoni tal-kwalità tal-arja.

Riżultat(i) u impatt mistennija

Ġestjoni Integrata tal-Ilma:

Id-Direttiva proposta se twassal speċifikament għal aġġornament tal-listi ta' sustanzi li jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art u l-ilma tal-wiċċ. Hija se tindirizza wkoll diversi nuqqasijiet relatati mas-sustanzi kimiċi fl-ilma enfasizzati mill-Kontroll tal-Idoneità tal-Leġiżlazzjoni dwar l-Ilma tal-2019.

Din se twassal għal livelli aktar baxxi ta' tniġġis fl-ilma ħelu, fl-ilma kostali, fl-ilma ta' tranżizzjoni u fl-ilma ta' taħt l-art tal-Ewropa.

Hija se tipprovdri aktar informazzjoni aġġornata u rilevanti dwar l-istat tal-ilma, informazzjoni aktar affidabbli dwar sustanzi niġġiesa emerġenti fl-ilma ta' taħt l-art, il-kapaċità li jiġi żgurati aġġornamenti regolari tal-listi ta' sustanzi abbażi ta' informazzjoni ta' monitoraġġ simplifikata u għarfien integrat ibbażat fuq ix-xjenza, u dan se jirriżulta fil-monitoraġġ tat-tniġġis li jirriżulta mill-mikroplastik u mill-ġeni ta' reżistenza antimikrobika.

Hija se toħloq ukoll il-kundizzjonijiet sabiex jiżdied l-użu mill-ġdid tal-ilma u sabiex jiġi ġestiti aħjar il-ħama u l-iskart, f' sinerġija mill-qrib mar-Regolament il-ġdid dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma, mad-Direttiva dwar il-Hama tad-Drenaġġ u mal-acquis tal-UE dwar l-iskart;

Id-direttiva dwar it-trattament tal-ilma urban mormi:

Il-kwalità tax-xmajjar, tal-lagi u tal-ibħra tal-UE hija mistennija li tiġi ppreservata u mtejba. L-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa mis-sorsi urbani li jifdal (inklużi agglomerazzjonijiet żgħar, ilmijiet tax-xita mniġġsa, faċilitajiet deċentralizzati iżgħar), kif ukoll l-emissjonijiet tan-nitroġenu u tal-fosforu se jkomplu jonqsu, b'valuri ta' limitu aktar stretti fejn l-ewtrofikazzjoni tibqa' kwistjoni.

Se jinkisbu wkoll investimenti ġodda sabiex jitnaqqas it-tniġġis minn mikrosustanzi niġġiesa. Dawn l-investimenti huma mistennija li jkunu koperti minn sistema ġdida ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi li tagħmel lil dawk li jqiegħdu prodotti li

jiġġeneraw mikrosustanzi niġġiesa finanzjarjament responsabbli għat-trattament addizzjonali meħtieġ sabiex tiġi ppreservata l-kwalità tal-ilmijiet riċeventi tal-UE.

Is-settur huwa mistenni li jsir newtrali fl-enerġija (jiġifieri li l-enerġija fossili użata tiġi kkompensata mill-enerġija rinnovabbli prodotta mis-settur).

Ir-reviżjoni se tkun mutur kruċjali għall-iżvilupp ta' industrija tal-ilma tal-UE globalment kompetittiva. Il-modernizzazzjoni ulterjuri tal-istandards tal-UE, pereżempju, b'rekwiżiti ġodda dwar il-mikrosustanzi niġġiesa jew l-użu tal-enerġija, tkompli tistimola l-innovazzjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, l-ekonomiji ta' skala.

Il-leġislazzjoni dwar il-kwalità tal-arja:

Id-Direttiva riveduta proposta tikkontribwixxi għall-ambizzjoni ta' tniġġis zero inkorporata fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, sabiex tallinja l-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE aktar mill-qrib mar-rakkomandazzjonijiet mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, u għal titjib sostnut tal-kwalità tal-arja madwar l-Unjoni Ewropea.

Id-Direttiva riveduta proposta se ssaħħa ukoll id-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ, l-immudellar u l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja sabiex tgħin lill-awtoritajiet lokali jiksbu arja aktar nadifa. L-indirizzar ta' dawn in-nuqqasijiet se jirriżulta f'livelli aktar baxxi u esponiment għat-tniġġis tal-arja fl-arja ambjentali, governanza mtejbja u infurzar tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja, monitoraġġ u mmudellar aħjar billi jittejbju l-affidabbiltà u l-komparabbiltà tiegħu u billi jiġu estenzi s-sustanzi niġġiesa li għandhom jiġu mmonitorjati, aċċess imtejjeb għad-*data* u l-informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja b'enfasi partikolari fuq it-titjib tal-użu ta' għodod diġitali u l-possibbiltà li l-istandards ta' kwalità tal-arja tal-UE jinżammu taħt rieżami regolari.

Iċ-ċittadini tal-UE se jaraw benefiċċji għas-saħħa minn kwalità tal-arja mtejbja. In-negożji, l-atturi ekonomiċi, inkluż fl-agrikoltura u, b'mod aktar ġenerali, daww li jħaddmu se jibbenefikaw mit-tnaqqis tal-impatti negattivi fuq is-saħħa u (għalkemm anqas sinifikanti) mhux fuq is-saħħa assoċjati ma' kwalità tal-arja ħażina.

Sadanittant, l-awtoritajiet pubbliċi se jkunu affettwati minn standards riveduti tal-kwalità tal-arja tal-UE u dispożizzjonijiet imsaħħa għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja fil-biċċa l-kbira skont is-sitwazzjoni attwali tagħhom tal-kwalità tal-arja: ir-regoli riveduti jistgħu jimplikaw żieda fil-piż amministrattiv tal-awtoritajiet kompetenti għal monitoraġġ imtejjeb tal-kwalità tal-arja.

Indikaturi tal-prestazzjoni

Ġestjoni Integrata tal-Ilma:

Iż-żieda fin-numru ta' sustanzi mmonitorjati skont id-Direttiva, bħala riżultat tal-introduzzjoni ta' lista ta' sorveljanza obbligatorja għall-fini tal-monitoraġġ tas-sustanzi ta' tħassib li jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art, kif ukoll iż-żieda fil-frekwenza tar-rapportar tad-*data* dwar il-monitoraġġ u l-istatus, se jippermettu traċċar aktar granulari tal-progress u tal-kisbiet.

L-indikaturi ewlenin tas-suċċess se jinkludu n-numru ta' Stati Membri li għalihom hemm disponibbli serje sħiħa ta' żmien tal-monitoraġġ għas-sustanzi rilevanti (b'mod partikolari għas-sustanzi tal-ilma ta' taħt l-art), in-numru ta' sustanzi jew sustanzi niġġiesa li għalihom jinkiseb stat tajjeb, kif ukoll il-grad ta' armonizzazzjoni

tal-valuri ta' limitu stabbiliti mill-Istati Membri għal Sustanzi Niġġiesa Speċifiċi għall-Baċiri Idrografiċi.

L-inklużjoni tal-mikroplastik u ta' ġeni ta' reżistenza antimikrobika fil-listi ta' sorveljanza, soġġetta għall-identifikazzjoni ta' linji gwida xierqa dwar il-metodoloġiji ta' monitoraġġ u valutazzjoni, se tippermetti l-monitoraġġ tal-progress fit-trattament ta' dawn it-tipi emerġenti ta' tniġġis u l-identifikazzjoni sussegwenti tal-istandards ta' kwalità, kif xieraq. Barra minn hekk, il-proċeduri huma ssimplifikati sabiex tiġi żgurata reazzjoni aktar malajr fuq il-ħolqien ta' kwistjonijiet ġodda dwar it-tniġġis tal-ilma.

Id-direttiva dwar it-trattament tal-ilma urban mormi:

- Ir-rata ta' konformità u d-distanza sal-mira għal kull Stat Membru u għal kull livell ta' trattament se jipprovdu ħarsa ġenerali eċċellenti lejn l-implimentazzjoni tad-Direttiva;
- In-numru ta' faċilitajiet mġhamra bi trattament addizzjonali għall-N/P u għall-mikrosustanzi niġġiesa; u t-tnaqqis relatat tar-rilaxxi tal-N/P u tat-tagħbija tossika fil-livelli tal-Istati Membri u tal-UE;
- L-użu tal-enerġija mill-Istati Membri u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra relatati;
- In-numru ta' agglomerazzjonijiet koperti minn pjanijiet ta' ġestjoni integrata għall-fajd tal-ilma tal-maltempati u għall-ilma tax-xeba' urban u l-konformità tagħhom mal-oġettiv tal-UE;
- Il-miżuri meħuda mill-Istati Membri sabiex itejbu l-aċċess għas-sanità u IAS ta' kontroll aħjar, u sommarju tal-indikaturi ewlenin tas-saħħa mistħarrġa fl-Istati Membri;
- *Data* oħra, notevolment dwar il-kwalità tal-ilma tal-ilmijiet riċeventi (xmajjar, lagi u ibħra), li ġejja mid-Direttivi Qafas dwar l-Ilma u l-Baħar se tintuża sabiex jitkejlu b'mod konkret l-impatti tal-UWWTD. Aktar dettalji dwar il-parametri possibbli li għandhom jiġu rrapportati għall-valutazzjoni tal-konformità u għall-kejl tas-suċċess tad-Direttiva huma pprovduti fl-Anness 10 tal-valutazzjoni tal-impatt;
- L-inklużjoni tas-sorveljanza tal-ilma mormi permezz ta' monitoraġġ li jippermetti li jiġu ddefiniti indikaturi ġodda dwar id-*data* xjentifika, analitika u epidemjoloġika rilevanti.

Il-leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja:

L-Istati Membri tal-UE stabbilew network ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-arja b'madwar 16 000 punt ta' kampjunar għal sustanzi niġġiesa speċifiċi (spiss miġbura f'aktar minn 4 000 post ta' monitoraġġ) abbażi ta' kriterji komuni definiti mid-Direttivi attwali dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali. Il-modifika ssuġġerita għar-reġimi ta' valutazzjoni, il-monitoraġġ u l-immudellar tal-kwalità tal-arja se tipprovdi informazzjoni komparabbli u oġġettiva addizzjonali li tippermetti l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni regolari tal-iżvilupp tal-kwalità tal-arja madwar l-UE, inkluż f'livelli aktar baxxi ta' tniġġis, li qegħdin jitqiesu dejjem aktar bħala li għandhom ukoll impatti fuq is-saħħa. Din se tirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jżidu l-monitoraġġ għas-sustanzi niġġiesa ta' tħassib emerġenti, sabiex iżommu taħt osservazzjoni

diversi sustanzi li jniġġsu l-arja li għalihom sal-lum ma jeżisti l-ebda monitoraġġ armonizzat tal-kwalità tal-arja fl-UE kollha.

Id-*data* dwar il-kwalità tal-arja rrapportata mill-Istati Membri ssir disponibbli għall-pubbliku bħala servizz diġitali mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, inkluż permezz tal-Indiċi Ewropew tal-Kwalità tal-Arja bbażat fuq *data* qrib il-ħin reali. Id-disponibbiltà ta' din id-*data*, u rekwiżiti aktar preċiżi għall-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fil-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, se jippermettu wkoll li tinżamm l-effettività ta' miżuri speċifiċi (spiss lokali) dwar il-kwalità tal-arja taħt rieżami kostanti. Rekwiżiti speċifiċi aktar ċari dwar l-informazzjoni pubblika se jagħmluha aktar faċli għaċ-ċittadini sabiex jaċċessaw aktar malajr l-eżiti tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tad-*data* dwar il-kwalità tal-arja u l-azzjoni politika relatata.

Dan se jippermetti traċċar aktar granulari tal-progress u tal-kisbiet, li permezz tagħhom l-indikatur ewlieni tas-suċċess huwa l-kisba mill-Istati Membri kollha tal-istandards tal-kwalità tal-arja stabbiliti tal-UE, inkluż il-progress lejn l-ilħuq tagħhom.

Raġunijiet għall-proposti/inizjattivi

Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

Ġestjoni Integrata tal-Ilma:

L-EEA se tkun il-“punt uniku ta' servizz” għall-ipproċessar u għat-tqegħid għad-dispożizzjoni fuq bażi aktar regolari (kif inhu l-każ bħalissa) tad-*data* kollha dwar il-monitoraġġ u l-istatus tal-ilma li ġejja mill-Istati Membri u din l-informazzjoni se tikkontribwixxi għall-kompiti tal-ECHA, li se tkun il-“punt uniku ta' servizz” għall-għoti tal-appoġġ xjentifiku essenzjali għall-iżvilupp ulterjuri ta' standards għall-ħarsien tal-ambjent akkwatiku. Xi kompiti ġodda qegħdin jirriżultaw mill-ħtieġa li jiġi indirizzat aħjar u b'mod aktar sistematiku t-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art u li tiġi żgurata protezzjoni aħjar u aktar armonizzata fir-rigward ta' sustanzi niġġiesa li ma jkunux ta' tħassib għall-UE kollha.

F'aktar dettall, se tkun teħtieġ:

- Kompiti ta' darba marbuta mat-twaqqif, mill-EEA, tas-sistema sabiex tiġi aċċessata direttament id-*data* ġġenerata taħt din il-proposta mill-Istati Membri u għall-identifikazzjoni jew l-iżvilupp, mill-ECHA, ta' diversi dokumenti ta' gwida u metodoloġiji għall-monitoraġġ u l-analiżi tal-mikroplastik u tal-ġeni ta' reżistenza antimikrobika; kif ukoll l-inklużjoni ta' standards ta' kwalità ambjentali nazzjonali għal sustanzi niġġiesa fil-livell tad-Distrett tal-Baċiri Idrografiċi f'repożitorju ta' valuri ta' limitu bbażati fuq is-saħħa ġestiti mill-ECHA;

- Kompiti rikorrenti, marbuta maż-żieda fil-frekwenza u d-diġitalizzazzjoni / il-mekkaniżmu ta' twassil awtomatizzat ta' *data* dwar il-monitoraġġ u l-istatus lill-EEA, iż-żamma tar-repożitorju tal-istandards għas-sustanzi niġġiesa fil-livell tad-Distrett tal-Baċiri Idrografiċi mill-ECHA u l-appoġġ xjentifiku kontinwu mill-ECHA fil-qafas tal-iżvilupp/adattament, kull 3 snin, tal-listi ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art (għall-fini ta' monitoraġġ u valutazzjoni tas-sustanzi niġġiesa ta' tħassib); u tal-iżvilupp/adattament, kull 6 snin, tal-listi ta' sustanzi/sustanzi niġġiesa u tal-EQS korrispondenti għall-UE kollha, kull 6 snin, għall-ilma tal-wiċċ u għall-ilma ta' taħt l-art, kif ukoll għall-identifikazzjoni, kull 6 snin, ta' standards għall-UE

kollha għal sustanzi li jniġġsu (l-ilma tal-wiċċ u l-ilma ta' taħt l-art) li bħalissa huma regolati fil-livell tad-Distrett tal-Baċiri Idrografiċi fejn hekk meħtieġ għall-fini tal-ħarsien tal-ambjent u l-implimentazzjoni armonizzata.

Skeda ta' żmien

Q1 2023 – Q4 2023: negozjar interistituzzjonali tal-proposta

Q1/2 2024: dħul fis-seħħ.

Q2 2024 – Q4 2025: L-iżvilupp tas-sistema sabiex tiġi aċċessata direttament id-*data* ġġenerata taħt din il-proposta mill-Istati Membri, immexxija mill-EEA u li għandha tiġi stabbilita f'att ta' implimentazzjoni

Q2 2024 – Q4 2025: L-iżvilupp tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi (il-format, il-granularità, il-frekwenza) għall-fini tar-rapportar tal-emissjonijiet (emissjonijiet mis-sors lokalizzati mhux koperti mir-Regolament tal-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali, kif ukoll emissjonijiet diffużi) lill-EEA (Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali), immexxija mill-EEA u li għandhom jiġu adottati permezz ta' att ta' implimentazzjoni

Q1 2024 – Q4 2025: L-identifikazzjoni u/jew l-iżvilupp ta' dokumenti ta' gwida u metodoloġiji għall-kejl u l-analiżi tal-konċentrazzjonijiet ta' mikroplastik u ġeni ta' reżistenza antimikrobika fil-korpi tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art (li għandhom jiġu identifikati/elenkati fl-att ta' implimentazzjoni li jadotta l-listi ta' Sorveljanza), immexxija mill-ECHA

Q2 2024 – Q3 2027: L-iżvilupp tas-sitt lista ta' Sorveljanza tal-Ilma Ħelu u tal-ewwel lista ta' Sorveljanza tal-Ilma ta' Taħt l-Art, u l-analiżi u r-rapport dwar il-ħames lista ta' Sorveljanza tal-Ilma Ħelu, immexxija mill-ECHA u li għandhom jiġu adottati permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

Q1 2026 'il quddiem: l-irkupru annwali tad-*data* dwar it-tniġġis kimiku mill-EEA u l-appoġġ xjentifiku mill-ECHA għall-mekkaniżmu tal-lista ta' Sorveljanza u għat-tħejjija ta' atti delegati sabiex jiġu adottati standards ta' kwalità ambjentali ġodda għall-UE kollha għal sustanzi addizzjonali (kemm għall-ilma ta' taħt l-art kif ukoll għall-ilma tal-wiċċ)

Q1 2024 'il quddiem: l-appoġġ xjentifiku mill-ECHA għar-rieżami u l-aġġornament, kull 6 snin, tal-listi ta' sustanzi prijoritarji u tal-EQS korrispondenti fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE; ta' sustanzi niġġiesa u standards ta' kwalità korrispondenti għall-UE kollha fl-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE; tal-listi ta' sustanzi niġġiesa fil-Parti A tal-Anness II tad-Direttiva 2008/105/KE u l-iżvilupp possibbli ta' standards għall-UE kollha għal (xi) sustanzi niġġiesa f'dik il-lista, kif ukoll tal-lista ta' sustanzi niġġiesa fl-Anness II tad-Direttiva 2006/118/KE; il-listi u l-EQS kollha li għandhom jiġu stabbiliti fl-atti delegati.

Id-direttiva dwar it-trattament tal-ilma urban mormi:

L-ippjanar tal-implimentazzjoni għall-azzjonijiet ewlenin inklużi fl-għażla ppreferuta huwa miġbur fil-qosor fit-tabella ta' hawn taħt:

	2025	2030	2035	2040
SWOs and Urban Runoff (rain waters)	Monitoring in place	Integrated Plans for aggro. > 100.k p.e. + areas at risk identified	Integrated Plans in place for aggro. at risk between 10 and 100k p.e.	Indicative EU target in force for all agglomerations > 10.000 p.e.
Individual Appropriate Systems	Regular inspection in all MS + Reporting for MS with high IAS	EU standards for IAS		
Small scale Agglomerations	New thresholds of 1.000 p.e.	All aggro.> 1.000 p.e. compliant		
Nitrogen and Phosphorus	Identification of areas at risk (agglomerations 10 to 100k p.e.)	Interim target for N/P removal in facilities > 100.000 p.e. + New standards	N/P removal in all facilities above 100k p.e. + Interim target for areas at risk	N/P removal in place in all areas at risk (between 10 and 100k p.e.)
Micro-pollutants	Setting up Extended Producer Responsibility Schemes	Areas at risk identified (10 to 100k p.e.) + Interim target for facilities above 100.k p.e.	All facilities > 100k p.e. equipped + interim targets for areas 'at risk'	All facilities at risk equipped with advanced treatment
Energy	Energy audits for facilities above 100k p.e.	Audits for all facilities above 10k p.e. Interim target	Interim target for energy neutrality	Energy neutrality met and related GHG reduction met

Sal-2025 se jkun hemm fis-seħħ attivitajiet ta' monitoraġġ addizzjonali: dawn jikkonċernaw rilaxxi mhux domestiċi, parametri relatati mas-saħħa, indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-operaturi, flimkien ma' azzjonijiet sabiex tittejjeb it-trasparenza.

Il-bażijiet tad-*data* nazzjonali u tal-UE, li jinkludu l-elementi kollha meħtieġa sabiex tiġi vverifikata l-konformità, se jkunu fis-seħħ, u se jiġu identifikati "persuni vulnerabbli u emarġinati" flimkien ma' azzjonijiet sabiex jittejjeb l-aċċess għas-saħħa.

Din id-dikjarazzjoni finanzjarja se tiggarantixxi l-finanzjament għall-EEA sabiex tipprovdi numru ta' attivitajiet ġodda previsti fil-proposta tal-UWWTD.

Dawn l-attivitajiet huma ta' natura differenti:

- Il-ħolqien u l-adattament tal-bażijiet tad-*data* msemmija fl-Artikolu 20 dwar il-monitoraġġ tal-proposta leġislattiva;
- L-allokazzjoni ta' esperti dwar il-UWWTD sabiex isegwi l-fajl u jagħmel rapporti meta jkun meħtieġ

- Aktivitajiet ta' darba marbuta mat-tħejjija u n-negozjar ta' atti delegati/implimentati
- Kompiti relatati mat-trattament u l-analiżi tad-*data*.

Skeda ta' żmien:

Q4 2022 - Q4 2023: negozjar tal-proposta. Minħabba proposta ambizzjuża għolja u l-introduzzjoni ta' skema ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produtturi, in-negozjati jistgħu jeħtieġu aktar riżorsi u żmien mill-medja

Q2 2024: il-bidu u t-tħaddim.

Il-leġislazzjoni dwar il-kwalità tal-arja:

Kompiti relatati mar-rapportar u l-iskambju ta' informazzjoni ta' *data* dwar il-kwalità tal-arja. Hemm bżonn ta' sforzi addizzjonali sabiex tiġi estiża l-infrastruttura għar-rapportar kontinwu, u sabiex dan jiġi appoġġat, sabiex jiġu inklużi wkoll is-sustanzi li jniġġsu l-arja ta' tħassib emerġenti, kif ukoll l-obbligi tat-tnaqqis tal-esponiment medju li jkopru s-sustanzi niġġiesa PM_{2.5} u NO₂, sabiex tkompli tiġi estiża l-infrastruttura tar-rapportar għal informazzjoni aġġornata minn punti ta' kampjunar addizzjonali u *data* ta' mmudellar, kif ukoll għal pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja. (Appoġġ tal-EEA).

Kompiti relatati mal-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali: Hekk kif jiżdied il-fehim xjentifiku tal-isfidi tal-kwalità tal-arja, inklużi l-impatti negattivi fuq is-saħħa f'livelli baxxi ta' konċentrazzjoni u minn sustanzi addizzjonali li jniġġsu l-arja ta' tħassib emerġenti, hemm bżonn ta' appoġġ addizzjonali sabiex jiġi żgurat li l-azzjoni politika tkun sostnuta minn valutazzjonijiet sodi tad-*data* dwar il-kwalità tal-arja rrapportata (inkluża *data* addizzjonali li l-monitoraġġ u l-immudellar imsaħħa tal-kwalità tal-arja se jwasslu). Barra minn hekk, il-valutazzjoni tar-rabtiet bejn it-tniġġis tal-arja, it-tibdil fil-klima, is-saħħa tal-bniedem u tal-ekosistema se jkollha bżonn tissaħħa. (Appoġġ tal-EEA).

Kompiti relatati mal-appoġġ tekniku u xjentifiku għall-monitoraġġ u l-immudellar tal-kwalità tal-arja: Hekk kif jiġu implimentati monitoraġġ u mmudellar imsaħħa tal-kwalità tal-arja, se jkun meħtieġ appoġġ kontinwu. Tali appoġġ, li huwa komplementari bis-siġh għall-ħidma fuq ir-rapportar dwar il-kwalità tal-arja u l-valutazzjonijiet tal-kwalità tal-arja, jiffoka fuq l-aspetti tekniċi tal-monitoraġġ u l-immudellar mill-awtoritajiet kompetenti u jinkludi l-ġestjoni u l-presidenza ta' żewġ networks ta' esperti ewlenin: in-network tal-laboratorji ta' referenza nazzjonali (AQUILA) u l-forum tal-immudellar tal-kwalità tal-arja fl-Ewropa (FAIRMODE). Matul l-aħħar 10 snin, il-JRC appoġġa dawn l-aspetti tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni dwar l-arja nadifa fl-Ewropa - inkluż permezz ta' serje ta' Arranġamenti Amministrattivi. Innota li l-kontribut tal-JRC huwa essenzjali wkoll għall-iżvilupp ta' dokumenti ta' gwida li jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-Direttivi riveduti, u għall-istabbiliment ta' standards relatati mal-monitoraġġ u l-immudellar tal-kwalità tal-arja b'kollaborazzjoni mal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN).

Skeda ta' żmien:

Q1 2023 sa Q2 2024 (stima): negozjar interistituzzjonali tal-proposta

Q2 2024 (stima): dħul fis-seħħ

Q1 2023 sa Q4 2025: l-iżvilupp ta' dokumenti ta' gwida addizzjonali fl-oqsma tal-monitoraġġ, l-immudellar u l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja (**DĠ ENV mal-JRC**)

Q1 2023 sa Q4 2025: l-iżvilupp ta' standards b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni fl-oqsma tal-monitoraġġ, il-kejl indikattiv u l-immudellar tal-obiettivi tal-kwalità (**JRC mad-DĠ ENV**)

Q3 2024 'il quddiem: valutazzjonijiet regolari mill-EEA fuq il-progress fl-issodisfar tal-obbligi tat-tnaqqis tal-esponiment medju li jkopru s-sustanzi niġġiesa PM_{2.5} u NO₂.

Q3 2024 'il quddiem: valutazzjoni regolari mill-EEA tas-sustanzi li jniġġsu l-arja ta' tħassib emerġenti, u fuq ir-rabtiet bejn it-tniġġis tal-arja, it-tibdil fil-klima u s-saħħa

Q3 2024 sa Q4 2025: reviżjoni tar-regoli ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-iskambju reċiproku ta' informazzjoni u r-rapportar dwar l-arja ambjentali (**DĠ ENV**)

Q1 2026 (stima): jibdew l-obbligi ta' rapportar riveduti għall-Istati Membri (lill-EEA) (jiġifieri skont l-iskedi ta' żmien tat-traspożizzjoni – importanti li l-infrastruttura tkun lesta)

Q3 2024 sa Q4 2026: aġġustamenti fir-repożitorju tad-*data* dwar il-kwalità tal-arja ġestit mill-EEA, sabiex tiġi inkluża *data* addizzjonali magħmula disponibbli permezz tar-rapportar tad-*data* nazzjonali

Q4 2028 (stima): l-ewwel ċiklu ta' rapportar tal-pjanijiet riveduti dwar il-kwalità tal-arja sabiex jiġu indirizzati r-riskji ta' qbiż tal-istandards riveduti dwar il-kwalità tal-arja fl-2030 (rapportar lill-EEA).

Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

Ġestjoni Integrata tal-Ilma:

Il-korpi tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art fl-UE huma mniġġsa minn firxa ta' sustanzi niġġiesa differenti. Billi t-tniġġis jivvjaġġa 'l isfel u 60 % tad-Distretti Ewropej tal-Baċiri Idrografiċi huma internazzjonali, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri hija essenzjali u l-azzjoni fil-livell tal-UE hija meħtieġa sabiex jiġu indirizzati t-tniġġis u impatti transfruntiera oħrajn permezz tal-istabbiliment ta' standards armonizzati u sistemi armonizzati ta' ġbir u kondiviżjoni tad-*data* bejn l-Istati Membri. Huwa importanti wkoll li tiżdied it-trasparenza tad-*data* dwar is-sustanzi kimiċi u li jkun possibbli l-użu u l-użu mill-ġdid tagħhom mill-Kummissjoni u mill-aġenziji tagħha, b'mod partikolari l-EEA u l-ECHA, sabiex iżidu l-għarfien xjentifiku li jippermetti azzjoni mmirata u infurzar ulterjuri.

Mingħajr azzjoni fil-livell tal-UE, l-indirizzar tat-tniġġis ikun jinvolvi spiża projbittiva, speċjalment għall-Istati Membri downstream.

L-istandards armonizzati se jirriżultaw fi protezzjoni ġenerali aħjar tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, azzjoni kosteffettiva u proporzjonata mill-Istati Membri u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-attivitajiet li għandhom jindirizzaw l-impatti potenzjali fuq il-korpi tal-ilma madwar l-UE.

Il-kondiviżjoni aktar regolari tad-*data* dwar il-monitoraġġ u l-istatus permezz ta' mekkaniżmi awtomatizzati ta' kondiviżjoni tad-*data* se tippermetti kontrolli aktar frekwenti u mmirati u tħejjija aħjar sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet potenzjali ta' tħassib emerġenti. L-aċċess għal bażijiet ta' informazzjoni ssimplifikati dwar id-*data* se jtejjeb il-koerenza tal-valutazzjonijiet u l-implimentazzjoni fil-leġiżlazzjoni kollha.

L-EEA se tiċċentralizza d-*data*, tipproċessaha u tagħmilha disponibbli għall-użu mill-ġdid għall-fini tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika. L-ECHA se tipprovdi appoġġ xjentifiku abbażi ta' bażi tad-*data* xjentifika dejjem aktar robusta, bis-saħħa taċ-ċentralizzazzjoni ta' informazzjoni xjentifika trażversali fil-qasam tas-sustanzi kimiċi u ta' *data* aktar issimplifikata dwar il-monitoraġġ u l-istatus li qiegħda ssir disponibbli mill-EEA. Iż-żewġ aġenziji se jkollhom rwol ċentrali fl-implimentazzjoni ulterjuri tal-leġiżlazzjoni dwar l-ilma, b'sinerġiji u *data* xjentifika aġġornata li jippermettu adattament aktar malajr għal oqsma ġodda ta' tħassib, kif ukoll identifikazzjoni u prijoritizzazzjoni aħjar tal-aktar miżuri kosteffettivi sabiex jiġi indirizzat it-tniġġis.

Min-naħa l-oħra, il-proposta se tnaqqas il-piż amministrattiv ġenerali billi tneħħi dawk l-obbligi ta' rapportar, li ma wrewx li huma effettivi, jiġifieri li ma wasslux għall-implimentazzjoni mtejbja mistennija. Obbligi oħrajn ta' rapportar huma ssimplifikati u hija żgurata koerenza aħjar mar-rapportar taħt strumenti oħrajn.

Fl-aħħar nett, il-proposta għandha l-għan li tintroduċi proċeduri aktar effettivi għall-adattament tal-listi ta' sustanzi u tal-istandards ta' kwalità ambjentali relatati għall-progress xjentifiku, filwaqt li tiżgura li dawn il-proċeduri jibbenefikaw minn *data* xjentifika solida, ibbażata fuq rapportar simplifikat u kooperazzjoni mill-qrib mal-aġenziji.

Id-direttiva dwar it-trattament tal-ilma urban mormi:

L-azzjoni tal-UE tibqa' essenzjali sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha tal-UE jkunu jistgħu jibbenefikaw minn kwalità tal-ilma mtejbja tax-xmajjar, tal-lagi, tal-ilmijiet ta' taħt l-art u tal-ibħra. Billi 60 % tal-korpi tal-ilma tal-UE huma transfruntiera, huwa meħtieġ li jiġi żgurat l-istess livell ta' protezzjoni kullimkien u bl-istess ritmu, sabiex jiġi evitat ir-riskju li l-isforzi magħmula minn xi Stati Membri jiġu pperikolati min-nuqqas ta' progress ta' oħrajn. L-evalwazzjoni ta' REFIT uriet li, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, id-Direttiva kienet il-mutur uniku għall-investment fl-infrastrutturi meħtieġa.

Id-Direttiva tkun allinjata bis-sħiħ mal-oġġettivi ewlenin l-oħrajn kollha tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, inkluż l-għan ġenerali tan-newtralità klimatika, filwaqt li tkun konsistenti bis-sħiħ ma' bosta proposti leġiżlattivi li għaddejjin/ippjanati, bħar-rieżamijiet tad-Direttiva dwar l-Istandards ta' Kwalità Ambjentali, tad-Direttiva dwar l-Ilma għall-Għawm, tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina u tal-Evalwazzjoni tad-Direttiva dwar il-Hama tad-Drenaġġ. Hija se tikkontribwixxi wkoll direttament għal implimentazzjoni aħjar tal-SDG 6 dwar l-aċċess għal sanità adegwata u ġusta.

Il-leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja:

L-objettivi tal-inizjattiva ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti fil-livell tal-Istati Membri biss. Dan huwa dovut, l-ewwel nett, għan-natura transfruntiera tat-tniġġis tal-arja, billi l-emissjonijiet minn Stat Membru wieħed jistgħu jikkontribwixxu għat-tniġġis tal-arja ambjentali fi Stati Membri oħrajn. Hija meħtieġa azzjoni fl-UE kollha sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jieħdu miżuri sabiex inaqqsu r-riskji għall-popolazzjoni f'kull Stat Membru.

It-tieni, it-Trattat jeħtieġ li jimmira għal livell għoli ta' protezzjoni, filwaqt li jqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet madwar l-UE. Id-Direttivi eżistenti u d-direttiva proposta jistabbilixxu standards komuni tal-kwalità tal-arja, iżda jħallu l-għażla tal-mezzi f'idejn l-Istati Membri, sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu adattati għaċ-ċirkostanzi lokali, reġjonali u nazzjonali.

It-tielet, irid jiġi żgurat trattament ugwali fir-rigward tal-implikazzjonijiet ekonomiċi tat-tniġġis tal-arja fl-Istati Membri kollha u l-esperjenza tal-kwalità tal-arja ambjentali miċ-ċittadini madwar l-Unjoni.

Standards riveduti tal-kwalità tal-arja u regoli aktar ċari għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja se jiżguraw livell oġġla ta' protezzjoni għaċ-ċittadini tal-UE u arja ambjentali aħjar għall-ambjent.

Dan se jtejjeb l-informazzjoni disponibbli dwar l-isfidi tal-kwalità tal-arja, u jtejjeb is-saħħa (u b'hekk inaqqs l-infiq fuq il-kura tas-saħħa), inaqqs it-telf tar-rendiment tal-għelejjel minħabba l-ożonu, inaqqs l-assenza mix-xogħol minħabba mard (inkluż ta' tfal dipendenti). Għalhekk, it-titjib tal-kwalità tal-arja huwa mistenni li jgħib produttività u gwadanji ekonomiċi.

It-titjib fil-monitoraġġ u l-immudellar, fil-mod kif jitħejjew u jiġu implimentati l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, u fil-kondiviżjoni tal-informazzjoni miġbura mill-Istati Membri se jtejjeb il-koerenza tal-valutazzjonijiet u l-implimentazzjoni fil-leġiżlazzjoni kollha.

Il-bidliet b'rabta mal-aċċess għall-ġustizzja u l-penali se jtejbu l-infurzar pubbliku u, għalhekk, il-kisba tar-riżultati madwar l-Unjoni Ewropea.

Fl-aħħar nett, il-proposta għandha l-għan li tintroduċi proċeduri aktar effettivi għar-reviżjoni tal-istandards tal-kwalità tal-arja għall-progress xjentifiku, filwaqt li tiżgura li dawn il-proċeduri jibbenefikaw minn *data* xjentifika solida, ibbażata fuq rapportar simplifikat u kooperazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, anke sabiex l-informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja (inkluża *data* aġġornata) issir disponibbli għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u għal pubbliku usa'.

Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Ġestjoni Integrata tal-Ilma:

Il-Kontroll tal-Idoneità tal-2019 tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ilma kkonferma li d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u ż-żewġ direttivi "derivati" tagħha wasslu għal jew saħħew azzjoni fil-livell Ewropew sabiex jindirizzaw il-pressjonijiet transfruntiera fuq ir-riżorsi tal-ilma fil-livell tal-baċiri idrografiċi, fuq livell kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Għalhekk, l-iffissar ta' standards għall-UE kollha għas-sustanzi niġġiesa jista' jitqies effettiv.

Madankollu, l-evalwazzjoni kkonkludiet ukoll li hemm bżonn li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni sabiex jiġu indirizzati s-sustanzi niġġiesa ta' tħassib emerġenti u sabiex

jigħu protetti aħjar is-saħħa tal-bniedem u l-ekosistemi, inkluż l-indirizzar ta' diversi kwistjonijiet amministrattivi u ta' implimentazzjoni.

Id-direttiva dwar it-trattament tal-ilma urban mormi:

L-evalwazzjoni ta' REFIT tal-effettività tad-Direttiva wriet li hija rnexxielha tnaqqas it-tagħbijiet tas-sustanzi niġġiesa mmirati minn sorsi lokalizzati urbani (ilma domestiku/urban mormi u tniġġis industrijali simili). Għad hemm nuqqasijiet fl-indirizzar tat-tagħbija li jifdal tal-ilma urban mormi mhux ittrattat. Hemm ukoll il-ħtieġa li d-Direttiva tiġi allinjata ma' prioritajiet politiċi ġodda u ma' tħassib emerġenti tas-soċjetà.

Barra minn hekk, ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ stabbiliti fl-Artikolu 15 tad-Direttiva wrew li huma effettivi sabiex jixprunaw il-konformità. Madankollu, l-avvanzi teknoloġiċi llum jippermettu monitoraġġ aktar effiċjenti u akkurat kemm tas-sustanzi niġġiesa eżistenti kif ukoll ta' dawk emerġenti. L-informazzjoni miġbura mill-Istati Membri fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-impatt turi li hemm diverġenzi kbar fost l-Istati Membri f'termini ta' monitoraġġ. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri diġà qegħdin jiġbru informazzjoni aktar frekwenti u usa' dwar aktar sustanzi niġġiesa minn dak li huwa meħtieġ mid-Direttiva. Madankollu, l-għarfien dwar il-kwalità u l-kwantità tal-ilmijiet mormija huwa insuffiċjenti f'ħafna każijiet. Diversi każijiet ta' dimensjonar żejjed tal-faċilitajiet, iżda wkoll tal-kapaċitajiet ta' ħżin, li jwasslu għal kostijiet eċċessivi u għbir u trattament ineffiċjenti tal-ilma, setgħu ġew evitati b'fehim aħjar tat-tagħbija attwali li għandha tiġi ttrattata.

Ir-rekwiżiti ta' rapportar stabbiliti mid-Direttiva jistgħu jittejbu u jigħu mmodernizzati sabiex jiġi żgurat infurzar aħjar tad-Direttiva.

Il-leġislazzjoni dwar il-kwalità tal-arja:

Tagħlimiet meħuda mill-kontroll tal-idoneità tal-leġislazzjoni dwar il-kwalità tal-arja ppubblikata f'Novembru 2019 – SWD(2019)427 *final*.

Dan il-kontroll tal-idoneità kkonkluda li d-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali kienu parzjalment effettivi fit-titjib tal-kwalità tal-arja u fil-kisba ta' standards tal-kwalità tal-arja, iżda li sal-lum ma ntlaħqux l-oġettivi kollha tagħhom: id-Direttivi kienu ggwidaw l-istabbiliment ta' monitoraġġ rappreżentattiv ta' kwalità għolja tal-kwalità tal-arja, stabbilew standards ċari tal-kwalità tal-arja, u ffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni affidabbli, oġġettiva u komparabbli dwar il-kwalità tal-arja, inkluż lil pubbliku usa'. Madankollu, huma kellhom anqas suċċess fl-iżgurar li tittieħed azzjoni suffiċjenti sabiex jiġi ssodisfati l-istandards tal-kwalità tal-arja u sabiex l-qabżiet jinżammu qosra kemm jista' jkun, għalkemm min-naħa l-oħra kien hemm tendenza 'l isfel fit-tniġġis tal-arja u tnaqqis fin-numru u fid-daqs tal-qabżiet.

Tqiesu wkoll it-tagħlimiet mill-kontroll tal-idoneità dwar il-monitoraġġ u r-rapportar fil-politika ambjentali (SWD(2017) 230 *final*) b'rabta mal-leġislazzjoni dwar il-kwalità tal-arja. B'mod partikolari, dan il-kontroll tal-idoneità kkonkluda li, għall-kwalità tal-arja, ir-rapportar juża approċċ ta' rapportar elettroniku tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku li bih l-informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja ssir disponibbli f'format standardizzat, li jista' jinqara mill-magni u konformi mal-INSPIRE. L-approċċ huwa mmirat b'mod espliċitu lejn is-simplifikazzjoni tal-ammont ta' informazzjoni magħmula disponibbli mill-Istati Membri, sabiex tiġi mmassimizzata

l-utilità ta' tali informazzjoni u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv – iżda jħalli wkoll lok għal aktar simplifikazzjoni fil-livell nazzjonali u tal-UE (speċjalment ta' rekwiżiti ġodda ta' rapportar).

Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

Din l-azzjoni hija konsistenti ma' numru ta' politiki oħrajn tal-UE u inizjattivi li għaddejjin bħalissa li joħorġu mill-Patt Ekoloġiku Ewropew.

L-inizjattiva taqa' taħt l-Intestatura 3 (Ir-Riżorsi Naturali u l-Ambjent), it-Titolu 9 (L-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika) tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Kif spjegat fid-dettall hawn taħt, l-implimentazzjoni ta' din il-biċċa leġiżlazzjoni se teħtieġ riżorsi umani addizzjonali u wkoll xi nefqa ta' appoġġ fl-EEA u fl-ECHA. Iż-żieda korrispondenti tas-sussidju lill-aġenziji se tiġi kkompensata mill-programm tal-UE għall-azzjoni ambjentali u klimatika (LIFE) 2021–2027.

Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

Ġestjoni Integrata tal-Ilma:

Appoġġ xjentifiku mill-ECHA, li qabel kien imwettaq mill-JRC, mill-Kumitat SCHEER u mill-kuntratturi

L-appoġġ xjentifiku bħalissa qiegħed jiġi pprovdut b'mod pjuttost mhux sistematiku, iżda abbażi ta' serje ta' arranġamenti amministrattivi mal-JRC li huma soġġetti għal rieżamijiet u estensjonijiet frekwenti, kuntratti rinnovabbli ma' esperti indipendenti dwar l-ilma ta' taħt l-art, kuntratturi involuti fil-valutazzjoni tal-impatt, riżorsi proprji (kemm il-JRC kif ukoll id-DĠ ENV); hemm ħafna dipendenza fuq il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri, b'mod partikolari fil-qasam tad-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art. Il-Kumitat SCHEER, li huwa ġestit mid-DĠ SANTE, ipprova bosta opinjonijiet xjentifiċi (eż. taħt l-EQSD, SCHEER adotta aktar minn 50 opinjoni fil-perjodu 2011-2022). Dan ma jippermettix proposti kkoordinati, sistematiki, koerenti u f'waqthom biżżejjed. Fir-rigward tal-ECHA, hija bħalissa ma għandhi mandat legali sabiex twettaq kwalunkwe kompitu relatat mad-WFD.

Il-proposta għandha l-għan li tissimplifika u ttejjeb il-proċess xjentifiku billi tissostitwixxi dawn il-forom mhux sistematiki ta' appoġġ b'"punt uniku ta' servizz" għall-appoġġ xjentifiku kollu, jiġifieri l-ECHA. Taħt l-Istrateġija dwar Sustanzi Kimiċi Sostenibbli u "sustanza waħda, valutazzjoni waħda", l-ECHA se ssir responsabbli wkoll għall-aspetti xjentifiċi kollha tal-leġiżlazzjoni l-oħra kollha dwar is-sustanzi kimiċi. Dan se jggarantixxi r-robustezza xjentifika u jippermetti sinerġiji bejn is-sorsi ta' informazzjoni fil-leġiżlazzjoni kollha.

Il-kontribuzzjoni lill-ECHA se tiġi kkompensata bis-sħiħ permezz ta' tnaqqis fil-baġit ta' LIFE. Dawn ir-riżorsi bħalissa qegħdin jintefqu fuq il-qafas aktar irregolari għall-għoti ta' appoġġ xjentifiku (kuntratturi, Arranġamenti Amministrattivi tal-JRC, opinjoni ta' SCHEER).

Appoġġ għaċ-ċentralizzazzjoni u l-ipproċessar tad-data dwar il-monitoraġġ u l-istatus – riżorsi addizzjonali għall-EEA sabiex tiżgura informazzjoni aktar regolari dwar l-istat tal-ilma – implimentazzjoni aħjar – identifikazzjoni ta' ħtiġijiet ġodda

L-EEA (3,5 FTE) bħalissa qiegħda tospita u tiġġestixxi bażi tad-*data* estensiva ta' informazzjoni relatata mal-ilma rrapportata mill-Istati Membri b'mod elettroniku kull 6 snin; dik il-bażi tad-*data* tospita l-Pjanijiet formali ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara li jridu jiġu rrapportati f'konformità mal-Artikoli 13 u 15 tad-Direttiva 2000/60/KE, kif ukoll informazzjoni addizzjonali rrapportata b'mod elettroniku fuq bażi volontarja, f'konformità mal-gwida żviluppata mill-KE b'kooperazzjoni mal-Istati Membri.

Madankollu, il-bażi tad-*data* ma tinkludix jew ma torbotx mad-*data* ta' monitoraġġ attwali u l-istatus huwa espress biss f'termini ta' status tajjeb ta' "suċċess/falliment", li ma jipprovdix wisq għarfien dwar il-kobor tal-qabżiet u, b'hekk, ifixxkel l-iffokar tar-reazzjonijiet tal-politika fuq il-hotspots tat-tniġġis. Barra minn hekk, billi l-informazzjoni tiġi rrapportata biss kull 6 snin, hija malajr tiskadi u ma huwiex verament utli li jiġu prijorizzati l-miżuri jew li jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' implimentazzjoni (pereżempju, l-allegazzjonijiet fil-mistoqsijiet bil-miktub, fil-petizzjonijiet u fl-ilmenti ma jistgħux jiġu vverifikati b'mod effettiv abbażi ta' informazzjoni skaduta).

Għalhekk, il-proposta tfittex li tintroduċi obbligu għar-rapportar annwali, lill-EEA, ta' *data* dwar il-monitoraġġ u l-istatus. Dan se jrendi informazzjoni siewja sabiex tiġi investigata r-rabta bejn kwalità aħjar tal-ilma u saħħa tal-bniedem imtejba billi tintuża *data* mill-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-kwalità tal-ilma. L-isforzi addizzjonali inizjali mistennija meħtieġa sabiex jiġi ssimplifikat ir-rapportar se jiġu kkompensati, fuq perjodu ta' żmien twil, minn piżijiet amministrattivi mnaqqsa, li jirriżultaw miż-żieda fid-"diġitalizzazzjoni" u r-"rapportar obligatorju minn sistema għal sistema" (mekkaniżmu awtomatizzat għall-ġhoti tad-*data*).

Id-direttiva dwar it-trattament tal-ilma urban mormi:

L-implimentazzjoni tad-Direttiva se tirrikjedi pproċessar u analiżi estensivi tad-*data*. Id-dipendenza fuq l-għarfien espert tal-EEA għandha ħafna vantaġġi: sistemi allinjati ma' rapportar ieħor lill-EEA (WFD, EPRTR); l-effiċjenza tal-proċessi; riskju mnaqqas ta' introduzzjoni ta' żbalji permezz tal-użu ta' sistemi differenti; l-iżvilupp ta' għarfien espert tal-kontenut u valutazzjonijiet ibbażati fuq fehim dettaljat tad-*data*, billi nafu kif tiġi dderivata d-*data*.

Fin-nuqqas ta' nefqa tal-persunal u nefqa operazzjonali, tali żviluppi se jkollhom jiġu ffinanzjati permezz ta' konsulenza fid-DĠ ENV.

Il-leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja:

Kompiti relatati mar-rapportar u l-iskambju ta' informazzjoni ta' *data* dwar il-kwalità tal-arja. L-espansjoni tal-infrastruttura għar-rapportar kontinwu u l-appoġġ għalih sabiex tiġi inkluda informazzjoni addizzjonali dwar il-kwalità tal-arja tista' tibni fuq il-portal eżistenti dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u r-repożitorju tad-*data* ġestiti mill-EEA sabiex jiġi żgurat titjib fl-effiċjenza permezz ta' koerenza ma' flussi oħrajn ta' rapportar ambjentali. It-twaqqif u ż-żamma ta' infrastruttura ta' rapportar kompletament ġdida għar-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti mid-Direttiva riveduta (eż. fil-JRC jew ospitata minn konsulenti esterni) ikunu jeħtieġu żvilupp ġdid għali u jinvolvu r-riskju ta' inkonsistenzi mal-infrastruttura ta' rapportar eżistenti. B'hekk, l-aktar approċċ effettiv ikun li tissaħħaħ ir-riżorsa tal-EEA għal espansjoni u manutenzjoni sussegwenti tal-portal eżistenti dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u

tar-repożitorju tad-*data* – permezz ta’ persunal addizzjonali jew permezz ta’ riallokazzjoni interna. Dan jipprovdi l-aħjar relazzjoni bejn ir-riżorsi użati u l-kisba tal-oġġettivi u l-kompiti relatati.

Kompiti relatati mal-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali. Il-valutazzjonijiet tal-kwalità tal-arja bħalissa huma pprovduti mill-EEA fuq bażi annwali, bl-użu tad-*data* dwar il-kwalità tal-arja rrapportata permezz tal-portal dwar il-kwalità tal-arja u r-repożitorju tad-*data*, kif ukoll ta’ għarfien xjentifiku addizzjonali tal-impatti tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa u l-ambjent. Bid-dispożizzjonijiet imsaħħa dwar il-monitoraġġ u l-immudellar tal-kwalità tal-arja, se ssir disponibbli informazzjoni addizzjonali, inkluż dwar sustanzi niġġiesi ta’ tħassib emerġenti u dwar ir-rabtiet bejn it-tniġġis tal-arja, it-tibdil fil-klima, is-saħħa tal-bniedem u tal-ekosistema. Jenħtieġ li l-valutazzjoni ta’ tali *data* u informazzjoni tkun ibbażata fuq bażi robusta regolari u xjentifika, u f’sinkronizzazzjoni mal-valutazzjonijiet eżistenti tal-kwalità tal-arja diġà pprovduti mill-EEA. B’hekk, huwa preferibbli wkoll li tiġi żgurata koerenza tal-analiżi, sabiex dawn il-kompiti jiġu integrati fl-EEA minflok ma jiġu esternalizzati lil konsulenti esterni differenti. Dan se jirrikjedi kompetenzi speċifiċi addizzjonali u x’aktarx anke persunal addizzjonali. Dan jipprovdi l-aħjar relazzjoni bejn ir-riżorsi użati u l-kisba tal-oġġettivi u l-kompiti relatati.

Kompiti relatati mal-appoġġ tekniku u xjentifiku għall-monitoraġġ u l-immudellar tal-kwalità tal-arja. Matul l-aħħar 10 snin, il-JRC appoġġa l-kompiti kollha għall-appoġġ tekniku u xjentifiku għall-monitoraġġ u l-immudellar tal-kwalità tal-arja – li jeħtieġu indipendenza ekonomika mill-fornituri tat-tagħmir għall-monitoraġġ u l-immudellar tal-kwalità. Il-kompitu speċifiku meħtieġ jinkludi:

L-appoġġ u l-gwida għall-iżvilupp ta’ approċċi mtejbja relatati mal-monitoraġġ tat-tniġġis tal-arja u l-użu ta’ mmudellar tal-kwalità tal-arja;

L-appoġġ għat-titjib metodoloġiku relatat mar-rappreżentattività spazjali tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja, valutazzjonijiet armonizzati tal-kwalità tal-arja, u allokkazzjoni tas-sorsi;

L-appoġġ għall-elaborazzjoni ta’ gwida Prattika għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali dwar il-monitoraġġ u l-immudellar tal-kwalità tal-arja;

L-organizzazzjoni u l-presidenza ta’ networks ewlenin ta’ appoġġ għall-implimentazzjoni ulterjuri tal-politika dwar l-arja fil-livell urban, reġjonali u nazzjonali (eż. AQUILA u FAIRMODE);

L-appoġġ għall-iżvilupp ta’ standards relatati mal-monitoraġġ u l-immudellar tal-kwalità tal-arja b’kollaborazzjoni mal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN).

L-appoġġ tal-JRC ikun garantit bl-aħjar mod billi jiġi żgurat li dan ikun fil-programm ta’ ħidma tal-JRC, u jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju addizzjonali ta’ madwar EUR 100 000 fis-sena. L-appoġġ kontinwu tal-JRC jipprovdi l-aħjar relazzjoni bejn ir-riżorsi użati u l-kisba tal-oġġettivi u l-kompiti relatati.

Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ **durata limitata**

- ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

☒ **durata mhux limitata**

Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija mill-2024 (għat-Trattament tal-Ilma Urban Mormi), mill-2024 sal-2025 (għall-ġestjoni integrata tal-ilma) mill-2024 sal-2027 (għall-leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja),

segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i²

☒ Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

☒ Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;

☒ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku diment li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

² Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

MIŻURI TA' ĠESTJONI

Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

L-inizjattivi jinvolve l-akkwist, l-arranġament amministrattiv mal-JRC, iż-żieda fil-kontribuzzjoni għall-ECHA u għall-EEA u l-impatt fuq il-COM HR. Japplikaw regoli standard għal dan it-tip ta' nefqa.

Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

M/A – ara hawn fuq.

Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

M/A – ara hawn fuq.

Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)

M/A – ara hawn fuq.

Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

M/A – ara hawn fuq.

IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff ¹ .	mill-pajjiżi tal-EFTA ²	mill-pajjiżi kandidati ³	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
3	09 02 02 L-Ekonomija Ċirkolari u l-kwalità tal-ħajja	Diff.	IVA	LE	/LE	LE
3	09 10 01 L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi – direttivi ambjentali u konvenzjonijiet internazzjonali	Diff.	IVA	LE	LE	LE
3	09 10 02 L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent	Diff.	IVA	IVA	LE	LE
7	20 01 02 01 – Rimunerazzjoni u gratifiki	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE

Linji baġitarji ġodda mitluba

Mhux applikabbli

¹ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

² EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

³ Pajjiżi kandidati u, fejn ikun applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.

Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	3	Riżorsi naturali u ambjent
--	----------	-----------------------------------

DĠ: ENV			2023	2024	2025	2026	2027 u lil hinn	TOTAL
○ Appropriazzjonijiet operazzjonali								
09 02 02 L-Ekonomija Ċirkolari u l-kwalità tal-ħajja	Impenji	(1)	0,100	0,100	0,100	0,100	0,100	0,500
	Pagamenti	(2)	0,100	0,100	0,100	0,100	0,100	0,500
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ ENV	Impenji	= (1)	0,100	0,100	0,100	0,100	0,100	0,500
	Pagamenti	= (2)	0,100	0,100	0,100	0,100	0,100	0,500

L-ammont irrapportat hawn fuq fil-linja baġitarja 09.02.02 se jkun meħtieġ sabiex jiġi ffinanzjat arranġament amministrattiv mal-JRC u appoġġ finanzjarju addizzjonali li jammonta għal EUR 100 000 fis-sena għall-kompiti li ġejjin:

L-appoġġ u l-gwida għall-iżvilupp ta' approċċi mtejba relatati mal-monitoraġġ tat-tniġġis tal-arja u l-użu ta' mmudellar tal-kwalità tal-arja;

L-appoġġ għat-titjib metodoloġiku relatat mar-rappreżentattività spazjali tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja, valutazzjonijiet armonizzati tal-kwalità tal-arja, u allokazżjoni tas-sorsi;

L-appoġġ għall-elaborazzjoni ta' gwida Prattika għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali dwar il-monitoraġġ u l-immudellar tal-kwalità tal-arja;

L-organizzazzjoni u l-presidenza ta' networks ewlenin ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ulterjuri tal-politika dwar l-arja fil-livell urban, reġjonali u nazzjonali (eż. AQUILA u FAIRMODE);

L-appoġġ għall-iżvilupp ta' standards relatati mal-monitoraġġ u l-immudellar tal-kwalità tal-arja b'kollaborazzjoni mal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN).

Aġenzija: ECHA – Direttivi Ambjentali			2024	2025	2026	2027	TOTAL
Titolu 1: Nefqa fuq il-persunal	Impenji	(1a)	0,734	1,498	1,528	1,559	5,319
	Pagamenti	(2a)	0,734	1,498	1,528	1,559	5,319
Titolu 2: Infrastruttura	Impenji	(1b)	0,189	0,193	0,201	0,201	0.779
	Pagamenti	(2b)	0,189	0,193	0,201	0,201	0.779
Titolu 3: Nefqa operazzjonali	Impenji	(1c)	0,673	0,686	0,702	0,718	2,779
	Pagamenti	(2c)	0,673	0,686	0,702	0,718	2,779
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għall-aġenzija ECHA	Impenji	=1a+1b+1c	1,596	2,377	2,427	2,477	8,878
	Pagamenti	=2a+2b+2c	1,596	2,377	2,427	2,477	8,878

Il-kostijiet tal-ECHA jinkludu l-kost għal 11-il FTE addizzjonali, maqsuma bejn 7 AT u 4 AK, għall-fini ta':

- appoġġ xjentifiku li bħalissa qiegħed jitwettaq mill-kuntratturi tal-JRC u tad-DĠ ENV u mill-Kumitat SCHEER ta' SANTE (attwalment 6,35 FTE fis-sena; skont il-proposta tal-ECHA, dan jammonta għal madwar 5,15-il FTE; dan ifisser riallokazzjoni effettiva tar-riżorsi)
- appoġġ xjentifiku li jirriżulta minn obbligi ġodda skont il-proposta:
 - għall-istabbiliment ta' standards ta' kwalità ambjentali għall-UE kollha għas-sustanzi niġġiesa ta' tħassib "reġjonali/nazzjonali" (1 FTE fis-sena għal GW, 1 FTE għal SW)
 - għall-aġġornament ta' GW fl-Anness I (1 FTE fis-sena)
 - għall-appoġġ fuq il-lista ta' sorveljanza tal-ilma ta' taħt l-art (0,6 FTE fis-sena)
 - għall-identifikazzjoni/iżvilupp ta' metodoloġiji għall-monitoraġġ u l-analiżi tal-mikroplastik, ta' ġeni ta' reżistenza antimikrobika (madwar 0,5 FTE flimkien ma' madwar 1 FTE għall-appoġġ tal-IT flimkien ma' 1,5 FTE għall-governanza)

Aġenzija: ŻEE			2024	2025	2026	2027	TOTAL
Titolu 1: Nefqa fuq il-persunal	Impenji	(1a)	0,697	1,423	1,451	1,480	5,052
	Pagamenti	(2a)	0,697	1,423	1,451	1,480	5,052
Titolu 2: Infrastruttura	Impenji	(1b)					
	Pagamenti	(2b)					
Titolu 3: Nefqa operazzjonali	Impenji	(1c)	0,490	0,620	0,420	0,420	1,950
	Pagamenti	(2c)	0,490	0,620	0,420	0,420	1,950
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għall-aġenzija EEA	Impenji	=1a+1b+1c	1,187	2,043	1,871	1,900	7,002
	Pagamenti	=2a+2b +2c	1,187	2,043	1,871	1,900	7,002

Il-kostijiet tal-EEA jinkludu l-kostijiet għal 8 FTE addizzjonali (5 AT u 3 AK), kif ukoll in-nefqa operazzjonali, għall-fini ta':

L-indirizzar tal-obbligu addizzjonali għar-rapportar annwali, lill-EEA, tad-*data* dwar il-monitoraġġ u l-istatus permezz ta' "rapportar minn sistema għal sistema" (mekkaniżmu awtomatizzat għall-għoti tad-*data*): 4 FTE (li 3 minnhom se jkunu AT addizzjonali/ġodda u AT wieħed se jkun mir-riallokazzjoni tal-EEA) flimkien ma' 130 000 ta' appoġġ tal-konsulenti għas-sena 1, imbagħad 80 000 fis-sena 2 u 'l quddiem. L-iżvilupp ta' bażi tad-*data* standardizzata dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma (fil-qafas tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2020/741 dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma) u l-ġestjoni tal-flussi tad-*data* relatati u t-tnejn ta' ħarsa ġenerali lejn l-UE kollha. L-EEA se jkollha tiżgura l-kwalità tal-kontroll sabiex tiżgura li l-Istati Membri jkunu qegħdin jirrapportaw regolarment b'mod armonizzat u komparabbli (2 AK addizzjonali). B'kolloxx, **ir-riżorsi addizzjonali li għandhom jiġu allokat lill-EEA għar-rapportar integrat tal-ilma u l-ħidma fuq l-użu mill-ġdid tal-ilma se jkunu 5 FTE addizzjonali, maqsuma bħala 3 AT u 2 AK.**

Espert tal-UWWTD (**1 AK addizzjonali**) u appoġġ tal-IT sabiex jiġu stabbiliti u adattati bażijiet tad-*data* b'rabta mal-Artikolu 20 tar-riformulazzjoni proposta tad-direttiva dwar it-trattament tal-ilma urban mormi. Hija se tappoġġa wkoll l-iżvilupp ta' indikaturi ġodda tal-konformità, pereżempju, dwar l-enerġija, il-mikrosustanzi niġġiesa, kif indikat bħalissa taħt il-proposta leġislattiva l-ġdida tad-Direttiva. Hija se tintuża wkoll sabiex jiġu riveduti u aġġornati l-profilu tal-pajjiżi tal-UWWTD, li issa qegħdin jieħdu post ir-rapporti nazzjonali <https://water.europa.eu/freshwater/countries/uwwtIt> u sabiex jiġu riveduti l-flussi tad-*data* eżistenti, sabiex b'hekk ikunu jistgħu jakkomodaw ir-rekwiżiti l-ġodda tar-rapportar. Se ssir simplifikazzjoni ulterjuri bil-flussi tad-*data*

relatati (eż. EPRTTR u WISE). Il-ħtieġa għall-appoġġ tal-IT tammonta għal total ta' 760 000, b'240 000 għas-sena 1, 260 000 fis-sena 2, u mbagħad 130 000 'il quddiem.

Il-kompiti relatati mar-rapportar u l-iskambju ta' informazzjoni ta' *data* dwar il-kwalità tal-arja se jeħtieġu riżorsi għal espansjoni u manutenzjoni sussegwenti tal-portal eżistenti dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u tar-repożitorju tad-*data*. Il-kompiti relatati mal-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali se jeħtieġu riżorsi sabiex jespandu l-valutazzjonijiet tal-kwalità tal-arja attwalment ipprovduti fuq bażi annwali, speċjalment fir-rigward tas-sustanzi niġġiesa ta' tħassib emerġenti u dwar ir-rabtiet bejn it-tniġġis tal-arja, it-tibdil fil-klima, is-saħħa tal-bniedem u tal-ekosistema. Dan se jeħtieġ kompetenzi speċifiċi addizzjonali u, b'hekk, **persunal expert addizzjonali fit-tul (2 FTE, it-tnejn li huma AT).**

○ TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali			2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
	Impenji	(4)						
	Pagamenti	(5)						
○ TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi		(6)						
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6	0,100	2,774	4,297	4,170	4,245	15,587
	Pagamenti	=5+6	0,100	2,774	4,297	4,170	4,245	15,587

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	"Nefqa amministrattiva"
--	----------	-------------------------

Jenħtieġ li din it-taqsimha tintuża d-*“data baġitarja ta' natura amministrattiva”* li, qabel kollox, trid tiġi introdotta [fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva](#) (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella' fid-DECIDE għall-finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	2024	2025	2026	2027 u lil hinn	TOTAL
DĠ: ENV					

□ Riżorsi umani		0,314	0,314	0,314	0,314	1,256
□ Nefqa amministrattiva oħra						
TOTAL TAD-DĠ ENV	Appropriazzjonijiet	0,314	0,314	0,314	0,314	1,256

Il-membri tal-persunal addizzjonali tad-DĠ ENV (1 AD għall-Ġestjoni Integrata tal-Ilma u 1 AD għall-Kwalità tal-Arja) se:

Iħejju u jmexxu l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni ġodda tal-Kummissjoni, li jistabbilixxu listi ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art ta' sustanzi niġġiesa ta' tħassib emerġenti għall-monitoraġġ tagħhom bil-ħsieb li tiġi vvalutata l-ħtieġa li jiġu stabbiliti standards tal-UE;

Iħejju u jmexxu l-adozzjoni ta' atti delegati ġodda tal-Kummissjoni, kull 6 snin, sabiex jirrieżaminaw u jaġġornaw il-lista ta' sustanzi niġġiesa u l-istandards korrispondenti għall-UE kollha li jeħtieġ li jiġu indirizzati għall-fini tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent;

Isostnu djalogu dwar il-ġestjoni tal-ilma mal-Istati Membri, mal-EEA u mal-ECHA inkluż fil-qafas ta' gruppi u kumitati ta' esperti rilevanti;

Iħejju u jmexxu l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni u atti delegati ġodda tal-Kummissjoni marbuta mal-implimentazzjoni tad-Direttiva l-ġdida dwar il-Kwalità tal-Arja.

Jappoġġaw lit-tim fl-implimentazzjoni tad-Direttiva riveduta dwar il-Kwalità tal-Arja, speċjalment għal dispożizzjonijiet ġodda li jeħtieġu involviment imsaħħaħ mal-awtoritajiet kompetenti.

Iħejju u jmexxu l-iżvilupp ta' gwida teknika li tirriżulta mir-reviżjoni, fil-qasam tal-monitoraġġ, l-immudellar, u l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja.

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani se jiġu ssodisfati mill-appropriazzjonijiet mid-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riallokati fid-DĠ, flimkien ma', jekk meħtieġa, kwalunkwe allokazżjoni addizzjonali, li tista' tingħata lid-DĠ maniġerjali taħt il-proċedura ta' allokazżjoni annwali u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)	0,314	0,314	0,314	0,314	1,256
--	---	-------	-------	-------	-------	--------------

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2023	2024	2025	2026	2027 u lil hinn	TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0,100	3,197	4,834	4,712	4,791	17,653
	Pagamenti	0,100	3,197	4,834	4,712	4,791	17,653

Output stmat iffinanzjat bl-appropriazzjonijiet operazzjonali

Appropriazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs ↓			Sena N		Sena N+1		Sena N+2		Sena N+3		Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)						TOTAL			
	OUTPUTS																			
	Tip ¹	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ² ...																				
- Output																				
- Output																				
- Output																				
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1																				
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																				

¹ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

² Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi ..."

- Output																		
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2																		
TOTALI																		

L-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi tal-ECHA, tal-EEA u tal-COM

L-impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-ECHA

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva

☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	2024	2025	2026	2027	TOTAL
--	------	------	------	------	-------

Direttivi dwar l-aġenti temporanji (Gradi AD) ENV	0,535	1,091	1,112	1,135	3,872
Aġenti temporanji (Gradi AST)					
Aġenti kuntrattwali	0,200	0,407	0,416	0,424	1,447
Esperti Nazzjonali Sekondati					

TOTAL	0,734	1,498	1,528	1,559	5,319
--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------

Rekwiżiti tal-persunal (FTE):

	2024	2025	2026	2027	TOTAL
--	------	------	------	------	-------

Direttivi dwar l-aġenti temporanji (Gradi AD) ENV	7	7	7	7	
Aġenti temporanji (Gradi AST)					
Persunal bil-kuntratt ta' REACH/CLP	4	4	4	4	
Esperti Nazzjonali Sekondati					

TOTAL	11	11	11	11	
--------------	-----------	-----------	-----------	-----------	--

L-impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-EEA

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprijazzjonijiet ta' natura amministrattiva

☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprijazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	2024	2025	2026	2027	TOTAL
--	------	------	------	------	-------

Aġenti temporanji (Gradi AD)	0,526	1,074	1,095	1,117	3,813
Aġenti temporanji (Gradi AST)					
Aġenti kuntrattwali	0,171	0,349	0,356	0,363	1,239
Esperti Nazzjonali Sekondati					

TOTAL	0,697	1,423	1,451	1,480	5,052
--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------

Rekwiżiti tal-persunal (FTE):

	2024	2025	2026	2027	TOTAL
--	------	------	------	------	-------

Aġenti temporanji (Gradi AD)	5	5	5	5	
Aġenti temporanji (Gradi AST)					
Aġenti kuntrattwali	3	3	3	3	
Esperti Nazzjonali Sekondati					

TOTAL	8	8	8	8	
--------------	----------	----------	----------	----------	--

Rekwiżiti stmati dwar l-appropriazzjonijiet amministrattivi fil-Kummissjoni

Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva

☒ Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati ¹ l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	2023	2024	2025	2026	2027 u lil hinn	TOTAL
--	------	------	------	------	-----------------	-------

INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali						
Riżorsi umani		0,314	0,314	0,314	0,314	1,256
Nefqa amministrattiva oħra						
Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali		0,314	0,314	0,314	0,314	1,256

Barra mill-INTESTATURA 7¹ tal-qafas finanzjarju pluriennali	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Riżorsi umani						
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva						
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli

TOTAL		0,314	0,314	0,314	0,314	1,256
--------------	--	-------	-------	-------	-------	--------------

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

¹ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

	2023	2024	2025	2026	2027 u lil hinn
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	2	2	2	2	2
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet)					
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)					
01 01 01 11 (Riċerka diretta)					
Linji baġitarji oħra (speċifika)					
20 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”)					
20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet)					
XX 01 xx yy zz ²	- fil-Kwartieri Ġenerali				
	- fid-Delegazzjonijiet				
01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)					
01 01 01 12 (AC, END, INT - Riċerka diretta)					
Linji baġitarji oħra (speċifika)					
TOTAL	2	2	2	2	2

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	Iħejju u jmexxu l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni ġodda tal-Kummissjoni, li jistabbilixxu listi ta' sorveljanza tal-ilma tal-wieċ u ta' taħt l-art ta' sustanzi niġġiesa ta' tħassib emerġenti għall-monitoraġġ tagħhom bil-ħsieb li tiġi vvalutata l-ħtieġa li jiġu stabbiliti standards tal-UE; Iħejju u jmexxu l-adozzjoni ta' atti delegati ġodda tal-Kummissjoni, kull 6 snin, sabiex jirrieżaminaw u jaġġornaw il-lista ta' sustanzi niġġiesa u l-istandards korrispondenti għall-UE kollha li jeħtieġ li jiġu indirizzati għall-fini tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent; Isostnu djalogu dwar il-ġestjoni tal-ilma mal-Istati Membri, mal-EEA u mal-ECHA inkluż fil-qafas ta' gruppi u
-------------------------------	---

² Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji “BA”).

	kumitati ta' esperti rilevanti; Iħejju u jmexxu l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni u atti delegati ġodda tal-Kummissjoni marbuta mal-implimentazzjoni tad-Direttiva l-għdida dwar il-Kwalità tal-Arja. Jappoġġaw lit-tim fl-implimentazzjoni tad-Direttiva riveduta dwar il-Kwalità tal-Arja, speċjalment għal dispożizzjonijiet ġodda li jeħtieġu involviment imsaħħaħ mal-awtoritajiet kompetenti. Iħejju u jmexxu l-iżvilupp ta' gwida teknika li tirriżulta mir-reviżjoni, fil-qasam tal-monitoraġġ, l-immudellar, u l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja.
Persunal estern	

Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

Il-proposta/l-inizjattiva:

☒ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

Il-pakkett LIFE (linja baġitarja 09.02.02) se jintuża sabiex jikkumpensa għaż-żieda tas-sussidju tal-ECHA u tal-EEA.

☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/l-inizjattiva:

☒ ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi

☐ tippredix l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approporzjonijiet f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N ¹	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approporzjonijiet kofinanzjati								

¹ Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

Impatt stmat fuq id-dħul

☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet
pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprijazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ²						
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu								

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[...]

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[...]

² Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.